# IL-BIBBJA, IL-QUDDIESA, U L-IKLA TAL-MULEJ

# IL-BIBBJA, IL-QUDDIESA U L-IKLA TAL-MULEJ

## KIENU L-EWWEL KRISTJANI JEMMNU FIL-QUDDIESA?

Il-Kelma ta' Alla tagħtina din it-twissija:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).

Ukoll għandna din it-twissija:

> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ SKOND DAK LI ĠEJ MILL-BNEDMIN; skond il-prinċipji TAD-DINJA U MHUX TA' KRISTU*" (Kolossin 2:8. enfasi tiegħi).

Jiena kont mgħallem illi l-Knisja Kattolika Rumana tiċċelebra l-Quddiesa għaliex din kienet imwaqqfa minn Ġesù Kristu fil-lejl tal-Ħamis ix-Xirka u li l-Knisja Kattolika kienet l-uniku kustodju fidil ta' dak li sar f'dak il-lejl.

Wara xi żmien jiena kbirt u bdejt aċċidentalment ninteressa ruħi fil-Bibbja Mqaddsa, li l-ġenituri tiegħi qatt ma kienu qraw, mhux għax ma riedux li jagħmlu dan imma għaliex qatt ma kienu nkoraġġuti mill-awtoritajiet tal-Knisja Kattolika Rumana biex jagħmlu dan. Jiena sibt li l-Bibbja Mqaddsa kienet il-Kelma ta' Alla. Din kienet għalija esperjenza għal kollox ġdida. Sibt ukoll tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħi fil-Bibbja u bdejt nirrifletti fuq il-wirt reliġjuż tiegħi. Bdejt nara l-Quddiesa b'mod differenti. L-Iskrittura Mqaddsa ħaditni lura għall-knisja tal-bidu u għall-prattika appostolika tagħha u pprovdiet il-bidu perfett sabiex neżamina t-tifsira oriġinali tat-Tqarbin, ta' l-Ikla tal-Mulej.

F'dan l-istudju waqt li tkun qed taqra ssib xi kwotazzjonijiet li jinsabu fil-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*. Per eżempju, [1365] jindika li nformazzjoni li għandha x'taqsam tista' tinstab fil-*Katekiżmu*, paragrafu 1365. Jiena nissuġġerixxi li jkollok kopja *tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* u tirriferi għalih kull darba li ssib xi kwotazzjoni jew li tfittex aktar spjega tal-Knisja Kattolika Rumana.

**KMIENI FIL-ĠIMGĦA MQADDSA**

Il-ministeru ta' Ġesù kien ġej għat-tmiem u l-awtoritajiet urew ostilità Lejh. Huma fittxew opportuntitajiet biex jarrestawh u joqtluh għaliex it-tagħlim Tiegħu kien f'konflitt ma' n-numru kbir ta' tradizzjonijiet reliġjużi li huma kienu jżommu bħala sagri.

Minkejja l-isforzi tagħhom, il-pjanijiet tagħhom biex jarrestaw lil Ġesù ma rnexxewx. Forsi huma ħasbu li dan qatt ma kien se jirnexxielhom li jgħamluh. Sezzjonijiet ta' ippjanar ċertament li komplew fit-tul matul il-lejl kif ukoll talb għall-arrest ta' dan il-midgħi kien jintqal mir-rabbi. L-istennija kienet dlonk se tispiċċa:

"Jien nixtieq li nkellem lil wieħed mill-qassisin il-Kbar. Għidulu li huwa għall-vantaġġ tiegħu li jiena nkellmu malajr kemm jista' jkun." Min ngħidlu li jixtieq li jkellmu?" "Jiena jisimni Ġuda. Wieħed mid-dixxipli ta' Ġesù."

Kull ħaġa li kienet qed issir, sezzjoni ta' talb, eċċ., f'dak il-lejl, ċertament li waqfet u huma tefgħu l-attenzjoni kollha tagħhom fuq Ġuda. Ġuda xtaq li jittradixxi lil Ġesù li qabel perfettament ma' dak kollu li huma kienu qegħdin jippjanaw u jitolbu għalih! L-Iskrittura turi r-reazzjoni tagħhom b'dan il-kliem:

> "*Għal din l-aħbar ferħu ħafna, u wegħduh li jagħtuh xi flus*" (Mark 14:11).

Fl-aħħar dak li huma talbu għalih kien jidher li twettaq u għalihom dan kien intervent divin. Il-ftit ġranet ta' wara kienu importanti għal Ġuda, li fittxew il-waqt li kien f'waqtu biex jittradixxi lil Ġesù.

Mingħajr ma d-dixxipli kienu jafu, Ġesù għamel il-preparazzjonijiet u l-pjanijiet kollha biex jiċċelebra l-Ikla ta' l-Għid magħhom. Huma kellhom imorru f'Ġerusalem u jimxu wara raġel li jkun qiegħed iġorr ġarra ilma. Hu jeħodhom f'kamra fuq li kienet ippreparata għalihom u hemmhekk huma jiċċelebraw l-Ikla ta' l-Għid (Luqa 22:10-14).

### L-IKLA TA' L-GĦID

L-Ikla ta' l-Għid ipprovdiet it-tqegħid, l-ambjent għall-istituzzjoni ta' **l-Ikla tal-Mulej**.

L-iżball komuni kien biex jinfired u jinqata' għalih waħdu l-kliem ta' Ġesù fl-Ikla tal-Mulej mill-kontenut storiku li fih dan intqal, u dan irriżulta f'fehma totalment differenti minn dik li Ġesù oriġinarjament intenzjona li tkun. Għalhekk, huwa importanti ħafna għall-vantaġġ tagħna f'dan il-waqt li nsiru aktar midħla ta' l-istorja ta' l-Ikla ta' l-Għid.

L-ewwel Ikla ta' l-Għid saret madwar 1,500 sena qabel ma twieled Ġesù. Id-dixxendenti ta' Abraham marru fl-Eġittu u matul l-400 sena ta' wara kibru minn ftit tużżani għal kważi tliet miljun ruħ. Ir-relazzjoni tajba li darba kellhom il-Lhud mal-poplu Eġizzjan ma eżistietx aktar. Is-saħħa numerika tagħhom kienet ta' theddida għal l-Eġittu. Biex ma jħallux li ssir xi rewwixta, l-Eġizzjani ssottomettew lil ulied Israel għall-iskjavitù u l-moħqrija.

Madankollu, Alla ma warrabx u għalaq widnejh għat-talb ta' l-Israeliti l-anqas ma nesa l-wegħda Tiegħu lid-dixxendenti ta' Abraham għad jgħixu f'art li "*tnixxi ħalib u għasel*" (Eżodu 3:8, 17), l-Art l-Imwiegħda. Alla qajjem lil Mosè biex imexxi lill-poplu Tiegħu għall-ħelsien. Is-sejħa ripetuta ta' Alla lil Fargħun--"*Ħalli l-poplu Tiegħi jitlaq*"--naqset milli ċċaqlaq il-qalb iebsa tal-Fargħun. Persważjoni verbali issa tat lok għal serje ta' kastigi, kull wieħed gravi aktar minn ta' qablu. L-għaxar u l-aħħar wieħed kien il-mewt ta' l-ewwel imwieled ta' kull familja nkluż l-ewwel imwieled ta' l-annimali fl-għelieqi. Ebda wieħed minn dawn ma kien se jiġi effettwat kemm-il darba l-ordnijiet ta' Alla ta' protezzjoni jiġu mħarsa:

> "*Imbagħad Mosè sejjaħ lix-xjuħ kollha ta' Israel, u qalilhom: Morru u ħudu għalikom ħaruf skond il-familji tagħkom, u oqtlu l-ħaruf tal-Għid. Ħudu qabda żuf u billuh fid-demm fil-bieqja. Ħadd minnkom ma joħroġ mill-bieb ta' daru 'l barra qabel filgħodu. Għax il-Mulej se jgħaddi biex jidrob l-Eġizz-jani; imma meta jara d-demm mal-blata u l-ġnub tal-bieb, il-Mulej jaqbeż lil bwiebkom u ma jħallix lill-qerried jidħol jidrobkom fi djarkom*" (Eżodu 12:21-23).

Iżrael għamel kif ordna Alla. Kull familja qatlet ħaruf u, sabiex tkun imħarsa mill-ħaqq ta' Alla, raxxet id-demm tal-ħaruf fuq id-dar tagħha. Imbagħad huma qagħdu jistennew biex jaraw x'kien se jagħmel Alla. F'Eżodu 12:29-30, naqraw,

> "*Ġara li f'nofs il-lejl il-Mulej darab l-ulied il-kbar fl-art ta' l-Eġittu, mit-tifel il-kbir tal-Fargħun bid-dritt għat-tron sal kbir ta' l-ilsir ġewwa l-ħabs, u kull ferħ ta' l-ewwel tal-bhejjem. U l-Fargħun qam bil-lejl, hu u l-qaddejja tiegħu, u l-Eġizzjani kollha, u tel-għet twerżiqa waħda kbira mill-Eġittu, għax ma kienx hemm dar li ma kienx hemm xi mejjet fiha.*"

F'dak il-lejl il-Fargħun sejjaħ lil Mosè u ordnalu biex joħ-roġ lil Israeliti mill-Eġittu. Il-ħelsien tagħhom ikun imfakkar kull sena mill-ġenerazzjonijiet ta' wara ta' l-Israeliti fl-osserva-nza tagħhom ta' l-Ikla tal-Għid. F'Eżodu 12:14, 25-27 naqraw:

> "*Dak il-jum ikun għalikom jum ta' tifkira, u intom tħarsu bħala festa tal-Mulej; iżżom-mu din l-oservanza bħala liġi għaż-żminijiet kollha li ġejjin…U meta tidħlu fl-art li l-Mulej għad jagħtikom, bħalma wiegħed, żommu din id-drawwa. Meta mbagħad ulied-kom jistqasukom: X'inhi din id-drawwa?'*

*intom tweġbuhom: "Dan hu s-sagrifiċċju ta' l-Għid tal-Mogħdija tal-Mulej, meta hu baqa' għaddej min-nofs id-djar ta' wlied Israel fl-Eġittu meta darab lill-Eġizzjani, iżda ħeles lil djarna.' "Miel il-poplu u ta qima b'wiċċu fl-art."*

Ukoll l-ikel li huma kienu jieklu fl-Ikla tal-Għid kellu sinifikat: il-ħaruf maqtul reġa' fakkar kif il-ġudizzju ta' Alla tbiegħed permezz tad-demm tal-ħaruf; il-ħaxix morr wera l-abitazzjoni iebsa tagħhom fl-Eġittu; il-ħobż bla ħmira kien imsejjaħ "*ħobż in-niket*" (Dewteronomju 16:3).

Din kienet l-ikla, u l-ġrajja li hija ikkommemorata, li Ġesù iċċelebra mad-dixxipli Tiegħu fil-kamra ta' fuq ftit qabel il-mewt Tiegħu. Dan huwa **l-kuntest** li fih il-kliem imlissen minn Ġesù fit-twaqqif ta' l-Ikla tal-Mulej għandu jiġi eżaminat.

### L-IKLA TAL-MULEJ

L-okkażjoni ma kinetx waħda solenni. Il-konverżazzjoni f'dik il-lejla sata' kien li kienet ikkonċernata dwar il-ħelsien ta' wlied Iżrael mill-jasar fl-Eġittu u dwar l-okkupazzjoni li huma bħala konsegwenza ta' dan, kellhom ta' l-Art Imwiegħda. Ċertament li siltiet mill-kitba ta' Mosè kienu msemmija, li semmew il-ħruġ mill-Eġittu. Ħelsien mill-jasar kienet it-tema prinċipali.

Ġesù spiss tkellem dwar il-mewt Tiegħu nnifsu fil-kuntest tal-ħelsien spiritwali tagħna, punt li mhux dejjem kienu jifhmuh l-appostli Tiegħu. Ġesù uża ħobż ażżmu u frott tad-dielja mill-Ikla tal-Għid biex jitkellem dwar ħelsien ieħor. Din id-darba l-ħelsien ma kienx se jkun mill-jasar ta' l-Eġittu imma ħelsien mill-jasar ta' dnubietna. Dan il-ħelsien ikun żgurat mhux billi jinqatel ħaruf u jittraxxax demmu fuq djarna kif il-Lhud għamlu fl-Eġittu sekli ilu, imma jkun żgurat minn Alla billi jipprovdi lil Ibnu bħala l-Ħaruf li l-mewt Tiegħu tneħħi d-dnubiet tagħna. Fil-Vanġelu ta' Ġwanni naqraw hekk:

"*Il-għada Ġwanni ra lil Ġesù riesaq lejh, u qal: "Araw il-Ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja*" (Ġwanni 1:29)

L-appostlu Pawlu jgħidilna:

> "*Tnaddfu mill-ħmira l-qadima ħalli tkunu għaġna ġdida, kif intom bla ħmira. Il-Ħaruf tal-Għid tagħna, li hu Kristu, hu maqtul*" (1 Korintin 5:7).

F'Mark 14:22:-25, naqraw dwar it-twaqqif ta' l-Ikla tal-Mulej:

> "*Huma u jieklu, ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newwilulhom u qal: "Ħudu, dan hu ġismi." Imbagħad ħa l-kalċi f'idejh, radd il-ħajr, u newwilhulhom, u lkoll xorbu minnu. U qalilhom: "Dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għal kotra. Tassew, ngħidilkom, li ma nixrobx iżjed mill-frott tad-dielja sa dak in-nhar li nixrob inbid ġdid fis-Saltna ta' Alla.*"

Kif ġenerazzjonijiet Lhud li ġew wara **ikkommemoraw** (**fakkru**) il-ħelsien tagħhom billi osservaw l-Ikla tal-Għid, hekk ukoll il-Kristjani f'ġenerazzjonijiet li jiġu wara **jfakkru** l-ħelsien spiritwali tagħhom billi **jikkommemoraw** il-mewt ta' Ġesù fl-Ikla tal-Mulej. L-Ikla tal-Mulej kienet tħares lura għall-punt fl-istorja meta Alla ħeles lill-poplu Tiegħu. Fl-istess mod, il-ħobż u l-frott tad-dielja fl-Ikla tal-Mulej iħarsu lura għal *meta* Ġesù, il-Ħaruf tal-Għid tagħna, xerred Demmu u offra Lilu Nnifsu bħala sagrifiċċju biex aħna nkunu ħielsa. Dan kien kif il-knisja tal-bidu fehmet l-Ikla tal-Mulej.

X'inhu dak li kkontribwixxa għal kontraversja imdawwra mal-kliem ta' Ġesù fit-twaqqif ta' l-Ikla tal-Mulej? Il-problema kienet maħluqa permezz ta' tbegħid milli l-Iskrittura tkun aċċettata bħala l-unika awtorità għal dak li aħna nemmnu u nipprattikaw. L-awtorità *kollha* mogħtija lil Kristu ma baqgħetx l-*unika* awtorità iżda magħha *żdietet* awtorità tal-bnedmin ukoll!

> "*Ġesù resaq ikellimhom u qalilhom: "Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art*" (Mattew 28:18).

Xi wħud isostnu li l-awtorità jew setgħa finali fuq l-art hija huma. Iżda, eżami bir-reqqa juri l-konflitt serju bejn it-tagħlim ta' dawn u t-tagħlim tal-Kelma ta' Alla, dak li nsibu fil-Bibbja Mqaddsa.

L-appostli li ta' spiss kienu jistaqsu dwar it-tagħlim ta' Ġesù, ma kellhom ebda bżonn biex jinterrogawh f'din l-okkażjoni. Huma kienu jafu x'kien qiegħed ifisser. Huma kienu jafu meta Hu ħa l-ħobż u l-inbid u qal li kien il-ġisem Tiegħu u d-demm imxerred Tiegħu li ma kinetx l-intenzjoni Tiegħu li huma jifhmuh *letteralment*. Ġesù kien għadu ma mietx! Huma semgħu jgħid, wara li kienu xorbu l-inbid,

> "*…ma nixrobx iżjed mill-frott tad-dielja sa dak in-nhar li nixrob inbid ġdid fis-Saltna ta' Alla.*"

Huma kienu jafu li ma xorbux id-demm letterali Tiegħu imma l-frott tad-dielja. Huma semgħu lil Ġesù jsejjaħlu "***Frott tad-dielja***" (Mark 14:25).

Lanqas ma kien twemmin appostoliku li Ġesù kien wettaq miraklu f'dan il-lejl, billi jbiddel il-ħobż u l-inbid għall-ġisem u d-demm Tiegħu. Ma hemm assolutament xejn biex jappoġġja t-twemin li f'dak il-waqt kien sar xi miraklu! Ħarsa ħafifa dwar x'jikkonstitwixxi miraklu għandha tistabbilixxi dan il-punt. Aktar 'il quddiem f'dan l-istudju naraw aktar provi Bibliċi kontra din id-dottrina.

Meta Ġesù biddel l-ilma f'inbid fil-festa tat-tieġ f'Kana tal-Galilija, dak il-miraklu sata' jkun ivverifikat mis-sensi: dan kien jidher bħala nbid. Dan kien jinxtamm bħala nbid. Ukoll dan kellu t-togħma ta' nbid. Ma kien hemm ebda dubju dwaru! Dan kien inbid u mhux aktar ilma. Dawk kollha preżenti qablu li dak kien inbid. Ir-riżultat tal-miraklu kkawża lin-nies jonoraw u jigglorifikaw lill-Mulej (Ġwanni 2:1-11). Meta Ġesù naddaf lill-imġiddmin il-bidla fid-dehra tagħhom kienet ċara għal kulħadd. Ebda wieħed ma ddubita li kien sar miraklu (Luqa 17:11-19).

Il-ħobż u l-inbid *jirrappreżentaw* il-ġisem u d-demm ta' Kristu u dawn jibqgħu jirrappreżentawhom *sa ma jerġa' jiġi*. L-appostlu Pawlu jgħidilna:

> "*Mela kull meta tieklu* ***dan il-ħobż*** *u tixorbu* ***dan il-kalċi****, intom* ***ixxandru*** *l-mewt tal-Mulej* ***sa ma jiġi***" (1 Korintin 11:26. Enfasi tiegħi).

Jekk aħna, meta nkunu qegħdin nieklu l-ħobż u nixorbu l-frott tad-dielja, u permezz ta' dan inkunu qegħdin **infakkru u nxandru** l-mewt tal-Mulej **sa ma jiġi**, kif nistgħu, nistaqsi jien, infakkru u nxandru lil Ġesù Kristu **sa ma jiġi** jekk permezz ta' l-Ikla tal-Mulej, skond it-tagħlim tal-Knisja Kattolika Rumana, Ġesù jkun qiegħed preżenti *letteralment* magħna fil-ġisem u d-demm? Aħna nafu li Ġesù se jerġa' jiġi fl-aħħar taż-żminijiet, fit-tmiem tad-dinja, u f'dak il-ħin Ġesù jiġi, mhux spiritwalment imma *letteralment*. Mattew jgħidilna,

> "*Imbagħad jidher fis-sema s-sinjal ta' Bin il-bniedem, il-popli kollha ta' l-art jibdew jagħtu fuq sidirhom****, u jaraw lil Bin il-bniedem ġej*** *fuq is-sħab tas-sema b'qawwa u glorja kbira*" (Mattew 24:30. Enfasi tiegħi).

Hawn Ġesù jiġi letteralment u **mhux** fl-Ikla tal-Mulej! Ġesù qiegħed spiritwalment hawn f'nofsna. Hu nnifsu jgħidilna dan,

> "*Għax fejn hemm tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi hemm inkun jien f'nofshom*" (Mattew 18:20).

Nemmnu aħna li Ġesù jkun qiegħed f'nofsna meta aħna nkunu miġbura flimkien f'ismu? Għalkemm Hu jkun f'nofsna, f'dak il-mument waqt li aħna nkunu miġbura flimkien fl-ewwel jum tal-ġimgħa biex nagħtu qima lil Alla, permezz ta' l-Ikla tal-Mulej, aħna nkunu qegħdin **infakkru** l-ħelsien tagħna mid-dnub permezz tal-mewt ta' Ġesù u wkoll li Ġesù għad narawh **letteralment** kif tgħidilna l-Kelma ta' Alla,

> "*Araw, ġej fis-sħab, u l-għajnejn kollha jarawh, ukoll dawk li kienu nifduh: u r-razez kollha ta' l-art jibdew iħabbtu fuq sidirhom minħabba fih. Iva, Amen*" (Apokalissi 1:7).

Fejn Alla ried li nifhmuh **letteralment** Hu kien ċar dwar dan!

F'dak il-lejl fil-kamra ta' fuq Ġesù qal lil l-appostli Tiegħu li Hu ma kienx se jibqa' aktar magħhom; Hu kien se jmur lura fis-smewwiet. Madankollu, huma ma kinux abbandunati bħala iltima. Hu jiġi għandhom u jibqa' magħhom għal dejjem. Kif Kristu jkun preżenti magħhom għal dejjem? Il-preżenza reali ta' Kristu ma kinetx se tkun fil-ħobż jew fl-inbid imma fl-Ispirtu s-Santu, li Ġesù bagħat biex jieħu l-post Divin Tiegħu fid-dinja. Ġwanni jgħidilna:

> "*U jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' dejjem magħkom, l-Ispirtu tal-verità, li d-dinja ma tistax tirċevih, għax hija la tarah u lanqas tagħarfu. Iżda intom tagħarfuh, għaliex igħammar magħkom, u huwa fikom. Ma nħallikomx iltiema;* ***nerġa' niġi għandkom***" (Ġwanni 14:16-18. Enfasi tiegħi).

Ġesù qal li "**se jerġa' jiġi**" imma nistaqsi jien, "meta se jerġa' jiġi?" Ċertament li hawn Ġesù **mhux** qiegħed jirriferixxi li se jerġa' jiġi *letteralment* fil-ħobż u fil-frott tad-dielja fil-Quddiesa Kattolika! Aħna għandna nħarsu għal xhieda tal-preżenza ta' Kristu mhux f'bini qaddis, imma fil-ħajja tan-nies qaddisa Tiegħu. Għal sekli l-Lhud kienu jmorru fit-tempju biex jaduraw lill-Mulej għaliex kien hemm li l-preżenza Tiegħu kienet tkun. Ġesù ġie u bena tempju ġdid li fih Alla jgħammar. Dan it-tempju mhuwiex magħmul mill-ġebel u qatran, iżda hu magħ-mul mill-Kristjani kollha li jintqal li huma "*ġebel ħaj*" fit-temp-ju ta' Alla (1 Pietru 2:5-9). L-appostlu Pawlu juri l-istess ħsieb meta hu jgħid dwar il-Kristjani:

> "*Għalhekk ma għadkomx aktar barranin u frustiera, imma intom ċittadini flimkien mal-*

*qaddisin u nies tad-dar t'Alla, mibnijja lkoll fuq is-sisien ta' l-appostli u tal-profeti, fejn Kristu hu l-ġebla tax-xewka. Fih, il-bini kollu jintrabat sewwa, jitla' f'****tempju**** qaddis fil-Mulej; fih intom ukoll fl-Ispirtu, tinbnew flimkien* ***f'dar fejn igħammar Alla***" (Efesin 2:19-22. Enfasi tiegħi).

Billi Alla jgħammar fil-knisja Tiegħu (meta ngħid il-knisja nkun qiegħed infisser il-Kristjani kollha u mhux il-bini. Atti 17:24), aħna spiss naqraw dwar l-appostli jsejħu fuq il-knisja biex turi fil-ħajja tagħha l-preżenza tal-Mulej irxoxtat. Il-knisja għandha ssir imitatura ta' Ġesù Kristu (1 Korintin 11:1). Din hija l-preżenza reali ta' Kristu li nsibu msemmija fl-Iskrittura Mqaddsa.

L-appostli ma kellhomx għalfejn ikunu teologi mħarrġa biex ikunu jafu x'fisser Ġesù meta Hu tkellem dwar il-ħobż u l-inbid li huma **tifkira** tal-mewt Tiegħu. Huma kienu familjari mal-kelma **tifkira** billi din kienet użata kull darba li kienu jos-servaw l-Ikla tal-Għid. Fiż-żewġ każi, it-tifkira kienet turi għal żmien meta Alla assigura l-ħelsien għall-poplu Tiegħu: ħelsien mill-iskjavitù fl-Eġittu u, permezz tas-sagrifiċċju waħdieni tal-Ħaruf ta' Alla f'din l-okkażjoni, ħelsien mid-dnub. Il-ħobż u l-inbid **jirrappreżentaw** il-ġisem imkisser u d-demm imxerred tas-Salvatur. Ħalli niċċara dan billi nagħti eżempju.

Kull nazzjon għandu l-bandiera tiegħu. Meta kap ta' stat iżur xi pajjiż huwa juri r-rispett tiegħu lejn dak il-pajjiż billi jsellem lill-bandiera ta' dak il-pajjiż li hu jkun mar iżur. Il-bandiera **tirrappreżenta** lil dak il-pajjiż. Aħna lkoll rajna fl-aħbarijiet fuq it-televiżjoni fejn ħafna minn dawk li jkunu qegħdin jipprotestaw kontra xi pajjiż jew gvern jaħarqu l-band-iera ta' dak il-pajjiż li kontrih qed issir il-protesta. Huma jkunu qegħdin ċertament jagħmlu wisq aktar milli sempliċiment jaħarqu biċċa ċarruta bil-kuluri; huma qegħdin jirreġistraw l-oppożizzjoni tagħhom billi jaħarqu dak li **jirrappreżenta** lil dak il-pajjiż, f'dan il-każ, il-bandiera tiegħu. Fl-istess mod il-ħobż u l-inbid **jirrappreżentaw** il-ġisem u d-demm imxerred

tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Dan huwa kif fehmu l-appostli l-kliem ta' Ġesù!

### SAGRIFIĊĊJU WIEĦED

Li wieħed joffri sagrifiċċji ta' l-annimali mhix ħaġa li wieħed jista' jidentifika ruħu magħha llum. Dan ikun kollu jidher li huwa għal kollox mingħajr ebda skop. Iżda, l-offerta ta' sagrifiċċji kienet xi ħaġa prominenti fil-ħajja reliġjuża tal-Lhud. Dawn is-sagrifiċċji servew bħala dell, iħabbru l-miġja ta' xi ħaġa reali. Huma kienu juru għal dak il-jum meta qassis wieħed speċjali jikseb il-maħfra tagħna. Dan huwa dak li għalih Ġesù kien qiegħed jirriferixxi fil-kamra ta' fuq meta tkellem dwar li jxerred demmu għall-maħfra tad-dnubiet tagħna. Ġesù huwa s-sagrifiċċju reali li ġie biex iwettaq dak kollu li kien iffigurat bil-ħsieb minn qabel, li kien id-dell ta' dak li għad kien irid jiġi. Is-suffiċjenza tas-sagrifiċċju wieħed ta' Ġesù hija mpoġġi-ja f'kuntrast mas-sagrifiċċji li kienu jsiru ta' kulljum mingħajr effett offruti mill-qassisin ta' Iżrael. Naqraw dwar dan fl-Ittra lil-Lhud 10:11-18,

> "*Kull qassis ieħor imur kulljum biex jaqdi l-ministeru tiegħu, u joffri u jerġa' joffri l-istess sagrifiċċju, bla ma jistgħu qatt ineħħu d-dnubiet. Imma Kristu, wara li offra sagrifiċċju* ***wieħed*** *għad-dnubiet, qagħad għal dejjem fuq in-naħa tal-lemin ta' Alla,...Għax hu b'offerta* ***waħda*** *għamel perfetti għal dejjem lil dawk li huwa jqaddes...Issa, fejn hemm il-maħfra tad-dnubiet,* ***ma hemmx għalfejn issir aktar l-offerta għad-dnubiet***" (enfasi tiegħi).

L-Iskrittura Mqaddsa tagħmilha ċara lis-sagrifiċċju ta' Ġesù kien **ta' darba**, sagrifiċċju li **ma jerġax ikun irripetut**. Il-mewt Tiegħu, bħall-qawmien Tiegħu, huma li ma jerġgħux ikunu rripetuti. Niftakar l-ewwel darba li qrajt l-Ittra lil-Lhud wara li bdejt naqra l-Bibbja Mqaddsa, dak li kien igħaġġibbni kien kif xi ħadd li jaqra din l-ittra jibqa' jemmen fis-Sagrifiċċju Qaddis

tal-Quddiesa. Il-Quddiesa **qatt** ma tista' tkun irrikonċil-jata ma' l-Iskrittura Mqaddsa. Madankollu, il-Knisja Kattolika Rumana temmen lit-twemmin tagħha huwa l-istess bħal dak ta' l-appostli u dak tal-knisja tal-bidu. Ix-xhieda mill-Iskrittura Mqaddsa ma tappoġġjax dik it-talba! Ġesù offra sagrifiċċju wieħed biss u dan għamlu darba għal dejjem. Dan ma jista' qatt aktar li jerġa' jsir xi darb'oħra. Imma l-Knisja Kattolika Rumana mhux hekk tgħallem u tipprattika fil-Quddiesa tagħha li ssejħilha bħala "s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa" li jsir eluf ta' drabi kuljum, ukoll għalkemm Ġesù qal fuq is-salib li "*kollox hu mitmum*"! (Ġwanni 19:30).

### IS-SAGRIFIĊĊJU TAL-QUDDIESA

X'inhi l-Quddiesa?

"*Il-Quddiesa Mqaddsa hija s-Sagrifiċċju tal-Ġisem u tad-Demm ta' Ġesù Kristu, tassew preżenti fuq l-artal taħt id-dehra tal-ħobż u l-inbid, u offruti lil Alla għall-ħajjin u għall-mejtin*" *(S.C.D., 301).*

*1. "Huwa Ġesù Kristu nnifsu li hu l-Vittma--l-istess Ġesù Kristu li darba offra Lilu nnifsu f'manjiera demmija fuq l-artal tas-Salib issa qiegħed offrut f'manjiera mingħajr demm" (p. 302).*

*"Hemm il-qerda mistika tal-Vittma, ippreżentata permezz tal-konsagrazzjonijiet separati, li tpoġġi lil Kristu fuq l-artal bħallikieku kienet mejta. Hija l-konsagrazzjoni li tagħmel lill-Vittma preżenti fuq l-artal, u tpoġġiha fi stat ta' qisha mejta..." (p. 302-303).*

*"Fil-Quddiesa Ġesù Kristu joffri Lilu nnifsu kollu kemm hu u għal kollox lill-Missier bħala Vittma..." (p.305).*

Hawn naraw, illi l-qassis *Kattoliku "għandu s-setgħa fuq il-proprju ġisem ta' Ġesù Kristu.*" Hu l-*ewwel "jagħmlu preżenti fuq l-artal*" u mbagħad "*f'Isem Kristu nnifsu huwa joffrih bħala vittma li toġgħob lill-Maestà Divina*" *(Pius XI, Ad Catholici Sacerdotii (pp. 8-9*).

Meta aħna nqabblu dak kollu li qrajna ma' l-Iskrittura Mqaddsa, insibu xi kontradizzjonijiet fundamentali. Ħalli

naraw u neżaminaw dak li tgħid il-Klema ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa:

***L-ewwel, hija l-Quddiesa Sagrifiċċju reali li hu offrut kulljum?*** Il-Knisja Kattolika Rumana tgħid li hekk hu. Imma meta aħna nħarsu lejn l-Iskrittura Mqaddsa naraw lis-sagrifiċċju ta' Kristu **dejjem jintqal** li kien **offerta ta' darba.** L-Iskrittura tkompli tinforza dan it-tagħlim billi turi lis-sagrifiċċju ta' Ġesù Kristu jsir *l-istess* daqs kemm il-mewt ta' bniedem issir**, darba biss!** F'Lhud 7:23-29, naqraw hekk:

> "*Dawk ta' l-imgħddi kienu jsiru qassisin f'għadd kbir, għax minħabba fil-mewt ma kenux jistgħu jibqgħu għal dejjem. Imma Ġesù billi jibqa' għal dejjem għandu saċerdozju li ma jintemm qatt. Għalhekk huwa wkoll jista' jsalva għal kollox 'il dawk li bih jersqu lejn Alla, ladarba hu jibqa' għal dejjem ħaj biex jidħol għalihom. Dan hu tabilħaqq, qaddis il-kbir li kien igħodd għalina: qaddis, innoċenti, safi, maqtugħ mill-midinbin merfugħ 'il fuq mis-smewwiet; li ma għandux bżonn, bħall-qassisin il-kbar l-oħra, joffri kulljum is-sagrifiċċju, l-ewwel għad-dnubiet tiegħu stess, imbagħad għad-dnubiet tal-poplu.* ***Dan hu għamlu darba għal dejjem****, meta offra lilu nnifsu. Għax il-Liġi tqiegħed bħala qassisin il-kbar bnedmin li huma dgħajfa; iżda l-kelma tal-ġurament, li ġiet wara l-Liġi, tqiegħed Iben, li ġie magħmul perfett għal dejjem*" (enfasi tiegħi).

Nistaqsi jien, "Kif tista' l-Quddiesa tkun offerta ta' kulljum ta' Kristu?"

***It-tieni, hija l-Quddiesa sagrifiċċju ta' propizzjoni (tħabbib) ma' Alla?"*** Il-Knisja Kattolika Rumana tgħid li hi. Il-kelma "propizzjoni" fl-Iskrittura tfisser "sodisfazzjon" u għandha riferenza għas-sagrifiċċju ta' Ġesù Kristu bħala li jissodisfa l-ġustizzja divina ta' Alla. Naqraw f'Lhud 9:11-12,

> “*Imma Kristu ġie bħala l-qassis il-kbir tal-ġid li ġa ġie. Hu daħal minn Tinda aqwa u aktar perfetta li mhijiex maħduma b’idejn il-bnedmin, jiġifieri mhijiex ħolqien ta’ din l-art; hu daħal* ***darba għal dejjem*** *fis-Santwarju, mhux bis-saħħa tad-demm tal-mogħoż u tal-għoġiela, imma bis-saħħa ta’ demmu stess, u* ***hekk kiseb fidwa għal dejjem***” (enfssi tiegħi).

Id-dnub ġibed fuqu l-għadab qaddis ta’ Alla u s-sagrifiċċju ta’ Ġesù kien propizzjoni adegwata magħmula lil Alla għalina (Kolossin 1:20-22; Rumani 3:25; 5:1, 10-11; 1 Ġwanni 2:2; 4: 10; eċċ.). Aċċetta Alla l-Missier dan is-sagrifiċċju bħala li kien *xieraq u biżżejjed*? Iva. Il-prova ta’ l-approvazzjoni ta’ Alla tidher f’li Hu qajjem lil Ġesù mill-imwiet u poġġieh għal dejjem fuq in-naħa l-lemenija Tiegħu. Ġesù **Kristu “kiseb fidwa għal dejjem**” tgħidilna l-Kelma ta’ Alla, il-Bibbja Mqaddsa. X’ikun l-iskop ta’ sagrifiċċju magħmul għal ħafna drabi kull-jum permezz tal-Quddiesa? Il-fidwa ***nkisbet*** *“darba għal dejjem*" għalhekk ma hemmx il-ħtieġa għal sagrifiċċju ieħor! “Is-sagrifiċċju tal-Quddiesa” mhuwiex meħtieġ, għalhekk il-Quddiesa **mhijiex** l-Ikla tal-Mulej!

Kemm spiss kellu s-sagrifiċċju jsir qabel ma Alla kien sodisfatt? It-tweġiba nsibuha wkoll f’Lhud 7:27b,

> “*Dan hu għamlu* ***darba għal dejjem****, meta offra lilu nnifsu*” (enfasi tiegħi).

U f’Lhud 9:28,

> “*hekk ukoll Kristu, wara li offra lilu nnifsu* ***darba biss****…*” (ara wkoll Lhud 9:12; 10:10-14, 18, enfasi tiegħi).

Dan is-sagrifiċċju wettaq u ġab maħfra sħiħa ta’ dnubietna (Lhud 10:12,18). Issa lid-dnubiet tagħna ġew maħfura m’hemmx aktar bżonn kemm għal sagrifiċċju ieħor jew għal dak is-sagrifiċċju ta’ Kristu li jkun kontinwament offrut. Xi skop sagrifiċċju kontinwu jservi? Il-ġustizzja ta’ Alla diġa

kienet issodisfatta u l-maħfra tagħna nkisbet, għalhekk sagrifiċċju kontinwu permezz tal-Quddiesa Kattolika ma jservi għall-ebda skop! *Ladarba l-ħlas ikun imħallas, l-ostaġġi jinħelsu. Il-ħlas m'għandux li jkun imħallas kontinwament!*

Dan iwassalna għall-punt finali tagħna*: Waqqaf Kristu saċerdozzju Kattoliku*? Hawn wieħed jistaqsi, "X'inhu l-iskop li għalih saċerdozzju bħal dan iservi?" Billi l-maħfra tad-dnubiet kienet **miksuba** permezz tas-sagrifiċċju **wieħed** ta' Kristu, ma hemm ebda bżonn għal dak is-sagrifiċċju li jitkompla, u, għalhekk, ma hemm ebda bżonn għal saċerdozzju kif inhu spjegat mill-Knisja Kattolika.

Kull meta jiena nara xi quddiesa fuq it-televiżjoni, u nsegwiha ħalli nkun nista' nifhem aktar dak i jsir, u nqabbel ma' dak li jintqal fit-Testment il-Ġdid, jiena nara mill-qrib kemm din tixbaħ is-sagrifiċċji mingħajr effett u s-saċer-dozzju li aħna naqraw dwaru fit-Testment il-Qadim. Nies f'dak iż-żmien, u llum, għexu fid-dellijiet u ma gawdewx dak lid-dellijiet ħabbru minn qabel: il-miġja ta' **Qassis wieħed**, li joffri **sagrifiċċju wieħed darba għal dejjem**. Huwa preċiżament għaliex il-Knisja Kattolika Rumana ma żżommx dan bħala li huwa minnu li hija addottat il-prattika li tagħmel quddies għal kważi kull okkażjoni.

Quddies huma offruti għall-ħajjin u għall-mejtin, għall-morda, għal dawk li jkunu qegħdin imutu jew mietu. Quddiesa tista' ssir għal intenzjonijiet speċjali ta' xi ħadd, għal żwieġ, preċett u griżma ta' l-isqof tat-tfal, anniversarji taż-żwieġ, jew eżamijiet ta' l-iskola u ħafna okkażjonijiet oħra bħal dawn. Din il-prattika hija l-bogħod ħafna minn dak li Ġesù waqqaf. Il-kommemorazzjoni **sempliċi** ta' l-Ikla tal-Mulej ħadet dehra li żgur ma tinagħrafx mill-appostli.

Immaġina l-appostlu Pietru u martu (Luqa 4:38; 1 Korintin 9:5), jiċċelebraw l-anniversarju tagħhom billi jinkludu l-Ikla tal-Għid! Tagħmel sens għal Żakkarija u Elisabetta li jkollhom Ikla ta' l-Għid fil-funeral ta' binhom, Ġwanni l-Battista? Jekk tnejn jiżżewwġu, dawn jagħmlu quddies, l-istess isir għal kull okkażjoni oħra. Xi jkun hemm ħażin f'kemm fi prattika waħda

kif ukoll fil-prattika l-oħra? Il-problema hija illi l-Ikla tal-Għid tkun użata f'kuntest **barra** mill-iskop oriġinali tagħha. Din m'għandha x'taqsam **xejn** ma' anniversarji ta' żwieġ u funerali! L-Ikla tal-Mulej ukoll għandha skop speċifiku. Din hija **tifkira** tas-sagrificċju **wieħed** li Ġesù offra biex jikseb il-maħf-ra sħiħa tagħna. Il-prattika addattata mill-Knisja Kattolika Rumana hija waħda li mhi xejn f'armonija mal-fidi appostolika. Din hija tbegħid mill-awtorità tal-Kelma ta' Alla u tiddependi fuq it-tradizzjoni tal-bniedem għall-appoġġ tagħha. Imma l-Mulej tagħna jgħid dwar it-tradizzjonijiet:

> "*Hekk intom, twarrbu l-kmandamenti ta' Alla biex tħaddnu t-tradizzjonijiet tal-bnedmin.*" *U qalilhom:* "*Ħelu ħelu ġġibu fix-xejn il-kmandamenti ta' Alla biex tħarsu t-tradizzjonijiet tagħkom.*" (Mark 7:8-9).

### IL-ĠISEM U D-DEMM TIEGĦI

Qabel ma niddiskutu s-suġġett li jmiss, ikun tajjeb li naraw ftit x'tgħallimna sa issa. Aħna rajna li l-Ikla tal-Mulej hija **tifkira** tal-mewt ta' Ġesù u **mhux** sagrifiċċju letterali. Aħna rajna wkoll li Kristu qiegħed presenti **mhux** fil-ħobż u l-inbid, im-ma **fil**-poplu Tiegħu permezz ta' l-Ispirtu s-Santu. It-tabernaklu tiegħu fejn Hu jgħammar **mhumiex** bini qaddis tal-ġebel **imma** poplu qaddis, il-knisja Tiegħu.

Dan issa jippreparalna t-triq biex neżaminaw il-kliem tal-Mulej fi Ġwanni kapitlu sitta li jiġi, b'mod żbaljat, interpretat mill-Knisja Kattolika Rumana bħala li huwa dwar l-Ikla tal-Mulej.

B'ħames ħobżiet u żewġ ħutiet Ġesù tema' lill-folol li kienu mexjin warajh (Ġwanni 6:1-14). Huma wieġbu billi riedu jeħduh u jagħmluh is-sultan tagħhom. Ġesù warrab minn hemm (v. 15). Fil-jum ta' wara l-folla marret wara Ġesù għal Kafarnahum, imma l-motivi tagħhom ma kinux sinċiera; huma riedu lil Ġesù li jwettaq il-mirakli, imma mhux lil Ġesù bħala l-Mulej tal-ħajja tagħhom (v. 26). Ġesù kellimhom dwar il-ħobż differenti, ħobż li jagħti ħajja ta' dejjem (v 27). Mhux bħall-

ħobż li Mosè tema' lil antenati tagħhom fid-deżert, Ġesù huwa l-ħobż veru li ġie mis-smewwiet biex iġib il-ħajja ta' dejjem (versi 30-49).

Waqt li semma l-ħajja ta' dejjem, Ġesù introduċa l-bżonn tal-mewt Tiegħu. Hu joffri l-ġisem Tiegħu u demmu biex jassigura l-ħajja ta' dejjem għalina. Jitkellem b'mod **metaforiku**, Ġesù qal li wieħed għandu jiekol il-ġisem Tiegħu u jixrob demmu biex ikollu l-ħajja ta' dejjem (versi 52-56). Xi wħud ħadu dan bħala offiża u ma baqgħux jimxu aktar warajh. Huma kienu offenduti għaliex ħasbu li Ġesù kien qiegħed jitkellem **letteralment** meta qal li huma għandhom jieklu ġismu u jixorbu demmu. Ġesù ma kienx qiegħed jitkellem f'dan il-mod! Ma kien hemm l-ebda skop f'li ssejjaħ lil dawn in-nies lura għaliex Ġesù kien jaf lil dawk li ma kinux sejrin jemmnuh. Il-grupp li telaq ma kinux nies onesti li qegħdin ifittxu l-verità, imma kienu nies li ma jemmnux (versi 36, 64).

Billi Ġesù innota t-tluq u l-fehma tagħhom ta' kliemu, Hu qal lil dawk li baqgħu, "*il-ġisem ma jiswa għal xejn.*" (vers 63). X'ġisem Ġesù qiegħed jitkellem dwaru? Huwa l-ġisem letterali li xi wħud kienu ħasbu li Hu kien qiegħed jirriferixxi għalih meta huma qalu: "*Kif jista' dan jagħtina ġismu biex nikluh?*" (vers 52). Fil-jum ta' qabel huma kienu rawh *letteralment* iqassam il-ħobż fosthom. Sejjer issa jibda biex iqassam *letteralment* Lilu nnifsu fosthom għall-ikel? Le, dan mhuwiex dak li Ġesù kien qiegħed jitkellem dwaru u Hu jikkonferma dan billi jgħid li l-ikel letterali ta' ġismu ma jagħtix il-ħajja ta' dejjem. Ġesù jgħid:

> "*Hu l-ispirtu li jagħti l-ħajja, il-ġisem ma jiswa għal xejn*" (vers 63).

Kif aħna nieklu u nixorbu l-ġisem u d-demm ta' Ġesù biex b'hekk jista' jkollna l-ħajja ta' dejjem? It-tweġiba għal din il-mistoqsija hija rripetuta għal bosta drabi f'dan il-kapitlu. Aħna nieklu u nixorbu billi niġu għand Ġesù bil-fidi u nemmnu Fih. Dan huwa dak li Ġesù nnifsu qal:

> “*Jiena hu l-ħobż tal-ħajja. Min* ***jiġi*** *għandi ma jieħdu qatt il-ġuħ, u min jemmen fija ma jkun qatt bil-għatx.*”

Ġesù reġa’ qal l-istess ħaġa b’dan id-diskors:

> “*Kull min* ***jara*** *lil l-Iben u jemmen fih, ikollu l-ħajja ta’ dejjem…*”

Kif aħna nistgħu naraw lil Ġesù? Billi naċċettawh u nagħmlu dak li jgħidilna biex nagħmlu!

Fl-aħħarnett, Ġesù qal,

> “*Tassew, tassew ngħidilkom, min* ***jemmen*** *għandu l-ħajja ta’ dejjem*” (versi 35, 40, 47).

Aħna għandna lkoll nipprattikaw dak li nippriedkaw. Sfortunatament, dawk li jippriedkaw li l-kliem ta’ Ġesù għandu jkun meħud **letteralment** ma jagħmlux dan fil-prattika!

Bħala eżempju, wieħed għandu kemm *jiekol* kif ukoll *jixrob* sabiex ikollu l-ħajja ta’ dejjem. Tipprattika l-Knisja Kattolika Rumana dan? Le! Huma jagħtu l-ħobż, imma **mhux** l-inbid, lin-nies! Madankollu, jekk Ġesù għandu jkun meħud **letteralment**, li huma jinsistu fuq dan, allura **t-tnejn**, kemm il-*ħobż* u kemm l-*inbid* għandhom ikunu mogħtija lil kullħadd! Mhijiex skuża li tgħid lid-demm jinsab fil-ħobż ukoll għaliex Ġesù **ordna** li jittieħdu **t-tnejn**! Barra minn dan, jekk il-ħajja ta’ dejjem hija miksuba permezz ta’ l-ikel u x-xorb *letterali* tal-ġisem u tad-demm ta’ Kristu aħna nistennew li l-Knisja Kattolika tagħti dan il-ġisem u d-demm lit-trabi billi l-ħajja ta’ dejjem tiġi **biss** għal dawk li jieklu u jixorbu l-ġisem u d-demm ta’ Ġesù! Huma dawn l-inkonsistenzi fil-prattika li jagħmlu jispikka aktar l-iżball magħmul bl-insistenza li l-kliem ta’ Ġesù għandu jittieħed b’mod letterali.

L-istqarrija ta’ Ġesù, “*Jiena hu l-ħobż tal-ħajja*” (Ġwanni 6:35) hija l-ewwel minn seba’ stqarrijiet bħal “*Jien hu*” f’dan il-Vanġelu. Dawn huma:

1. Ġwanni 6:35 - “*…**Jiena** hu **l-ħobż** tal-ħajja. Min jiġi għandi ma jieħdu qatt il-ġuħ…*” (ara vers 36).

a) Vers 68 - "*...Inti għandek **il-kliem** tal-ħajja ta' dejjem.*" (ara Ġwanni 4:13-15, 23).
b) Vers 34 - "*...**L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda** ta' min bagħatni u li nwassal fit-tmiem l-opra tiegħu.*"
   i. Kif immorru għandu Ġesù? Billi nagħmlu dak li jgħid (Mattew 7:21-27; Luqa 6:46-49).

2. Ġwanni 8:12; 9:5 - "*...**Jiena d-dawl** tad-dinja. Min **jiġi warajja** ma jimxix fid-dlam, iżda jkollu d-dawl tal-ħajja*" (ara versi 31, 51 u 9:7-12).
   a. Ifisser dan li aħna għandna mmorru *letteralment* wara Ġesù bil-mixi?
   b. Jew li aħna nimxu skond il-Kelma Tiegħu u b'hekk inkunu qegħdin "nimxu warajh"?

1. Ġwanni 10:1, 7, 9 - "*Tassew, tassew, ngħidilkom, li l-bieb tan-ngħaġ **huwa Jien**.*"
   a) Vers 1 - "*Tassew, tassew, ngħidilkom, min ma jidħolx fil-maqjel tan-ngħaġ mill-bieb imma jaqbeż ġewwa minn naħa oħra, dak hu ħalliel u brigant.*"

4. Ġwanni 10:11, 14 - "***Jiena r-ragħaj** it-tajjeb.*"
5. Ġwanni 11:25 - "*...**Jiena hu l-qawmien u l-ħajja**. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, igħix.*"
   a) Vers 26 - "*U kull min **jgħix u jemmen** fija dan ma jmut qatt.*" ***Temmnu*** inti dan?" (ara 12:42, 47-50).
6. Ġwanni 14:6 - "*...**Jiena hu t-Triq u l-Verità u l-Ħajja**. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi.*" (aqra 1:24).
7. Ġwanni 15:1 - "***Jiena d-dielja vera**...*" (aqra versi 1, 3, 7, 10, 20, 22).
   c. Hawn Ġesù tkellem bl-aktar mod ċar kemm jista' jkun.
   d. "**Jiena d-dielja vera**" qal Ġesù.
   e. Kif int, li temmen li għandek tieħu l-kliem ta' Ġesù **letteralment** dwar il-ħobż u l-inbid, tieħu dan il-kliem?
   f. Biex inti tkun konsistenti fl-argument tiegħek, inti għandek tieħu dan il-kliem bl-istess mod, jiġifieri, **letteralment**!

g. Imma l-Knisja Kattolika Rumana dan il-kliem ma teħdux **letteralment** imma **figurattivament**! Għaliex?
h. X'differenza hemm bejn it-tnejn?
    i. Qiegħed tara kemm huwa tagħlim żbaljat li tgħid li l-ħobż u l-inbid huma l-ġisem u d-demm *letterali* ta' Ġesù?
    ii. Ġesù qal b'mod l-aktar ċar li "Hu dielja." Għaliex il-Knisja Kattolika ma tgħallimx bl-istess mod dwar dan il-kliem kif hija tgħallem dwar il-ħobż u l-inbid?

Kull waħda minn dawn l-istqarrijiet importanti jgħallmu fatt importanti dwar Ġesù Kristu u r-relazzjoni Tiegħu għall-bniedem. Fil-każ ta' Ġwanni sitta Ġesù jgħid li ebda spazju ma jkun imħolli għall-ġuħ jew għatx *spiritwali* għal dik il-persuna li tirċevih. Wieħed għandu jibqa' **jmur** għand Ġesù u jibqa' **jemmen** Fih. Il-ġuħ u l-għatx tagħna ma jkunux sodisfatti jekk aħna nieqfu milli mmorru għand Ġesu u milli nkomplu nemmnu Fih u nimxu Warajh.

Iżda ebda wieħed li jiġi għand Ġesù b'fidi sinċiera ma jkun imwarrab. Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw (1 Timotju 2:4; 2 Pietru 3:9). Ġesù ried lil dawk il-Lhud kollha li jsalvaw (Ġwanni 6:35-40), iżda Hu ma kienx sejjer jisfurzahom biex jemmnu Fih kontra r-rieda tagħhom. Alla ma jisfurzax lill-bniedem. Fi Ġwanni 5:39-40 naqraw,

> "*Intom tistudjaw l-Iskrittura, għax tgħidu li fiha hemm il-ħajja ta' dejjem; hemmhekk issibu x-xhieda fuqi, u madankollu ma tridux tiġu għandi biex ikollkom il-ħajja.*"

Ġesù ma kienx qiegħed jikkmandahom biex ifittxu fl-Iskrittura. Huma dan kienu diġa' qegħdin jagħmluh. Huma ħasbu li sempliċiment tistudja l-Iskrittura jagħtihom il-ħajja ta' dejjem.

Dak li huma kienu jaħtieġu li jagħmlu kien li **jemmnu** dawk l-Iskritturi, li taw prova dwar Ġesù. Huma kienu fil-libertà li jiġu għand Ġesù jew li jirrifjutaw milli jiġu. Huma rrifjutaw li jiġu u, għaldaqshekk irrifjutaw il-ħajja ta' dejjem (ara Mattew 23:37; Atti 13:46).

Xi wħud ma jemmnux għaliex huma ma jkollhomx imħabba lejn Alla f'qalbhom (Ġwanni 5:41). Oħrajn ma jistqarrux lil Ġesù Kristu għaliex huma jkunu jħobbu t-tifħir mingħand il-bnedmin aktar minn tifħir minn Alla (Ġwanni 12:42-43).

Għalhekk fi Ġwanni 6:37 Alla ried li kull wieħed li hu ta Kristu li jkollu ħajja ta' dejjem u mhux li jintilef. Ir-responsabbiltà tal-bniedem tinsab f'vers 40:

> "*...kull min jara lil l-Iben u* ***jemmen*** *fih, ikollu l-ħajja ta' dejjem.*"

Alla mhux se jieħu d-dritt tal-bniedem li jagħżel. Wieħed għandu jinnota, lit-tnejn, kemm dawk salvi kif ukoll dawk mitlufa jkunu mqajma fl-aħħar jum (Ġwanni 6:40; 5:28-29; 12:48).

Ħafna jaħsbu li Ġesù fi Ġwanni 6:53-59 kien qiegħed jitkellem dwar l-Ikla tal-Mulej, iżda l-kontenut kollu huwa kontra dak il-ħsieb. Ħafna min-nies li kien hemm ma kinux dixxipli fidili ta' Ġesù. Ħafna kienu nies li opponew u argumentaw ma' Ġesù. Ukoll ħafna mid-dixxipli Tiegħu li kienu hemm, wara li semgħu t-tagħlim Tiegħu, daru lura u ma mxewx Miegħu aktar (vers 66). Meta Ġesù waqqaf l-Ikla tal-Mulej (naqraw dwarha fil-Vanġeli l-oħra, Mattew 26:26-30; Mark 14:22-26; Luqa 22:15-23), dan kien mad-dixxipli fidili magħżula Tiegħu.

Tiekol il-ġisem u tixrob id-demm ta' Kristu huma marbuta ma' l-għotja tal-ġisem Tiegħu għall-ħajja tad-dinja (vers 51). Dan jirriferixxi għall-mewta bħala sagrifiċċju Tiegħu għal dnubietna. Ġesù qiegħed jgħid li rġiel u nisa għandhom jaċċettaw is-sagrifiċċju Tiegħu u jafdaw fid-demm li Hu xerred għalihom. Huma għandhom jieħdu lil Kristu permezz tal-Kelma Tiegħu f'qalbhom u jsiru bħalu, jinbidlu permezz tal-qawmien Tiegħu.

Id-diskursata tal-Mulej dwar il-ħobż tal-ħajja m'għandha ebda riferenza għall-istituzzjoni ta' l-Ikla tal-Mulej. Din kienet diskursata li Ġesù ta aktar minn sena qabel ma Hu miet. Is-saħħa kollha tat-tagħlim ta' Ġesù hija li aħna għandna naċċettaw bil-fidi, il-ġisem u d-demm li Hu offra fis-sagrifiċċju **wieħed** Tiegħu Nnifsu lill-Missier għall-ħajja tagħna ta' dejjem.

## X'INHI GĦAQDA QADDISA?

Jekk Għaqda Qaddisa mhijiex sagrifiċċju kontinwu jew l-ikel letterali tal-ġisem u d-demm ta' Alla l-Iben, allura x'inhi? L-aktar biċċa Skrittura li tagħti struzzjoni dwar l-Ikla tal-Mulej/ Għaqda Qaddisa kienet miktuba lill-knisja ta' Kristu f'Korintu. L-appostlu Pawlu kien ġie fil-parti tal-Greċja biex jippriedka l-Evanġelju. Dawk li emmnu l-istqarrijiet ta' Ġesù kienu mgħa-mmda (Atti 18:8).

Is-sħubija tal-knisja kienet tinkludi nies li ġew minn sfond u immoralità pagana (1 Korintin 6:9-11). Xi wħud komplew juru ġibdiet lejn il-prattika reliġjuża tagħhom ta' qabel. Din kellha l-effett li għamel ħerba mill-għaqda tagħhom mal-Mulej. Huma komplew joffru sagrifiċċji lil l-idoli u dan ġiegħel lil Pawlu biex jagħti xi struzzjonijiet appostoliċi.

Meta intom toffru sagrifiċċju lil idolu, Pawlu jgħid, intom ikollkom sħubija/għaqda ma' dak li huwa responsabbli għall-eżistenza ta' l-idolu, f'dan il-każ, id-demonji. Billi intom issa ta Kristu ma tistgħux tkomplu din il-prattika u tistennew li l-għaq-da tagħkom mal-Mulej fl-Ikla Tiegħu tkun qaddisa:

> "*Ma tistgħux tixorbu x-xorb tal-Mulej u x-xorb tad-demonji: ma tistgħux taqsmu fil-mejda tal-Mulej u fil-mejda tad-demonji*" (1 Korintin 10:21-22).

Barra minn dan, kien it-trattament mhux Kristjan tagħhom lejn xulxin meta huma ltaqgħu flimkien bħala knisja li għamel l-għaqda tagħhom mhux qaddisa (1 Korintin 11:17-34). Huma ltaqgħu bħala knisja lokali tal-poplu ta' Alla biex **ifakkru** l-aktar att ta' imħabba li din id-dinja qatt kienet taf u kull ma huma setgħu jagħmlu kien li juru spirtu ta' firda fosthom infus-hom. Għalkemm huma kielu l-ħobż u xorbu l-inbid, l-għaqda tagħhom kienet, madankolu, profana! X'għamilha profana? Kienet il-ħajja mhux qaddisa tagħhom! Ħajja qaddisa hija bżonjuża għall-għaqda qaddisa mal-Mulej.

L-intenzjoni ta' Ġesù kienet li l-knisja Tiegħu tkun waħda li fiha l-membri tal-ġisem Tiegħu jieħdu ħsieb ta' xulxin. L-ispirtu ta' Kristu jidher fil-ħajja tan-nies Tiegħu. Meta l-knisja lokali tiltaqa' flimkien bħala l-poplu ta' Alla u tipparteċipa fil-ħobż u l-inbid, aħna nkunu qegħdin nagħmlu stqarrija. Aħna niddikjaraw li Ġesù l-Qaddis il-Kbir tagħna offra sagrifiċċju wieħed perfett lill-Missier għalina. Għalkemm aħna **ħafna** membri, aħna nagħmlu ġisem **wieħed** biss li fuqu Ġesù Kristu huwa r-Ras. Għaliex aħna aħwa fi Kristu, aħna nappartjenu lill-familja waħda b'Alla bħala l-Missier tagħna. Bħala familja spiritwali niltaqgħu flimkien madwar il-mejda tal-Mulej nikkommemoraw il-prezz li Ġesù ħallas biex jeħlisna minn dnubietna. Din hija l-ikla ta' **tifkira** għall-familja ta' Alla hekk kif aħna nistennew għat-tieni miġja tal-Mulej. Il-verità wara dawn l-istqarrijiet għandu jkollha riflessjoni fit-trattament tagħna lejn xulxin. Din sfortunatament kienet nieqsa fil-knisja ta' Kristu f'Korintu.

L-Iskrittura Mqaddsa dejjem għallmet li meta komunità tal-poplu ta' Alla tiltaqa' flimkien fl-ispirtu ta' Kristu, tipparteċipa fil-ħobż u fl-inbid f'manjiera xierqa u ta' dehen għal Kristu li hija sservi, imbagħad huma jkunu qed ikollhom għaqda mal-Mulej u Hu magħhom. Dan hu dak li kien emmnut u pprattikat mill-appostli u mill-knisja tal-bidu. Din hija Għaqda Qaddisa.

### B'TIFKIRA TIEGĦI

Naqraw fl-Ewwel Korintin 11:23-26,

> *"Jien irċevejt mingħand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt lilkom, jiġifieri, li l-Mulej Ġesù, fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż u wara li radd il-ħajr qasmu u qal: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi." Hekk ukoll għamel bil-kalċi wara li kiel u qal: "Dan il-klaċi hu l-patt il-ġdid b'demmi agħmlu dan kull meta tixorbu, b'tifkira tiegħi." Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u*

*tixorbu dan il-klaċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi.*"

Skond il-kliem tat-test tagħna, l-appostlu Pawlu jagħti r-rivelazzjoni li hu rċieva mingħand il-Mulej Ġesù Kristu dwar l-*Ikla tal-Mulej*. Pawlu ma kienx preżenti fil-lejl li Ġesù waqqaf l-Ikla. Għalhekk, Ġesù rrivela direttament lilu ċ-ċirkustanzi, l-ordni, is-sinifikat u l-iskop ta' l-Ikla tal-Mulej.

F'din il-parti ta' dan l-istudju m'għandix l-iskop li niddiskuti s-sinjifikat tal-ħobż u tal-frott tad-dielja, dan inkomplu niddiskutuh aktar 'il quddiem, imma biex nikkonċentraw l-attenzjoni tagħna fuq l-espressjoni *Agħmlu dan b'tifkira tiegħi*. Il-Mulej kien jaf x'memorji qosra għandna aħna u kemm nibdlu malajr. Meta aħna niltaqgħu madwar il-mejda niftakru lil "Dak li aħna ma rajnieħx, iżda nħobbuh." L-iskop ta' l-Ikla tal-Mulej huwa biex nikkonċentraw l-attenzjoni ta' moħħna u l-imħabba ta' qalbna fuq Ġesù Kristu, is-Salvatur tagħna.

Il-qofol biex tieħu l-Ikla tal-Mulej b'approvazzjoni huwa konċentrazzjoni fuq l-oġġett proprju. Huwa faċli li tħalli moħħok jaħseb fuq xi affarijiet oħra li mhux suppost taħseb dwarhom waqt din l-Ikla. Aħna għandna l-bżonn li niddixxiplinaw lilna nfusna, niddixxiplinaw il-ħsibijiet tagħna permezz ta' prattika bil-għaqal, eżerċizzju kontinwu tar-rieda tagħna, biex inwaqqfu l-ħsibijiet tagħna milli jittferrxu 'l hawn u 'l hinn u nġibuhom lura għall-iskop prinċipali ta' l-Ikla tal-Mulej.

Ħalli niddiskutu xi affarijiet li għandhom jimlew il-memorja tagħna waqt li nkunu qegħdin nieklu mill-Ikla tal-Mulej. Affarijiet li nibbenefikaw minnhom spiritwalment u affarijiet li jigglorifikaw lill-Mulej tagħna Ġesù Kristu.

***L-Ewwel, Niftakru f'Ismu.***

Salm 20:7 -

"*X'uħud jittamaw fl-imriekeb, u oħrajn fiż-żwiemel: iżda aħna nittamaw f'isem il-Mulej, Alla tagħna.*"

Konċentrazzjoni fuq l-ismijiet tal-Mulej tagħna tipproduċi qima. F'Isaija 42:8 naqraw,

*"Jiena l-Mulej, dan hu ismi; ma nċedi lil ħadd il-glorja tiegħi; lanqas lill-immaġnijiet skolpiti."*

a) Naħsbu Dwaru bħala **ĠESÙ**!

*"Hi se jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dubiet-hom"* (Mattew 1:22).

b) Naħsbu Dwaru bħala **KRISTU**!

*"Mela ħa jkun jaf bi żgur il-poplu kollu ta' Iżrael li lil dan Ġesù, li intom sallabtuh, Alla għamlu Mulej kif ukoll Kristu"* (Atti 2:36).

Dan ifisser li Ġesù Kristu Hu l-ikkonsagrat, li biddel perfetta-ment ir-rieda tal-Missier f'ubbidjenza.

ċ) Naħsbu Dwaru bħala **l-MULEJ**!

*"Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet, u żejnu bl-Isem li hu fuq kull isem, biex fl-isem ta' Ġesù fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art—il-ħlejjaq kollha jinżlu għarrkobbtejhom, u kull ilsien jistqarr: "Ġesù Kristu hu Mulej għall-glorja ta' Alla l-Missier"* (Filippin 2:9-11).

d) Naħsbu Dwaru bħala:

*"Kunsillier tal-għaġeb, Alla qawwi, Missier għal dejjem, il-Prinċep tal-Paċi"* (Isaija 9:6).

e) Naħsbu Dwaru bħala **L-KELMA—LOGOS.**

*"Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u l-Kelma kienet Alla. Kienet din fil-bidu ma' Alla. Kollox sar biha, u min-għajrha ma sar xejn milli sar. Fiha kienet il-ħajja, u kienet il-ħajja d-dawl tal-bnedmin. Id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam ma laqgħux"* (Ġwanni 1:1-5).

Hekk kif aħna nikkonċentraw fuq dak l-Isem tant prezzjuż u dwar dak kollu li Hu jurina, minn qalbna toħroġ dik il-qima li tant tinogħġob minn Alla:

> "*Imma tiġi s-siegħa, anzi issa hi, meta dawk li tassew jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u l-verità. Għax il-Missier ukoll, nies bħal dawn ifittex li jadurawh. Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh fl-ispirtu u l-verità*" (Ġwanni 4:23-24).

***It-Tieni, niftakru fix-xogħolijiet sbieħ Tiegħu.***

L-appostlu Pawlu jgħidilna fl-1 Korintin 16:12,

> "*Ftakru fil-ħwejjeġ kbar li għamel, fl-egħġubijiet u l-ġudizzji tiegħu.*"

Tajjeb li aħna bħala Kristjani nikkonċentraw fuq ix-xogħolijiet kbar li għamel il-Mulej.

**Naħsbu dwar il-ħolqien**, dwar l-opri kbar Tiegħu fil-ħolqien:

> "*Għax fih kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx, troni u ħakmiet, prinċipati u setgħat. Kollox bih u għalih kien maħluq, hu li hu qabel kollox, u kollox fih qiegħed iżomm*" (Kolossin 1:16-17).

> "*Ħa tibża' mill-Mulej l-art kollha: u ħa jitbeżża' minnu kull min igħammar fid-dinja. Għax hu tkellem, u hi saret; hu ordna, u hi twaqqfet*" (Salm 33:8-9).

> "*U l-Mulej Alla sawwar il-bniedem bit-trab ta' l-art, u nefaħ f'imnifsejh nifs il-ħajja; u l-bniedem sar ruħ ħajja*" (Ġenesi 2:7).

**Naħsbu dwar il-fidwa**. Kienet din l-opra li Ġesù ġie biex jagħmel, għex biex iwettaqha, u miet biex iġibha għall-perfezzjoni.

> "*U hu qalilhom: 'U għaliex kontu qegħdin tfittxuni? Ma tafux li jiena għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?*" (Luqa 2:49).

> "*Qalilhom Ġesù: "L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħatni u li nwassal fit-tmiem l-opra tiegħu*" (Ġwanni 4:34).

> "*Kif Ġesù ħa l-ħall, qal: "Kollox hu mitmum!" Imbagħad mejjel rasu u radd ruħu*" (Ġwanni 19:30).

***It-tielet, niftakru fl-imħabba Tiegħu.***

Hekk kif il-Kristjan jaħseb fuq l-imħabba ta' Kristu, li hi aqwa minn kull ħaġa magħrufa, hu malajr isib lilu nnifsu mitluf f'ammirazzjoni u tifħir billi ruħu timtela b'tifħir u qima. Ġwanni jgħidilna, "*Aħna nħobbu, għax hu ħabbna l-ewwel*" (1 Ġwanni 4:19).

Il-ħobż u l-frott tad-dielja jissinifikaw ix-xhieda ta' l-imħabba divina Tiegħu—il-ġisem mogħti, u d-demm imxerred.

Bħala Kristjani għandna niftakru dawn l-affarijiet dwar l-imħabba Tiegħu:

**Li hija bla qies u li tisboq kull għerf**. L-appostlu Pawlu jgħid f'Efesin 3:17-19:

> "*U li Kristu jgħammar f'qalbkom permezz tal-fidi, biex tniżżlu l-għeruq tagħkom fl-imħabba u fuqha tibnu ħajjitkom. B'hekk tkunu tistgħu tifhmu, flimkien mal-qaddisin kollha, x'inhu l-wisa' u t-tul, il-għoli u l-fond ta' l-imħabba ta' Kristu; tagħarfu kemm din l-imħabba ta' Kristu tisboq kull għerf, biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla.*"

**Li hija eterna**. Naqraw f'Ġeremija 31:3,

*"Il-Mulej deherli bħal dari, igħidli: Iva, jien inħobbok b'imħabba ta' dejjem: għalhekk jien komplejt inżomm għalik il-fedelta' tiegħi."*

**Li ma tinfiridx minna**. L-appostlu Pawlu jgħid:

*"Min se jifridna mill-imħabba ta' Kristu? It-taħbit, id-dwejjaq, il-persekuzzjoni, il-ġuħ, il-għera, it-tiġrib, ix-xabla? Bħalma hu mik-tub: "Minħabba fik il-jum kollu jikkundan-nawna għall-mewt; igħodduna bħal ngħaġ għall-qatla." Imma f'dan kollu aħna aktar minn rebbieħa bis-saħħa ta' dak li ħabbna. Għax jiena żgur li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien t'issa u la ta' li ġej, la setgħat, la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla għalina li dehret fi Kristu Ġesù Sidna*" (Rumani 5:35-39).

**Li hija xi ħaġa li ma tistax tirrifjutaha.** Ġwanni jgħid:

*"B'dan dehret l-imħabba ta' Alla fina, għax Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja biex ngħixu bih*" (1 Ġwanni 4:9).

**Li ma tinqeridx.** fl-Għanja ta' Salamun 8:7, naqraw:

*"Ħafna ilmijiet ma jistgħux jitfu l-imħabba, u lanqas ix-xmajjar igħarrquha; jekk wieħed kellu jagħti l-għana kollu ta' daru għall-imħa-bba, ikun iddisprezzat għal kollox."*

***Ir-raba' niftakru fit-tbatijiet Tiegħu***.

Naqraw f'Lamentazzjoni 3:19,

*"Ftakar fin-niket tiegħi, u fil-ħajja tiegħi tal-ġiri, fl-absint, u fl-imrar."*

Hemm bżonn li aħna nkunu mfakkra li Kristu: "Kien bniedem ta' dulur u kien familjari ma' dwejjaq." Isaija jgħid:

> "*Hu kien immaqdar, u maħrub min-niesu; raġel ta' l-uġigħ, u magħfus bil-mard, bħal wieħed li naħbu wiċċna minnu; kien immaqdar u xejn ma qisnieh*" (Isaija 53:3).

"Kien bniedem li qagħad għal kontradizzjonijiet tal-midinbin u tas-salib, bla xejn ma qies il-għajb Tiegħu." Naqraw fl'Ittra lil-Lhud 12:2,

> "*Inżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù, li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna; hu li, flok il-hena li kellu quddiemu, qagħad għas-salib bla xejn ma qies il-għajb tiegħu, u issa qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tat-tron ta' Alla.*"

***Il-ħames, Niftakru li Hu tgħabba bi dnubietna*.**

L-appostlu Pietru jgħid,

> "*Hu tgħabba bi dnubietna sa fuq is-salib, biex aħna mmutu għad-dnubiet u ngħixu għall-ġustizzja. Bil-ġrieħi tiegħu intom fiqtu*" (1 Pietru 2:24).

Dan saħansitra kien ipprofetizzat mill-profeta Isaija fit-Testment il-Qadim f'Isaija kapitlu 53. Għalhekk ilkoll kemm aħna għandna niftakru fil-prezz għoli tal-fidwa tagħna u nagħtuh qima kif tixraqlu.

***Is-sitta, niftakru fil-pożizzjoni li qiegħed fiha issa*.**

Ġesù kien trijonfalment imqajjem mill-imwiet. Naqraw fit-Tieni Timotju 2:8,

> "*Ftakar f'Ġesù Kristu, li qam mill-imwiet, li hu min-nisel ta' David skond l-Evanġelju li ħabbart jien.*"

Li Hu li kien imsallab għal dnubietna qiegħed issa fuq il-lemin ta' Alla bħala l-Qassis il-Kbir tagħna. Nqaraw f'Lhud 4:14,

> "*Mela, meta aħna għandna l-qassis il-Kbir, li hu tassew kbir, qassis li daħal fis-smewwiet, Ġesù, Bin Alla, ħa nżommu sħiħa l-fidi tagħna u nistqarruha.*"

Għandna niftakru wkoll li Ġesù, issa qiegħed jirrenja bħala Ras tal-Knisja Tiegħu. L-appostlu Pawlu jgħid,

> "*Iva, qiegħed kollox taħt riġlejh, u għamlu Ras fuq il-Knisja kollha, li hi Ġismu, il-milja ta' dak li jimla kollox f'kollox*" (Efesin 1:22-23).

***Is-seba', niftakru fil-ħniena Tiegħu***.

Il-Bibbja Mqaddsa tgħidilna,

> "*Ftakru, mela, li intom bis-sinjal tal-pagani f'ġisimkom u li kontu msejħin "bla ċirkonċiżjoni" minn dawk li kellhom iċ-ċirkonċiżjoni magħmula bl-idejn fil-ġisem, ftakru li f'dak iż-żmien kontu mingħajr Messija; kontu barra Miċ-ċittadinanza ta' Israel, barranin għall-Patt tal-wegħda; kontu bla tama u bla Alla fid-dinja! Imma issa, fi Kristu Ġesù, intom, li darba kontu 'l bogħod, issa tqarribtu bis-saħħa tad-demm ta' Kristu*" (Efesin 2:11-13).

Hija ħaġa tajba li niftakru fil-passat mudlam tagħna b'kuntrast għal preżent u l-futur fi Kristu. Għandna wkoll nitfakru fil-grazzji Tiegħu.

***It-tmienja, niftakru fi Kliemu***.

Naqraw f'Atti 20:35,

> "*F'kollox urejtkom li b'xogħol iebes bħal dan tagħna għandna nieħdu ħsieb ngħinu lil min hu fil-bżonn, waqt li niftakru fi kliem il-Mulej Ġesù…*"

Hekk kif aħna npoġġu fil-preżenza Tiegħu għal l-Ikla tal-Mulej għandna niftakru fi Kliemu. Dan jinvolvi l-qari tal-Kelma Tiegħu:

> "*Sa ma niġi, ħu ħsieb il-qari tal-Kotba Mqaddsa, it-twissijiet u t-tagħlim*" (1 Timotju 4:13).

Ir-raġuni li ħafna huma bierda fl-ispirtu hija kaġun għall-fatt li "*l-Kelma ta' Alla* ***mhix*** *tgħammar sħiħa fihom*" jgħidilna l-appostlu Pawlu f'Kolossin 3:16. Meta aħna naħsbu fil-kliem ta' Kristu, li hu stedina grazzjuża, ta' mħabba assigurata, ta' konsolazzjoni li tissodisfa u ta' antiċipazzjoni glorjuża, ma jistax ikun li aħna ma nadurawħx u nagħtuh dik il-qima li tixraqlu.

Mela, ħalli npoġġu l-ħsieb tagħna b'mod ta' **tifkira** biex b'hekk meta naslu ħalli naqsmu 'l ħobż u nixorbu l-klaċi, aħna nagħmlu dan skond l-iskop divin tal-Mulej tagħna, "**B'Tifkira Tiegħi.**"

Issa ħalli naraw fil-qosor, qabel ma nidħlu aktar fid-dettall, x'jirrappreżentaw il-"ħobż" u l-inbid" jew aħjar "il-frott tad-dielja" fl-Ikla tal-Mulej.

### IL-ĦOBŻ HU (JIRRAPPREŻENTA) L-ĠISEM TA' KRISTU

> "*Imbagħad ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newwilhulhom u qal: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom: agħmlu dan b'tifkira tiegħi*" (Luqa 22:19; Mattew 26:26; Mark 14:22).

> "*Jien irċevejt mingħand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt lilkom, jiġifieri, li l-Mulej Ġesù, fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż u wara li radd il-ħajr qasmu u qal: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi*" (1 Korintin 11:23-24).

Is-siltiet ta' fuq biċ-ċar jistabbilixxu l-fatt li Ġesù qal li l-ħobż fl-Ikla tal-Mulej huwa ġismu. Ma jista' jkun hemm ebda disputa dwar dak li qal Ġesù. Imma kien hemm nuqqas kbir ta' qbil dwar *x'fisser* il-Mulej b'dan il-kliem! Ħafna ħadu l-lingwa

ċara **figurattiva** Tiegħu f'mod **letterali** u bnew fuqha l-interpretazzjoni żbaljata ta' bini elaborat ta' mistiċiżmu u superstizzjoni.

Id-dottrina tal-Knisja Kattolika Rumana li hija bbażata fuq dan l-iżball hija dik li l-ħobż jinbidel għall-ġisem **letterali** ta' Kristu. Din hija dogma li meta l-qassis jgħid il-Quddiesa fuq il-ħobż u l-inbid dawn tassew isiru l-laħam u d-demm ta' Kristu. Id-dehra biss tal-ħobż u l-inbid tibqa'.

> "Jekk xi ħadd igħid li fis-Sagrament Sagru u Qaddis ta' l-Ewkaristija s-sustanza tal-ħobż u l-inbid jibqgħu flimkien mal-ġisem u d-demm tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, u jiċħad dik il-bidla sabiħa u singulari tas-sustanza kollha tal-ħobż fil-ġisem u s-sustanza kollha ta' l-inbid fid-demm, id-dehra biss tal-ħobż u l-inbid tibqa', liema bidla l-Knisja Kattolika bil-qawwa kollha ssejjaħ bidla letterali tal-ħobż għall-ġisem u l-inbid għad-demm ta' Kristu, ħalli dan ikun ikkundannat." *(The Canons and Decrees of the Council of Trust, Canons on the Most Holy Sacrament of the Eucharist*, Canon 2, kif ikkwotat *fi Creeds of the Churches*, John H. Leith, ed., [John Knox Press, Richmond, Va. 1973] p. 435,436.)

Id-dottrina msemmija fuq illi tikkwota li s-sustanza tal-ħobż u ta' l-inbid jibqgħu magħqudin ħaġa waħda mal-ġisem u d-demm ta' Kristu hija dottrina Luterana. Għalkemm din hija differenti minn dik Kattolika, din ukoll tagħmel l-iżball li tassumi li l-ġisem u d-demm ta' Kristu huma attwalment preżenti fil-ħobż u l-inbid. Wieħed m'għandux jinsa li l-knisja Luterana ħarġet minn Dik Kattolika Rumana!

> Hu mgħallem fostna li l-veru ġisem u d-demm ta' Kristu huma tabilħaqq preżenti fl-Ikla tal-Mulej taħt il-forma ta' ħobż u nbid u huma hemm imqassma u meħuda. (*The Aus-*

> *burg Confession*, kif ikkwotata *fi Creeds of the Churches*, p. 71.)

Dawn iż-żewġ dottrini żbaljati huma r-riżultat ta' li wieħed jiżbalja dwar il-lingwa **figurattiva** għal dik **letterali**. Ġesù ma kienx qiegħed jgħid li l-ħobż **kien attwalment** il-ġisem Tiegħu (kien ikun bla sens ladarba Hu kien **preżenti** fil-ġisem Tiegħu meta għamel dik l-istqarrija), imma biss li dan kien jirrappreżenta l-ġismu. Il-figura rettorika użata minn Ġesù hija metafora. Mhux bħat-tixbiha fejn ħaġa waħda jintqal li hija *bħal* ħaġa oħra, il-metafora tgħid li ħaġa waħda **hi** ħaġa oħra. Fl-Iskrittura għandna bosta eżempji ta' dan, kif diġa rajna aktar qabel. "*Aħna lkoll bħal ngħaġ mitlufa*" (Isaija 53:6) hija *tixbiha*. "*Aħna n-ngħaġ tiegħu*" (Salm 95:7) hija *metafora*. Kemm tkun ħaġa assurda li tgħallem illi n-nies ta' Alla huma **letteralment** ngħaġ b'erba' saqajn!

> "Ħalli mela tkun mifhuma ċara li l-metafora hija magħluqa għal affermazzjoni distinta li ħaġa waħda *hi* ħaġa oħra, minħabba f'xi assoċċjazzjoni jew konnessjoni…Iż-żewġ nomi nfushom għandhom ikunu msemmija, u għandhom dejjem ikunu meħuda fis-sens assolut letterali tagħhom, jew inkella ħadd ma jkun jista' jgħid xi jfissru. Il-figura qiegħda għal kollox fil-verb…" (E.W. Bulinger, *Figure of Speech Used in The Bible*, Baker House, Grand Rapids, Mich. 1968, p. 735).

### TWEĠIBA BIBLIKA

Ħalli nikkunsidraw issa l-Ewkaristija bħala l-ġisem ta' Kristu. Żewġ sezzjonijiet ta' Skrittura wżati mill-Knisja Kattolika Rumana biex jispjegaw il-Quddiesa se jkunu l-punti prinċipali tagħna: ir-rakkonti ta' l-Aħħar Ikla (Mattew 26:20-30; Mark 14:17-26; Luqa 22:14-38) u l-kliem ta' Ġesù fi Ġwanni sitta. Ikun muri li:

> Fl-Aħħar Ikla, Kristu tkellem dwar il-ħobż u l-inbid bħala simboli, mhux is-sustanza, tal-ġisem Tiegħu u ta' demmu.
>
> Fi Ġwanni 6, Kristu għallem li l-ħajja eterna hija permezz ta' li temmen Fih, mhux permezz ta' li tiekol Laħmu.

## IL-ĦOBŻ U L-INBID HUMA SIMBOLI

Hemm bosta problemi bl-interpretazzjoni Kattolika Rumana illi fl-Aħħar Ikla l-ħobż u l-inbid saru attwalment "...ġisem u demm tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu flimkien mar-ruħ u d-divinità, u għalhekk Kristu kollu" (Konċilju ta' Trentu, sezzjoni 13, "*Canons on the Most Holy Sacrament of the Eucharist*," canon 1). [1374]. L-ewwel ħaġa hija li ma hemm lanqas l-icken indikazzjoni li kemm il-ħobż jew l-inbid inbidlu fl-Aħħar Ikla. L-istess hu tassew fil-Quddiesa llum. Il-ħobż u l-inbid qabel u wara l-konsagrazzjoni jidhru eżattament l-istess. Barra minn dan, huma jinxammu, jtiegħemu, u jinħassu l-istess. Fil-fatt, ix-xhieda empirika (ibbażata fuq esperimenti mhux fuq it-teorija biss) kollha tappoġġja l-interpretazzjoni li huma ma jinbidlu xejn!

Il-Knisja Kattolika Rumana tgħid li għalkemm il-ħobż u l-inbid ma jidhrux li jinbidlu, huma xorta jinbidlu. Hija tuża teorija imsejħa *transustanzjazzjoni* biex tispjega għaliex dan l-allegat miraklu ma jistax jidher [1376, 1413]

Il-bażi filosofika għat-teorija ġejja mill-kitba ta' Aristotle. Hu għallem li l-materja kollha tikkonsisti minn żewġ partijiet: *aċċidenti* u *sustanza*. Aristotle iddefinixxa *aċċidenti* bħala d-dehra ta' barra ta' oġġett, u *sustanza* bħala l-essenza tiegħu ta' ġewwa, il-qalba tar-realtà tiegħu.

It-teorija tat-*transustanzjazzjoni* tgħid li fil-konsagrazzjoni tal-Quddiesa, is-sustanza tal-ħobż u ta' l-inbid tinbidel waqt li l-aċċidenti tagħhom jibqgħu l-istess [1373-1377, 1413] (Konċilju ta' Trentu, sezzjoni 13, "*Decree on the Eucharist*," kapitlu 4). Il-kliem tal-konsagrazzjoni, tgħid il-Knisja,

"…iwettaq tlett effetti ammirabbli u ta' l-għaġeb:" (John A. McHugh, O.P., and Charles J. Callan, O.P., translators, *The Roman Catechism: The Catechism of the Council of Trent* Rockford, IL: Tan Books and Publishers, 1982, p. 228).

> L-essenza ta' ġewwa tal-ħobż u ta' l-inbid jieqfu milli jeżistu.
>
> Id-dehra ta' barra tal-ħobż u ta' l-inbid jibqgħu, għalkemm huma ma jibqgħux aktar għandhom x'jaqsmu ma' realtà ta' ġewwa tagħhom infushom.
>
> L-essenza ta' ġewwa tal-ġisem u tad-demm tassew ta' Kristu ssir li teżisti taħt id-dehra tal-ħobż u ta' l-inbid.

Il-Knisja Kattolika Rumana ma tagħtix każ ta' l-argumenti kollha kontra t-transustanzjazzjoni maħruġa mill-osservazzjoni u s-sens komun! Din il-bidla, tgħid il-Knisja Kattolika Rumana, hija fenomenu sopranaturali, parti tal-"misteru ta' l-Ewkaristija" (It-Tieni Konċilju Vatikan, "*Sacred Liturgy*," "*Instruction on the Worship of the Eucharistic Mystery*," no. 1). Hija tisfida l-qawwiet tal-konċepiment" (John A. McHugh, O.P., and Charles J. Callan, O.P., translators, *The Roman Catechism: The Catechism of the Council of Trent* (Rockford, IL: Tan Books and Publishers, 1982), p. 239) [1381] Il-Knisja tiddikjara li l-fatt li "…bidla bħal din issir għandha tkun magħrufa bil-fidi; kif din issir aħna m'għandniex infittxu bil-kurżità" (John A. McHugh, O.P., and Charles J. Callan, O.P., translators, *The Roman Catechism: The Catechism of the Council of Trent* (Rockford, IL: Tan Books and Publishers, 1982), p. 239) "Il-fidili huma mistennija li jaċċettaw din l-ispjega inkwantu ta' kemm "kontradittorju dan jista' jidher għas-sensi" (John A. McHugh, O.P., and Charles J. Callan, O.P., translators, *The Roman Catholic Catechism: The Catechism of the Council of Trent* (Rockford, IL: Tan Books and Publishers, 1982), p. 239).

Imma l-fidi għandha tistrieħ fuq rivelazzjoni divina, u l-bidla allegata mirakoluża spjegata permezz tat-transustanzjazzjoni **mhijiex** fil-Bibbja, il-Kelma ta' Alla! Lanqas ma hemm xi preċedent Bibliku għall-miraklu li għalih Alla jistenna lill-fidili biex jemmnu li xi ħaġa sopranaturali ġrat meta fil-fatt ix-xhieda kollha ta' barra tindika li xejn għal kollox ma kien ġara! Alla **qatt** ma ittratta man-nies b'dan il-mod!

It-tieni problema ma' l-interpretazzjoni Rumana Kattolika tal-kliem ta' Kristu fl-Aħħar Ikla hija li din teħtieġ li wieħed jiekol il-laħam uman. Il-Knisja Kattolika Rumana tgħallem li l-Ewkaristija hija "…il-ġisem veru ta' Kristu l-Mulej, l-istess li kien imwieled mill-Verġni…." (John A. McHugh, O.P., and Charles J. Callan, O.P., translators, *The Roman Catechism: The Catechism of the Council of Trent,* Rockford, IL: Tan Books and Publishers, 1982, p. 228). Dan hu dak lid-dixxipli suppost li kielu fl-Aħħar Ikla!

Wieħed għandu jaħseb li assurdità bħal din għandha tkun biżżejjed biex twarrab l-interpretazzjoni Kattolika Rumana bħala dgħajfa. Għal kuntrarju, il-Knisja Kattolika Rumana tkompli ssostni l-punt tagħha billi tgħid li l-Mulej bl-istess mod ordna lid-dixxipli Tiegħu biex jixorbu Demmu!

Għal wieħed Lhudi, li jixrob demm uman kien ikun aktar minn sempliċiment moqżież; dan kien ikun **ksur** tal-liġi. Il-Liġi ta' Mosè strettament ipprojbixxiet lil-Lhud milli jixorbu d-demm (Levitku 17:10-14). Aħna nistgħu nkunu żguri li kieku d-dixxipli ħasbu li Ġesù kien qiegħed jitlobhom biex jiksru dan il-kmand, ir-riżultat kien ikun diskussjoni sħuna u protesti kbar! Madankollu, ma hemm **ebda** l-iċken tagħrifa ta' kontroversja bħal din f'xi wieħed mir-rakkonti ta' l-Aħħar Ikla.

Barra minn dan, kieku d-dixxipli xorbu d-demm ta' Kristu fl-Aħħar Ikla, Pietru ma kienx jistqarr xhur wara: "*…jien qatt ma kilt ikel profan u mniġġes*" (Atti 10:14). B'żieda, il-konċilju f'Ġerusalem ma kienx ikun jista' jagħti struzzjonijiet lill-Kristjani Ġentili biex "jitbiegħdu…mid-demm" (Atti 15:29) kieku l-Kristjani kienu b'mod ta' rutina jixorbu d-demm ta' Kristu fl-Ikla tal-Mulej!

Ma hemm ebda raġuni biex temmen lid-dixxipli ħasbu għall-mument wieħed biss illi l-ħobż u l-inbid inbidlu fil-ġisem u d-demm ta' Kristu. Imkien ma naqraw dwar li huma jipprotieġu bil-għaqal kull farka ta' ħobż ikkonsagrat jew jinżlu għarkobbtejhom u jaduraw il-ħobż u l-inbid! Għall-kuntrarju, immedjatament wara li l-Mulej jintqal li biddel l-inbid f'demmu, il-Mulej Innifsu reġa' irrifera għalih bħala nbid:

> "*Ngħidilkom, li ma nerġax nixrob iżjed minn dan* ***il-frott tad-dielja*** *sa dak in-nhar li nixrob* ***inbid*** *ġdid magħkom fis-saltna ta' Missieri*" (Mattew 26:29, enfasi tiegħi).

Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn dan*! "Ma nixrobx iżjed minn dan* ***il-frott tad-dielja***" u **mhux** *minn dan demmi*! Skond it-tagħlim Kattoliku Ruman, il-kliem tal-Mulej kellu jkun: "*…ma nerġax nixrob iżjed minn dan* ***id-demm*** *tiegħi sa dak in-nhar li nixrob* ***demm*** *ġdid magħkom fis-saltna ta' Missieri*."

Punt ieħor li għandna nikkunsidraw huwa li meta Kristu qal b'riferenza għall-ħobż "*Dan hu ġismi*" (Mattew 26:26), **Hu** kien **fiżikament preżenti** mad-dixxipli Tiegħu. Żgur li huma ma ħasbux li l-ġisem ta' Ġesù kien qiegħed kemm **mal**-mejda kif ukoll **fuq** il-mejda—u wara **taħt** il-mejda kif il-frak tal-ħobż kien imwaqqa' fl-art!

Imma din hija l-interpretazzjoni tal-Knisja Kattolika Rumana. Dik u wisq aktar, għax, skond il-Knisja Kattolika Rumana, Kristu huwa preżenti bil-ġisem illum f'eluf ta' knejjes madwar id-dinja kollha f'kull biċċa ħobż ikkonsagrata u f'kull qatra nbid! Il-Bibbja, min-naħa l-oħra, **qatt** ma tattribwixxi aktar minn post wieħed għall-ġisem **letterali** ta' Kristu f'xi ħin mogħti.

Xi ħadd jista' joġġezzjona billi jgħid, "Imma mhuwiex Kristu Alla? U Alla mhuwiex kullimkien?" Iva, imma dan jirriferixxi għall-preżenza *spiritwali* Tiegħu. Il-Mulej Ġesù Kristu huwa *spiritwalment* omnipreżenti, imma Hu għandu biss preżenza **waħda** tal-ġisem fiżiku. Skond il-Bibbja, li hija l-Kelma Mqaddsa ta' Alla, issa qiegħed **bil-ġisem:**

> “*fuq il-lemin tal-kobor ta’* ***Alla fil-għoli tas-smewwiet***” (Lhud 1:3).

Il-Bibbja tgħidilna wkoll:

> “*Għalhekk aħna ma nagħarfu lil ħadd skond il-ġisem,* ***Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, issa ma nagħarfuhx aktar hekk***” (2 Korintin 5:16, enfasi tiegħi).

Il-problemi kollha mniżżla fuq ikunu deċiżi meta l-Kliem ta’ Ġesù fl-Aħħar Ikla jkun mifhum fis-sens *figurattiv* tiegħu. Jiġifieri, li Ġesù uża l-ħobż u l-inbid fl-Aħħar Ikla bħala *simboli* tal-ġisem u tad-demm Tiegħu.

L-interpretazzjoni figurattiva hija raġjunevoli. Id-dixxipli mhumiex meħtieġa biex jixorbu d-demm u jieklu laħam uman. Il-ġisem ta’ Kristu jibqa’ f’post wieħed, fis-smewwiet. U ma hemm ebda bżonn biex tivvinta teoriji kkumplikati ħalli tispjega dak li hu ovvju: il-ħobż u l-inbid huma simboli wżati bħala **tifkira** u jibqgħu ħobż u inbid!

Jiena kont mgħallem, qabel ma bdejt nistudja l-Bibbja Mqaddsa bis-serjetà, li meta nitqarben kont nirċievi lil Ġesù sagramentat! Imma kif bdejt naqra l-Bibbja sibt li dan ma kienx minnu. Il-Bibbja tgħidilna li Ġesù jgħammar fina fejn naqraw,

> “*Għarblu likom infuskom jekk intomx fil-fidi; ġarrbu lilkom infuskom. Ma tafux intom li Kristu Ġesù jinsab fikom?...*” (2 Korintin 13:5).

Wara li jiena “għarbilt” lili nnfsi sibt li tassew “ma kontx naf” li Kristu Ġesù kien jinsab igħammar fija għaliex kont naħseb li meta kont nitqarben kont nirċievi lil Ġesù, imma meta sirt tassew naf x’tgħid il-Kelma ta’ alla, imbagħad “sirt naf” tassew li Ġesù jinsabi fija ’l ħin kollu! Ħafna nies sinċiera tassew “ma jafux” li Ġesù jinsab f’dawk kollha li jkunu tgħammdu Skritturalment u huma jmorru biex jitqarbnu bil-ħsieb li se jirċievu lil Ġesù! Dan jaqbel perfettament ma’ dak li naqraw f’Atti 17:24 fejn naqraw li:

> "*Alla, li għamel id-dinja u kull ma fiha, u li hu Sid is-sema u l-art, **ma joqgħodx f'tempji maħduma b'idejn il-bnedmin**.*"

Aktar u aktar ma jistax ikun maqful fit-tabernaklu fuq l-artal! Dan hu t-tagħlim ċar tal-Bibbja Mqaddsa. Jiddependi minn kull wieħed u waħda minna liema tagħlim naċċettaw, jekk hux dak tal-Kelma ta' Alla jew dak tal-kelma tal-bniedem!

Id-dixxipli kienu mdorrija għall-Mulej li juża lingwa figurattiva fit-tagħlim Tiegħu. F'okkażjonijiet differenti, Kristu rriferixxa għal ġismu bħala tempju fejn qal,

> "*Ħottu **dan** it-tempju, u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu*" (Ġwanni 2:19).

F'okkażjoni oħra, Ġesù rriferixxa għall-ħajja ġdida bħala ilma ħaj,

> "*Kieku kont taf id-don ta' Alla u min hu dak li qiegħed igħidlek, 'Agħtini nixrob,' kieku int kont titolbu, u hu kien jagħtik ilma ħaj*" (Ġwanni 4:10).

Ġesù rrifera għad-dixxipli Tiegħu bħala li huma l-melħ ta' l-art: "*Intom il-melħ ta' l-art…*" (Mattew 5:13). Ġesù rrifera għalihom ukoll bħala li *huma "d-dawl tad-dinja*" (Mattew 5: 14), u għat-tagħlim tal-Fariżej u tas-Sadduċej bħala "*ħmira*" (Mattew 16:6). Il-Vanġelu ta' Ġwanni jsemmi seba' stqarrijiet figurattivi li Ġesù għamel Dwaru Nnifsu. Kull waħda **tuża l-istess** verb li huwa tradott "*hu*" fil-kliem ta' Ġesù "*Dan **hu** ġismi*" (Luqa 22:19). Ġesù qal:

"*Jien **hu** l-ħobż tal-ħajja*" (Ġwanni 6:48).
"*Jien **hu** d-dawl tad-dinja*" (Ġwanni 8:12).
"*Jien **hu** l-bieb*" (Ġwanni 10:9).
"*Jien **hu** r-ragħaj it-tajjeb*" (Ġwanni 10:11).
"*Jien **hu** l-qawmien u l-ħajja*" (Ġwanni 11:25).
"*Jien **hu** t-triq, il-verità u l-ħajja*" (Ġwanni 14:6).
"*Jien **hu** d-dielja vera*" (Ġwanni 15:1).

Dawn l-istqarrijiet kollha huma maħsuba biex ikunu mifhuma fis-sens *figurattiv* tagħhom. L-aħħar tnejn intqalu saħansitra fl-Aħħar Ikla. Studju tat-tagħlim ta' Kristu f'dak il-lejl jirrivela bosta figuri rettoriċi. Per eżempju, Ġesù rriferixxa għall-patt il-ġdid figurattivament, fejn qal,

> "Dan il-kalċi **hu** l-patt il-ġdid b'demmi…" (1 Korintin 11:25).

Il-kalċi ovvjament **ma kienx** il-patt innifsu imma s-*simbolu* talpatt. Ukoll, wara l-Aħħar Ikla, Ġesù qal lid-dixxipli Tiegħu:

> "*Dan għedtulkom bit-tixbihat (b'lingwa figurattiva). Għad tasal is-siegħa meta ma nkellimkomx aktar bit-tixbihat (b'lingwa figurattiva), imma bil-miftuħ inħabbrilkom dwar il-Missier*" (Ġwanni 16:25).

Difensuri ta' l-interpretazzjoni Kattolika Rumana jgħidu li l-interpretazzjoni figurattiva ma tagħmilx sens; din tagħmel il-ħobż u l-inbid bla sens, sempliċiment simboli. Minn perspettiva Kattolika Rumana, huma jistgħu jkunu qed jgħidu sewwa. Għax jekk l-iskop tal-Quddiesa huwa li tipproduċi ikel tassema biex isostni r-ruħ, allura tabilħaqq ikun hemm il-ħtieġa ta' bidla mirakoluża. Barra minn hekk, jekk il-Knisja Kattolika Rumana għandha l-intenzjoni li tkompli s-sagrifiċċju tas-salib fil-Quddiesa (kif se naraw aktar 'il quddiem), ħobż u nbid ordinarji jkunu biċ-ċar ta' ftit użu.

Iżda, jekk l-għan huwa biex tobdi l-kmand tal-Mulej, "*Agħmlu dan **b'tifkira** tiegħi*" (Luqa 22:19), ħobż u nbid komuni huma biżżejjed. Il-ħobż *jirrappreżenta* l-ġisem ta' Kristu, imkisser għalina fuq is-salib. L-inbid *jirrappreżenta* d-demm Tiegħu, imxerred għal dnubietna. Li nieħdu minn kull wieħed huwa dikjarazzjoni publika tal-fidi tagħna fix-xogħol *imwettaq* Tiegħu tas-salvazzjoni. Dan hu li ngħid, "Jien għandi sehem fil-ġisem u d-demm ta' Kristu. Hu ta ħajtu għalija." L-appostlu Pawlu jgħid hekk dwar dan:

> "*Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka mhuwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-*

> *ħobż li naqsmu mhuwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu?*" (1 Korintin 10:16).

Meta dawk li jemmnu jieħdu sehem mill-ħobża flimkien, huma jkunu wkoll qegħdin jagħtu xhieda ta' l-għaqda tagħhom fi Kristu bħala l-ġisem Tiegħu. Inkomplu naqraw fl-Ewwel Korintin 10:17,

> "*Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda.*"

Sfortunatament l-ewwel stqarrija (1 Korintin 10:16) tkun ukoll interpretata b'mod letterali mill-Kattoliċi Rumani, imma biex l-interpretazzjoni tkun tajba t-tieni stqarrija (vers 17) għandha **wkoll** tkun interpretata b'mod letterali! Żgur li ħadd ma jgħid li l-Kristjani kollha mad-dinja kollha huma ġisem **letterali wieħed**! Li wieħed jipparteċipa b'mod traskurat—kif kien qed jiġri f'Korintu—hija ħaġa serja, mhux minħabba dak li l-ħobż u l-inbid huma, imma minħabba dak li huma *jirrappreżentaw* (ara 1 Korintin 11:18-27). Kif diġa semmejt aktar qabel, spiss aħna naraw fuq it-televiżjoni nies jaħarqu xi bandiera ta' xi pajjiż jew xi pupu li *jirrappreżenta* xi mexxejj ta' pajjiżi ieħor. Din hija ħaġa serja ħafna, mhux minħabba dak li l-bandiera hija magħmula minnu (biċċa ċarruta), imma minħabba dak li hija *tirrappreżenta*! U jiena ċert li ma' dan kulħadd jaqbel!

L-interpretazzjoni figurattiva hija konsistenti mat-tagħlim ta' Ġesù fuq in-natura tal-qima. Hu għallem li:

> "*Alla huwa spirtu, u dawk li jaduraw għandhom jadurawh fl-ispirtu u l-verità*" (Ġwanni 4:24).

Billi komunikazzjoni spiritwali hija l-għan, il-preżenza bil-ġisem ta' Kristu mhix meħtieġa. Ħobż u nbid ordinarji jistgħu jservu bħala oġġetti li jfakkru adegwati għall-Kristjani hekk kif huma jinġabru flimkien biex "*iħabbru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi*" (1 Korintin 11:26). Il-Kristjani jkunu qegħdin **iħabbru** u mhux **iġibu** l-mewt tal-Mulej *sa ma jiġi*!

## ĦAJJA TA' DEJJEM HIJA PERMEZZ TA' FIDI FI KRISTU WAĦDU

Il-Knisja Kattolika Rumana tibbaża l-ispjega tagħha ta' l-Aħħar Ikla l-biċċa l-kbira fuq is-sitt kapitlu tal-Vanġelu ta' Ġwanni [1336, 1338, 1406]. Dan il-kapitlu, kif diġa rajna f'paġni 18-23, jirrakkonta diskussjoni bejn Ġesù u grupp ta' Lhud, ħafna minnhom ma kinux jemmnu. Dan ġara f'sinagoga ta' Kafarnahum fi żmien tal-festa ta' l-Għid, **sena qabel** l-Aħħar Ikla.

Skond il-Kattoliċiżmu Ruman, f'dik l-okkażjoni Ġesù wiegħed li jagħti lill-Knisja ikel tas-sema:

> "*Jien hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż igħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi, li jingħata għall-ħajja tad-dinja*" (Ġwanni 6:51).

Il-ħobż li Kristu jagħti, tgħid il-Knisja Kattolika Rumana, ikun l-Ewkaristija, il-ġisem u d-demm attwali ta' Ġesù. Dak hu li fisser Kristu, tgħid il-Knisja, meta Hu qal*: "Għax ġismi huwa tassew ikel, u demmi hu xorb tassew*" (Ġwanni 6:55). Hekk, l-Ewkaristija tkun għajn ta' ħajja spiritwali [1509]:

> "*Tassew, tassew ngħidilkom, jekk ma tiklux il-ġisem ta' Bin il-bniedem u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom. Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem, u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum.*" (Ġwanni 6:53-54).

Hawn, skond il-Knisja Kattolika Rumana, Kristu jgħallem li meta l-fidili jirċievu t-tqarbin matul il-Quddiesa, huma jkunu sostnuti b'ikel tas-sema għal ruħhom, "il-ħobż li jagħti l-ħajja ta' dejjem [1509, 1383-1384]. Huma "…jieklu l-ġisem ta' Kristu u jixorbu d-demm ta' Kristu, u b'hekk jirċievu l-grazzja, li hija l-bidu ta' ħajja ta' dejjem, u 'l-mediċina ta' l-immortalità.'" (Papa Pawlu VI, *Mysterium Fidei*, no. 5). Dan hu kif il-Kattoliċi Rumani jispjegaw Ġwanni 6. L-akbar vjolenża li tista'

ssir lill-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, hija, li tikkwota vers jew versi barra mill-kuntest tagħhom u tagħti interpretazzjoni ħażina tagħhom biex twassal it-tagħlim żbaljat tiegħek. Hekk isir mit-teoloġi u mill-iskulari tal-Knisja Kattolika Rumana minn dan il-kapitlu ta' Ġwanni! Iżda, jekk wieħed iħares lejn il-kuntest tal-kapitlu, toħroġ interpretazzjoni differenti.

Ġwanni 6 jibda bit-tmigħ mirakoluż tal-5000 ruħ fil-Baħar tal-Galilija (Ġwanni 6:1-14). Il-jum ta' wara grupp ta' Lhud li kienu raw il-miraklu tal-ħobż u l-ħut ġew f'Kafarnahum ifittxu lil Ġesù (6:22-25).

Ġesù qal lil dawn il-Lhud li huma kienu qed ifittxuh għarraġuni l-ħażina:

> "*Tassew, tassew ngħidilkom, intom qegħdin tfittxuni mhux għax rajtu sinjali, imma għax kiltu mill-ħobż u xbajtu*" (Ġwanni 6:26).

Ġesù kellu xi ħaġa x'joffrilhom li kienet bil-wisq akbar minn ikla bla ħlas:

> "*Tħabtu mhux għal l-ikel li jgħaddi, iżda għal l-ikel li jibqa' għall-ħajja ta' dejjem, dak li Bin il-bniedem jagħtikom, għaliex lilu Alla l-Missier immarka bis-siġill tiegħu*" (Ġwanni 6:27).

Hawn Ġesù introduċa metafora fid-diskussjoni. Billi l-Lhud kienu jidhru li ma kienu jridu xejn aktar minn ikla oħra bla ħlas, Ġesù fisser l-offerta Tiegħu f'termini ta' ikel: mhux nutriment ordinarju, imma:

> "*ikel li jibqa' għall-ħajja ta' dejjem*" (vers 27).

Il-Lhud assumew li huma kienu jeħtieġu li jagħmlu xi att kbir virtuż biex jaqilgħu dan l-ikel li jibqa'. Huma staqsew lil Ġesù,

> "*X'għandna nagħmlu biex nagħmlu l-opri ta' Alla?*" (vers 28).

Ġesù wieġeb,

> "*L-opra ta' Alla hija din: li intom temmnu f'dak li huwa bagħat*" (vers 29).

Dak li huma kienu jeħtieġu li jagħmlu kien li jpoġġu l-fiduċja tagħhom f'Ġesù bħala l-Wieħed mibgħut minn Alla, il-Messija. Il-Lhud wieġbu bi sfida:

> "*X'sinjal se tagħmel biex aħna narawh u nemmnu fik? X'sejjer tagħmel?*" (vers 30).

Dan l-atteġġjament jagħmel żewġ affarijiet ċari: L-ewwel, il-Lhud fehmu li Ġesù kien qiegħed isejħilhom biex huma jemmnu Fih. It-tieni, huma ma kinux qegħdin jaċċettaw it-talba ta' Ġesù li huwa l-Messija. Għalkemm il-jum ta' qabel huma kienu raw miraklu ta' l-għaġeb, huma riedu aktar prova, sinjal ieħor. Huma saħansitra marru fl-estrem li jissuġġerixxu li Ġesù jġib il-manna mis-sema kif kien għamel Mosè. (vers 31).

Għal darb'oħra Ġesù rabat it-tweġiba Tiegħu mar-riferenza tagħhom għall-ħobż, manna mis-sema. Il-Lhud kienu jafu li l-manna kienet essenzjali għal l-għajxien fiżiku tan-nazzjon fid-deżert. Billi Ġesù kien qiegħed jipprova biex iwassalhom ħalli jifhmu li Hu kien essenzjali għal l-għajxien spiritwali tagħhom, Hu wieġeb,

> "*Jiena hu l-ħobż tal-ħajja. Min jiġi għandi ma jieħdu qatt il-ġuħ, u min jemmen fija ma jkun qatt bil-għatx*" (vers 35).

Fi kliem ieħor, dawk li jpoġġu l-fiducja tagħhom Fih ikunu sodisfatti spiritwalment għal dejjem.

Kif id-diskussjoni intensifikat, Ġesù qal mill-ġdid it-talba Tiegħu u għafas l-analoġija Tiegħu b'mod aktar iebes:

> "*Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż igħix għal dejjem, U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi, li jingħata għall-ħajja tad-dinja*" (vers 51).

Hawn Ġesù jbassar il-mewt Tiegħu fuq is-salib, **mhux** is-sagrament ta' l-Ewkaristija. Hu qiegħed ibassar l-għoti ta' ħajtu fuq is-salib.

Meta Ġesù wiegħed,

> "*Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż, igħix għal dejjem*" (vers 51),

Hu ma kienx qiegħed jitkellem dwar ħobż letterali, imma kien qiegħed jgħallem li Hu Nnifsu kien is-sors tal-ħajja ta' dejjem għal dawk li jemmnu. Hu jistqarr din il-verità f'lingwa ċara, meta jgħid,

> "*Tassew, tassew ngħidilkom, min **jemmen** għandu l-ħajja ta' dejjem*" (vers 47)

Hu jistqarr din il-verità f'lingwa figurattiva, meta jgħid,

> "*Jiena hu l-ħobż tal-ħajja*" (vers 47).

Din l-esspressjoni ċara u figurattiva ta' l-istess verità tista' wkoll tkun tidher fil-kostruzzjoni parallela ta' Ġwanni 6:40 u Ġwanni 6:54 kif murija fit-tabella taħt:

---

| **Mistqarra f'Lingwa Ċara** *Ġwanni 6:40* | **Mistqarra f'Lingwa Figurattiva** *Ġwanni 6:54* |
|---|---|
| …kull min | Min |
| jara lil l-Iben | jiekol ġismi |
| u | u |
| jemmen fih, | jixrob demmi |
| ikollu l-ħajja ta' dejjem; | għandu l-ħajja ta' dejjem |

| | |
|---|---|
| u | u |
| jiena nqajmu… | jiena nqajmu… |
| fl-aħħar jum. | Fl-aħħar jum. |

---

Skulari Kattoliċi Rumani jirriġettaw l-interpretazzjoni figurattiva. Huma jgħidu li l-Lhud fehmu lil Ġesù bħala li kien qiegħed jitlobhom biex jieklu l-ġisem attwali Tiegħu. Dak hu għaliex huma gergru u telqu. Billi Ġesù ma kkorreġihomx fuq dan il-punt kruċjali, jargumentaw l-iskulari Kattoliċi Rumani, huwa ċar li l-Lhud kienu fehmu sewwa lill-Mulej [1336]

Hemm xi mertu għal dan l-argument. Xi wħud mil-Lhud tassew fil-fatt ħasbu li Ġesù kien qiegħed jitlobhom biex jieklu l-ġisem fiżiku Tiegħu (vers 52). Imma dan ma jipprovax li huma fehmu sewwa lil Ġesù. Nies spiss fehmu ħażin lill-Mulej, normalment minħabba li huma naqsu milli jagħmlu għażla meta Hu kien ikun qiegħed jitkellem figurattivament, per eżempju, fi Ġwanni 2:19-21 naqraw,

> *"Ġesù weġibhom: "Ħottu dan it-tempju, u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu." Għalhekk il-Lhud qalulu: "Dan it-tempju ħa sitta u erbgħin sena biex inbena, u int se ttellgħu fi tlitt ijiem?" Iżda hu tkellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu."*

Eżempju ieħor, li diġa tkellimt dwaru fil-qosor, insibuh fi Ġwanni 4:10-11,

> *"Ġesù weġibha: "Kieku kont taf id-don ta' Alla u min hu dak li qiegħed igħidlek, 'Agħtini nixrob,' kieku int kont titolbu, u hu kien jagħtik ilma ħaj." Qaltlu l-mara: "Sinjur, mnejn se ġġib l-ilma ħaj jekk anqas biex timla ma għandek u l-bir huwa fond?"*

Jista' xi ħadd jgħid li hemm xi differenza bejn dawn iż-żewġ eżempji u dak li naqraw fi Ġwanni sitta? Ġesù bil-ħsieb uża lingwa figurattiva biex igħatti l-verità minn semmiegħa ta' qalb iebsa u li ma jemmnux (ara Mattew 13:10-16).

Madankollu, l-istqarrija li Ġesù ma għamel ebda attentat biex jirranġa n-nuqqas ta' għarfien tal-Lhud fi Ġwanni sitta hija nkorretta. Bi tweġiba għat-tgergir tan-nies, Ġesù qal,

> "***Hu l-ispirtu*** *li jagħti l-ħajja*, ***il-ġisem ma jiswa għal xejn***. ***Il-kliem*** *li jiena għedtilkom* ***huwa spirtu u ħajja***" (vers 63, enfasi tiegħi).

Qiegħed tara kif Ġesù irranġa n-nuqqas ta' għarfien tal-Lhud? Qiegħed tara kif meta xi ħadd jikkwota xi vers jew versi minn kapitlu dan ikun qiegħed joħroġ barra mill-kuntest tiegħu u b'hekk ikun qiegħed jagħti interpretazzjoni żbaljata għal kollox? Ħajja ta' dejjem kellha tinkiseb billi temmen **il-kliem** ta' Ġesù. Li tiekol il-laħam Tiegħu jkun bla siwi ta' xejn! Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn dan!

Kif dawk li opponew lil Ġesù telqgħu f'nuqqas ta' twemmin, Hu dar fuq it-tnax biex jittestja l-fidi tagħhom billi staqsiehom, "*Tridux titilqu intom ukoll?*" (vers 67).

Pietru wieġeb mhux kif iwieġbu l-iskulari tal-Knisja Kattolika Rumana billi qal,

> "*Mulej, għand min immorru? Int għandek* ***il-kliem*** *tal-ħajja ta' dejjem. U aħna emminna u għarafna li inti l-Qaddis ta' Alla*" (versi 68-69. Enfasi tiegħi).

Għallanqas Pietru fehem li l-ħajja ta' dejjem kienet permezz ta' li *temmen fi Kristu*, **mhux** li tiekol il-ġisem letterali Tiegħu!

Għalkemm Ġesù rriferixxa għall-ħobż fi Ġwanni sitta, aħna m'għandniex naqraw l-Aħħar Ikla f'din is-silta. Il-kontenuti ta' Ġwanni sitta u ta' l-Aħħar Ikla huma *kompletament differenti*.

Fi Ġwanni sitta Ġesù qiegħed ikellem lil Lhud li ma jemmnux. Is-suġġett huwa l-ħajja ta' dejjem permezz ta' fidi Fih. Ġesù juża l-ħobż biex jirrappreżenta Lilu nnifsu bħala l-Wieħed mibgħut mill-Missier (Ġwanni 6:29), bħala sors ta' ħajja

(vers 35), u bħala s-Salvatur tad-dinja (vers 51). L-iskop tal-Mulej huwa biex jillustra l-bżonn għall-midinbin biex ipoġġu l-fiduċja tagħhom Fih għall-ħajja ta' dejjem.

Fl-Aħħar Ikla, Ġesù qiegħed ikellem lid-dixxipli Tiegħu. Hu juża l-ħobż biex *jirrappreżenta* l-ġisem Tiegħu. L-iskop Tiegħu huwa biex iwaqqaf ikla ta' **memorja** li biha huma jiftakruh. Hu jrid lid-dixxipli biex iħabbru l-mewt Tiegħu f'dan il-mod sakemm jerġa' jiġi. "*Agħmlu dan **b'tifkira** tiegħi*" (Luqa 22:19).

Ġwanni sitta u l-Aħħar Ikla huma żewġ ġrajjiet differenti għal kollox. Li tuża Ġwanni sitta biex tispjega l-Aħħar Ikla huwa li tgħawweġ it-tifsira tat-tnejn! Imma dan hu eżattament dak li l-Knisja Kattolika Rumana għamlet! Billi tħallat l-iżball, il-Knisja Kattolika Rumana tirrifjuta milli tammetti nterpretazzjoni figurattiva tat-tnejn!

## KRISTU FALZ

Jekk Kristu għallem li l-ħobż u l-inbid *jirrappreżentaw* il-ġisem u d-demm Tiegħu, imma l-Knisja Kattolika Rumana tgħallem li dawn *isiru* l-ġisem u d-demm Tiegħu, x'differenza jagħmel dan? Jekk il-Kattoliċi sinċerament jemmnu li Kristu huwa preżenti fl-Ewkaristija, xi ħsara hija magħmula?

Ħafna f'kull mod! Kull ġimgħa miljuni ta' Kattoliċi jmorru f'linji quddiem l-artali jistennew li jirċievu lil Kristu. Huma jiġu jittamaw li jiksbu ikel tas-sema li jsostni lir-ruħ tagħhom u jservi bħala antidot kontra d-dnub [1395, 1405]. Il-Knisja twiegħed lilhom illi fl-Ewkaristija huma jsibu "is-sors u l-quċċata tal-ħajja kollha Kristjana" (It-Tieni Konċilju Vatikan, "Sacred Liturgy," *On Holy Communion and the Worship of the Eucharistic Mystery Ourtside of Mass*, no. 79), "is-sors tas-salvazzjoni," (It-Tieni Konċilju Vatikan, "Sacred Liturgy," General Instruction on the Roman Missal," no. 55), "Kristu Nnifsu" (It-Tieni Konċilju Vatikan, "Sacred Liturgy," "*Instruction on the Worship of the Eucharistic Mystery*," no. 6; quoting "*Decree on the Ministry and Life of the Priests*," no. 5.) [1324-1327].

Imma x'jircievu attwalment il-Kattolici Rumani? Xejn ħlief ostja rqiqa ta' ħobż bla ħmira—ostja li ma ġġibhomx eq-reb

għas-salvazzjoni ta' dejjem. Fil-fatt il-Quddiesa attwalment tfixkel lill-Kattoliċi Rumani li jfittxu s-salvazzjoni. Li tmur il-Quddiesa hija biss ħaġa waħda oħra li l-Knisja tagħti lin-nies *biex jagħmlu* sabiex huma forsi jkunu salvi; ħaġa waħda oħra li tieħu l-post ta' relazzjoni personali ma' Kristu; ħaġa waħda oħra li tagħmilhom dipendenti fuq il-Knisja għas-salvazzjoni tagħhom.

Barra minn dan, il-liturġija tal-Quddiesa teħtieġ lill-Kattoliċi Rumani biex fl-effett jipprattikaw l-idolatrija, biex jaduraw l-Ewkaristija "b'qima suprema" (The Code of Canon Law, canon 898) [1378-1381]. Imma attwalment x'qegħdin jaduraw il-Kattoliċi Rumani? Biċċa ħobż! Kalċi bl-inbid!

Iżda Alla jipprojbixxi l-qima ta' xi oġġett, ukoll dawk li huma maħsuba biex jirrappreżentaw Lilu:

> "*La tagħmilx għalik suriet minquxa u ebda xbieha ta' ebda ħaġa li hemm fil-għoli tas-sema, jew isfel fl-art, jew fil-baħar taħt l-art. La tmilx quddiemhom: La tadurahomx…*" (Eżodu 20:4-5).

Aħna nistgħu nkunu żguri li Alla qatt mhu xe jikkontradixxi Lilu Nnifsu billi **jidħol f'oġġetti materjali** bħall-ħobż u nbid u mbagħad jordna lin-nies biex jadurawhom:

> "*Jiena l-Mulej, dan hu ismi;*
>
> *Ma nċedi lil ħadd il-glorja tiegħi;*
>
> *Lanqas lill-idoli t-tifħir tiegħi*"
>
> --(Isaija 42:8).

### IL-KONTINWAZZJONI TAS-SALIB

Il-Kattoliċiżmu Ruman igħallem li fl-Aħħar Ikla, wara li kkonsagra l-ħobż u l-inbid, Ġesù "offra l-ġisem u d-demm Tiegħu lil Alla l-Missier" (Konċilju ta' Trent, sezzjoni 22, "*Teaching and Canons on the Most Holy Sacrifice of the Mass*," kapitlu 1). Kristu mbagħad ta l-ġisem u d-demm Tiegħu

lil l-appostli biex jiekluh, jordnalhom, "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (Luqa 22:19). B'dak il-kliem, skond il-Knisja, Kristu waqqaf lil l-appostli Tiegħu "qassisin tal-patt il-ġdid" (Konċilju ta' Trent, sezzjoni 22, "*Teaching and Canons on the Most Holy Sacrifice of the Mass*," kapitlu 1), u "ikkmanda lilhom u lis-suċċessuri tagħhom fis-saċerdozju" (Konċilju ta' Trent, sezzjoni 22, "*Decree and Canons on the Most Holy Sacrifice of the Mass*," kapiltu 1), biex ikomplu l-offerta ta' l-Ewkaristija [1337]. F'dan il-mod Kristu—

> …waqqaf ikla ta' l-Għid ġdida, dik li joffri lilu nnifsu mill-knisja permezz tal-qassisin tagħha taħt is-sinjali viżibbli, f'memorja tal-passaġġ tiegħu stess minn din id-dinja għall-Missier….
>
> --Konċilju ta' Trent

Skond il-Knisja Kattolika Rumana, il-Quddiesa hija "sagrifiċċju tassew u proprju," (Konċilju ta' Trent, sezzjoni 22, "*Teaching and Canon on the Most Holy Sacrifice of the Mass*," canon 1), mhux sempliċiment rit simboliku, imma "sagrifiċċju" attwali "ta' l-Ewkaristija" (It-Tieni Konċilju Vatikan, "*Sacred Liturgy*," "*Instruction on the Worship of the Eucharistic Mystery*," no. 9) [1367]. Fl-offerta tal-Quddiesa, hemm vittma reali: Il-Mulej Ġesù taħt id-dehra ta' ħobż u nbid. Għal din ir-raġuni, il-Knisja Kattolika Rumana, tirriferixxi għall-ħobż ikkonsagrat bħala *ostji*, mill-kelma Latina *vittma*. L-offerta hija wkoll reali. Il-qassis "…joffri l-vittma immakulata lil Alla l-Missier, fl-Ispirtu s-Santu" (It-Tieni Konċilju Vatikan, "*Sacred Liturgy*," "*General Instruction on the Roman Missal*," kapitlu 2, sezzjoni 55)

> Il-karattru sagrifikali ta' l-Ewkaristija huwa muri fil-kliem innifsu ta' l-istituzzjoni: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom" u "Dan il-kalċi hu l-Patt il-Ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom" (Luqa 22:19-20). Fl-Ewkaristi-

ja Kristu jagħti l-istess ġisem li ngħata għalina fuq is-salib, l-istess demm "li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet" (Mattew 26:28). *--Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*[1365]

Sagrifiċċju huwa l-iskop primarju tal-Quddiesa. Il-Papa Ġwanni Pawlu II kiteb: "L-Ewkaristija hija l-fuq minn kull sagrifiċċju ieħor. Hija s-sagrifiċċju tal-Fidwa u wkoll is-sagrifiċċju tal-Patt il-Ġdid" (Papa Ġwanni Pawlu II, *On the Mystery and Worship of the Eucharist*, no. 9).

Il-Knisja Kattolika Rumana tgħallem illi s-sagrifiċċju tas-salib u s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa huma "wieħed u l-istess sagrifiċċju" (It-Tieni Konċilju Vatikan, "*Sacred Liturgy*," "*General Instruction on the Roman Missal*," no. 2), għax f'kull wieħed, Kristu huwa dak li joffri u l-offerta [1367, 1407-1410]. Fuq is-salib Kristu joffri Lilu nnifsu lill-Missier permezz ta' l-idejn tal-qassis [1088]. Madankollu, Kristu għadu prinċipalment dak li joffri, għaliex il-Knisja tikkunsidra lill-qassis li jkun "Kristu ieħor" (Papa Piju XI, "*Ad Catholici Sacerdotii*," Diċembru 20, 1935) [1348, 1566].

> Il-qassis ma jeżistix aktar bħala persuna individwali. Hu dar f'sinjal sagramentali, ir-rappreżentattiv ta' Kristu, preżenti fuq l-artal u joffri lilu nnifsu f'sagrifiċċju. Kristu huwa l-qassis reali: huwa hu li jikkonsagra l-ħobż f'ġismu u l-inbid f'demmu u joffri t-tnejn bħala rigal sagrifikali lill-Missier tas-smewwiet (Rev. Matthias Premm, *Dogmatic Theology for the Laity* (Rockford, IL: Tan Books and Publishers, 1977), p. 354).

Skond il-Knisja Kattolika Rumana, Kristu waqqaf il-Quddiesa sabiex "jipperpetwa s-sagrifiċċju tas-Salib matul iż-żminijiet sakemm hu jerġa' jiġi (It-Tieni Konċilju Vatikan, "*Sacred Liturgy*," "*The Constitution on the Sacred Liturgy*," no. 47) [1323, 1382]. Kull Quddiesa tkun "it-tiġdid sagramentali" (It-

Tieni Konċilju Vatikan, "Sacred Liturgy," "General Instruction on the Roman Missal," no. 2) tas-salib bi skop fi tlieta [1366]:

> ...sabiex iħalli lill-għarusa maħbuba tiegħu l-knisja sagrifiċċju viżibbli (kif teħtieġ in-natura umana), li bih is-sagrifiċċju mdemmi magħmul fuq is-salib ikun irrappreżentat, il-memorja tiegħu tippersisti sat-tmiem taż-żmien, u l-qawwa li ssalva tiegħu tkun applikata għal-maħfra tad-dnubiet li aħna nikkommettu kulljum...
>
> --Konċilju ta' Trent (Konċilju ta' Trentu, sezzjoni 22, "*Teaching and Canons on the Most Holy Sacrifce of the Mass*," kapitlu 1.)

Hawn il-Knisja Kattolika Rumana tiddeskrivi tlett relazzjonijiet bejn il-quddiesa u s-salib. Biex tifhem in-natura sagrifikali tal-Quddiesa, huwa neċessarju li teżamina kull waħda minn dawn ir-relazzjonijiet separatament.

### KULL QUDDIESA TERĠA' TIPPREŻENTA S-SAGRIFIĊĊJU TAS-SALIB

### [1330, 1354, 1357]

F'li jispjega ta' l-Aħħar Ikla, il-Kattoliċiżmu Ruman jenfasizza li Kristu ikkonsagra l-ħobż u l-inbid *separatament*. L-ewwel Hu biddel il-ħobż; imbagħad biddel l-inbid. Il-qassis josserva din l-istess ordni fil-Quddiesa:

> Għax id-demm, ikkonsagrat separatament, iservi biex ipoġġi quddiem għajnejn kulħadd, f'manjiera aktar qawwija, il-Passjoni tal-Mulej tagħna, il-mewt Tiegħu, u n-natura tat-tbatijiet Tiegħu.
>
> ---*Il-Kattoliċiżmu Ruman* (John A. McHugh, O.P., and Charles J. Callan, O.P., translators, *The Roman Catechism: The Catechism of the Council of Trent* (Rockford,

IL: Tan Books and Puiblishers, 1982), p. 227).

Għal l-istess raġuni, il-ħobż u l-inbid *jibqgħu separati* fil-Quddiesa:

> …l-ispeċi ewkaristiċi li taħthom Hu qiegħed preżenti jissimbolizzaw is-separazzjoni attwali tal-ġisem u d-demm Tiegħu. Għalhekk ir-rappreżentazzjoni kommemorattiva tal-mewt Tiegħu, li attwalment saret fuq il-Kalvarju, hija irripetuta f'kull sagrifiċċju ta' l-artal, naraw li Ġesù Kristu hu muri simbolikament permezz ta' simboli separati li jkun fi stat ta' vittma. (Papa Piju XII, *Mediator Dei*, no. 70).

Konsegwentament, b'koinċidenza mal-konsagrazzjoni tal-ħobż u l-inbid huwa *d-debħa* ta' Kristu:

> Għax fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa l-Mulej Tagħna huwa issagrifikat meta "hu jibda jkun preżenti sagramentalment bħala l-ikel spiritwali tal-fidili taħt id-dehriet tal-ħobż u l-inbid
>
> ---It-Tieni Konċilju Vatikan

Dbiħ huwa l-qtil sagrifikali ta' vittma. Il-Knisja tgħid iżda, li fil-Quddiesa Kristu ma jbatix, ixerred demmu, jew imut. Pjuttost, Kristu jesperjenza "dbiħ bla demm" (Papa Piju XII, *Mediator Dei*, no. 68) li bih Hu jkun preżenti sagramentalment taħt id-dehriet tal-ħobż u l-inbid, "vittma l-aktar qaddisa" (John A. McHugh, O.P., Charles J. Callan, O.P., transaltors, *The Roman Catechism: The Catechism of the Council of Trent* (Rockford, IL: Tan Books and Publishers, 1982), p. 258). [1085, 1353, 1362, 1364, 1367, 1383, 1409, 1545].

Kattoliċiżmu Ruman igħallem li darba li Kristu huwa preżenti fi stat ta' vittma fuq l-artal, Hu mbagħad joffri Lilu nnifsu lil Alla l-Missier permezz ta' l-idejn tal-qassis u f'għaqda mal-Knisja [1354, 1357]:

> Iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija hija l-azzjoni ta' Kristu nnifsu u l-Knisja; fiha Kristu l-Mulej, permezz tal-ministeru tal-qassis, joffri Lilu nnifsu, sostanzjalment preżenti taħt il-forom tal-ħobż u l-inbid, lil Alla l-Missier….
>
> ---(The Code of Canon Law, canon 899)

Din il-preżentazzjoni mill-ġdid ta' Kristu lill-Missier issir fil-Quddiesa meta l-qassis jitlob:

> Missier…aħna noffru lilek, Alla tal-glorja u maestà, dan is-sagrifiċċju perfett u qaddis: il-ħobż tal-ħajja u l-kalċi tas-salvazzjoni ta' dejjem. Ħares b'favur fuq dawn l-offerti u aċċettahom….Alla li Tista' Kollox, aħna nitolbu li l-anġlu tiegħek jieħu dan is-sagrifiċċju fl-artal tiegħek fis-smewwiet. Imbagħad, kif aħna nirċievu minn dan l-artal il-ġisem u d-demm sagri ta' Ibnek, ħalli nkunu mimlija b'kull grazzja u barka. (The Memorial Prayer of the First Eucharistic Prayer).

Il-Knisja, għalhekk, tikkonsidra l-Quddiesa li hija sagrifiċċju tassew [1365]:

> Is-sagrifiċċju maestuż ta' l-artal, mela, mhuwiex sempliċiment kommemorazzjoni tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù Kristu, imma att veru u proprju ta' sagrifiċċju, fejn il-Qassis il-Kbir permezz ta' debħa joffri Lilu nnifsu vittma l-aktar aċċettabbli lill-Missier Etern, kif Hu għamel fuq is-salib. (Papa Piju XII, *Mediator Dei*, no. 68)

Biex tgħin lill-fidili jiftakru l-konnessjoni bejn is-sagrifiċċju tas-salib u s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa, il-Knisja teħtieġ li f'kull Quddiesa "salib, li jkun jidher faċilment għan-nies, għandu jkun fuq l-artal jew xi mkien mhux 'il bogħod minnu" (It-

Tieni Konċilju Vatikan, "Sacred Liturgy," "General Instruction on the Roman Missal," no. 270).

**KULL QUDDIESA HIJA TIFKIRA TAS-SAGRIFIĊĊJU TAS-SALIB**
[610-611, 1356-1358, 1362-1372]

Skond il-Knisja, kull Quddiesa—

> …tfakkarna li ma hemm ebda salvazzjoni ħlief fis-salib tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu u li Alla Nnifsu jixtieq li jkun hemm kontinwazzjoni ta' dan is-sagrifiċċju….(Papa Piju XII, *Mediator Dei*, no. 79)

Il-Quddiesa "tiċċelebra t-tifkira ta' Kristu, issejjaħ fil-moħħ speċjalment il-passjoni mbierka Tiegħu, il-qawmien glorjuz Tiegħu u t-tlugħ Tiegħu fis-sema" (It-Tieni Konċilju Vatikan, "Instruction on the Manner of Distributing Holy Communion," no. 55). Dan huwa muri f'bosta modi fil-Quddiesa. Eżempju wieħed huwa l-*Akklamazzjoni Memorjali*: "Kristu miet. Kristu mqajjem. Kristu jerġa' jiġi" *(Eucharistic Paryer, Memorial Acclamation*).

***KULL QUDDIESA TAPPLIKA L-QAWWA LI SSALVA TAS-SAGRIFIĊĊJU TAS-SALIB***
**[1366, 1407, 1416, 1566]**

Il-Kattoliċiżmu Ruman igħallem li Kristu waqqaf l-Ewkaristija—

> …biex il-Knisja tkun tista' jkollha Sagrifiċċju perpetwu, li bih id-dnubiet tagħna jkunu maħfura, u Missierna tas-smewwiet, li spiss ikun offendut gravi bil-ħtijiet tagħna, ikun imdawwar mill-korla għall-ħniena, minn severità ta' kastig ġust għall-klemenza (John A. McHugh, O.P., and Charles J, Callan, O.P., translators, *The Roman Catechism: The Catechism of the Council of Trent* (Rockford, IL.: Tan Books and Publishers, 1982), p. 255)

Skond it-twemmin Kattoliku Ruman, kull darba li qassis joffri l-Quddiesa, il-korla ta' Alla kontra d-dnub tkun ikkalmata. Il-Quddiesa, ukoll bħala s-salib innifsu, hija sagrifiċċju propizjatorju jew li jtaffi:

> F'dan is-sagrifiċċju divin li huwa mwettaq fil-quddiesa, l-istess Kristu jinsab u offrut f'mod bla demm li għamel sagrifiċċju mdem-mi tiegħu nnifsu darba għal dejjem fuq is-salib. Għalhekk il-konċilju qaddis igħallem li dan huwa sagrifiċċju propizjatorju, u jgħid li jekk aħna nersqu lejn Alla bi qlub sinċiera u fidi dritta, u b'qima u riverenza, *aħna nirċie-vu ħniena u nsibu grazzja biex tgħinna fi żmien ta' bżonn* (Lhud 4:16). Għax il-Mulej ikun imtaffi b'din l-offerta, hu jagħti d-don grazzjuż ta' l-indiema, hu jaħfer ukoll offiżi kbar ta' dnubiet" (Konċilju ta' Trent, sezz-joni 22, "*Teaching and Canons on the Most Holy Sacrifice of the Mass*," kapitlu 2).

Li ttaffi huwa l-effett lejn Alla tas-Sagrifiċċju tal-Quddiesa. L-effett lejn il-bniedem huwa l-maħfra, il-ħelsien tal-midneb mill-kastig tad-dnub [1371, 1394, 1416]:

> Il-ġisem ta' Kristu li aħna nirċievu fit-Tqar-bin "huwa mogħti għalina," u d-demm li aħna nixorbu "imxerred għal ħafna għall-maħfra tad-dnubiet." Għal din ir-raġuni l-Ewkaristija ma tistax tgħaqqadna ma' Kristu mingħajr ma fl-istess ħin tnaddafna mid-dnubiet tal-passat.
>
> ---*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* [1393]

Is-Sagrifiċċju tal-Quddiesa jibbenefika kemm lill-ħajjin kif ukoll lill-mejtin [1371, 1414, 1689]:

> Għalhekk huwa wisq xieraq offrut skond it-tradizzjoni appostolika mhux biss għad-dnu-

> biet, penalitajiet, sodisfazzjonijiet u bżonnijiet oħra tal-fidili li qed jgħixu, imma wkoll għal dawk li mietu fi Kristu imma għadhom mhumiex imnaddfa għal kollox (Konċilju ta' Trent, sezzjoni 22, "*Teaching and Canons on the Most Holy Sacrifice of the Mass*," kapitlu 2).

Fil-kliem tal-*Katekiżmu* l-ġdid:

> L-Ewkaristija, bħala sagrifiċċju, hi wkoll offerta ta' tpattija għad-dnubiet tal-ħajjin u tal-mejtin, u offerta ukoll biex niksbu minn għand Alla kull ġid spiritwali u temporali.
>
> ---*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*[1414]

Il-Knisja tgħallem li l-bneficċji tas-sagrifiċċju tas-salib "huma miksuba fl-akbar qies" (Konċilju ta' Trent, sezzjoni 22, "*Teaching and Canons on the Most Holy Sacrifice of the Mass*," kapitlu 2) permezz tas-sagrifiċċju tal-Quddies:

> Għalhekk din it-talba tas-soltu tal-Knisja: *Kull meta ċ-ċelebrazzjoni ta' din il-vittma hija ċċelebrata, daqshekk ix-xogħol tas-salvazzjoni tagħna jkun magħmul*; jiġifieri, permezz ta' dan is-Sagrifiċċju bla demm jinżel għalina l-aktar frott abbundanti ta' dik il-vittma mdemmija. (John A. McHugh, O.P., and Charles J. Callan, O.P., translators, *The Roman Catechism: The Catechism of the Council of Trent* (Rockford, IL.: Tan Books and Publishers, 1982), p. 259; quoting the Secret Prayer of the Ninth Sunday after Pentecost).

It-twemmin illi s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa japplika l-qaw-wa tas-salib huwa mfisser fil-Liturġija ta' l-Ewkaristija. Il-qas-sis jitlob lil Alla: Ħares b'favur fuq l-offerta tal-Knisja tiegħek, u ara l-Vittma li mewt tagħha rrikonċiljatna għalik innifsek

(Third Eucharistic Prayer, The Memorial Prayer). Imbagħad hu jżid, "Mulej, jalla dan is-sagrifiċċju, li għamel il-paċi tagħna miegħek, javvanza l-paċi u s-salvazzjoni tad-dinja kollha" (Third Eucharist Prayer, The Prayer of Intercession for the Church).

## TWEĠIBA BIBLIKA

Il-kunċett ta' sagrifiċċju li jibqa' jsir għad-dnubiet huwa **barrani** għall-Kristjaneżmu bibliku. L-Iskrittura tgħallem li "*ma hemmx għalfejn issir aktar l-offerta għad-dnubiet*" (Lhud 10: 14). Kristu ħabbibna mill-ġdid ma' Alla. Naqraw li:

> "*Bih Alla għoġbu jerġa' jħabbeb kollox miegħu; bid-demm tiegħu, imxerred fuq is-salib, ġieb is-sliem permezz tiegħu fis-sema u fl-art*" (Kolossin 1:20).

Kuntrarju għad-dottrina Kattolika Rumana, il-Bibbja tgħallem li:

» Kristu talab biex ikun ***imfakkar***, mhux issagrifikat.
» Ix-xogħol tal-*fidwa* ta' Kristu huwa **lest**, mhux ikompli.
» Kristu għamel lil *kull* emmieni qassis, mhux ftit magħżula.

### KRISTU TALAB BIEX IKUN IMFAKKAR, MHUX ISSAGRIFIKAT

Fl-aħħar ikla l-Mulej Ġesù Kristu ordna lid-dixxipli Tiegħu, "*Għamlu dan b'tifkira tiegħi*" (Luqa 22:19). Il-kelma tradotta "tifkira" tfisser *issejjaħ fil-moħħ*. Il-Mulej ried lid-dixxipli Tiegħu biex isejħu f'moħħhom ix-xogħol Tiegħu tas-salvazzjoni fuq is-salib. Bil-ħobż u l-inbid quddiemhom, simboli ta' ġismu u ta' demmu, huma *kellhom "iħabbru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi*" (1 Korintin 11:26). Il-laqgħa li l-Kristjani jiġu biex isejħulha "l-qsim tal-ħobż" (Atti 2:42; 20:7) u "l-Ikla tal-Mulej" (1 Korintin 11:20) tkun ***tifkira*** tal-mewt Tiegħu.

L-Iskrittura, iżda, **qatt** ma tirriferixxi għall-Aħħar Ikla (l-ikla ta' l-Għid mikula fil-lejl tat-tradiment ta' Kristu) jew għall-Ikla tal-Mulej (l-ikla b'tifkira iċċelebrata mill-Kristjani) bħala *sagrifiċċju*. B'dankollu, it-teoloġi Kattoliċi Rumani jikk-

unsidraw kemm l-Aħħar Ikla kif ukoll l-Ikla tal-Mulej bħala li huma sagrifiċċju reali. Aħna sejrin nikkunsidraw sitt argumenti li huma jpoġġu 'l quddiem mill-Iskrittura għall-pożizzjoni tal-Knisja:

» Imbassar minn Malakija
Malakija ipprofetizza li jkun hemm sagrifiċċju f'kull post (Malakija 1:11).
» Imbassar minn Ġesù
Ġesù ipprofetizza li jkun hemm sagrifiċċju f'kull post (Ġwanni 4:21).
» Ordni ta' Melkisedek
Ġesù offra ħobż u nbid bħala qassis skond l-ordni ta' Melkisedek (Salm 110:4).
» It-Temp Preżenti
Ġesù tkellem dwar is-sagrifiċċju Tiegħu fit-temp preżenti fl-Aħħar Ikla (Luqa 22:19,20).
» Sagrifiċċju tal-Patt il-Ġdid
Kristu, l-offerta tagħna ta' l-Għid huwa s-sagrifiċċju tal-Patt il-Ġdid (1 Korintin 5:7).
» Sagrifiċċju ta' l-Artal
Pawlu tkellem dwar l-Ikla tal-Mulej bħala sagrifiċċju ta' l-artal (1 Korintin 10:21).

### *Imbassar minn Malakija*

Il-Knisja Kattolika Rumana tgħid li Malakija ipprofetizza li xi darba l-ġnus kollha joffru sagrifiċċji. Il-Bibbja Kattolika taqra hekk:

> "*Għax minn tlugħ ix-xemx sa nżulha kbir hu Ismi fost il-ġnus; u kullimkien isir lil Ismi sagrifiċċju **bl-inċens** u offerta safja*" (Malakija 1:11). (enfasi tiegħi)

Il-Knisja Kattolika Rumana tgħallem li l-Ewkaristija hija t-twettiq tal-profezija ta' Malakija [1350, 2643]. Il-Quddiesa—

> …mhi xejn ħlief dik l-offerta (oblazzjoni) nadifa li ma tista' tkun imtabba' bl'ebda nuqqas ta' dehen jew ħażen fuq il-parti ta' dawk li joffruha, li l-Mulej qal minn qabel permezz ta' Malakija bħala li tkun offruta fis-safa f'kull post f'ismu, li tkun kbira fost il-ġnus. (Konċilju ta' Trent, sezzjoni 22, "Teaching and Canons on the Most Holy Sacrifice of the Mass," kapitlu 1.)

It-traduzzjoni u l-interpretazzjoni Kattolika Rumana ta' Malakija 1:11 it-tnejn huma kwestjonabbli. Il-vers *ma jużax* il-kelma komuni Lhudija għal sagrifiċċju. Fil-fatt, il-kelma Lhudija tradotta "sagrifiċċju" fil-Bibbja Kattolika tiġri biss f'Malakija 1:11 fl-Iskrittura kollha! Bħal kif fil-ħafna kliem rari, it-traduzzjoni tagħha mhix ċerta. Huwa magħruf li l-kelma hija maħruġa minn tifsira li għandha l-għeruq tagħha "li tikkawża li titla' 'l fuq f'duħħan" (Harris, Archer, and Waltke, editors, *Theological Wordbook of the Old Testament* (Chicago: Moody, 1980), vol. II, pp. 796). It-tradutturi ta' Bibbja magħrufa mhux Kattoliċi jifhmu l-kelma li tirriferixxi għall-*inċens*, kif fil-fatt it-tradutturi Maltin poġġew il-kelma *inċens*: "*kullimkien isir lil Ismi sagrifiċċju* ***bl-inċens****…*" (Malakija 1:11). L-ewwel verżjoni tat-Testment il-Qadim tradotta mil-Lhudi għall-Grieg (Septuagint), ukoll iġġib il-kelma "inċens." Mela, għaliex, nistaqsi, li għalkemm il-kelma hija mdaħħla fil-Bibbja Kattolika Rumana, ukoll fil-Katekiżmu, **xorta waħda** għad huwa mgħallem li Malakija 1:11 jipprofetizza s-sagrifiċċju tal-Quddiesa?

Ukoll, l-"offerta safja" li Malakija rrifera għaliha ma tirreferixxix neċssarjament għal sagrifiċċju għad-dnub. F'post ieħor fit-Testment il-Qadim, il-kelma tradotta "offerta" tirriferixxi għall-offerta tal-qamħ, att volontarju ta' gratitudni, mhux sagrifiċċju bi tpattija għad-dnub (ara Levitku 6:14-23).

Fl-aħħarnett, Malakija jitkellem dwar żmien meta "l-isem" tal-Mulej "ikun kbir fost il-ġnus" (Malakija 1:11). Ċertament li dan mhuwiex il-każ fil-preżent. Illum l-isem ta' Kristu huwa l-

ħaġa ta' disprezz u tmaqdir. Il-kuntest tal-profezija ta' Malakija jagħmilha ċara li hu qiegħed jirriferixxi għall-ġrajjiet fil-futur li jsegwu t-tieni miġja ta' Kristu.

Inċidentalment, id-deskrizzjoni tal-Knisja dwar il-Quddiesa bħala "dik l-offerta nadifa li ma tista' tkun imtabba' bl-ebda nuqqas ta' dehen jew ħażen fuq il-parti ta' dawk li joffruha" (Konċilju ta' Trent, sezzjoni 22, "Teaching and Canons on the Most Holy Sacrifice of the Mass," kapitlu 1), tesprimi twemmin ieħor żbaljat Ruman Kattoliku. Il-Knisja tgħallem illi s-sagrifiċċju tal-Quddiesa huwa qaddis u aċċettabbli għal Alla tkun xi tkun il-kondizzjoni spiritwali tal-qassis li joffriha [1128]. (Dan il-prinċipju japplika għas-sagramenti kollha. Il-Knisja tgħallem li sagrament huwa validu jekk il-qassis b'mod xieraq josserva l-elementi kollha essenzjali tar-rit. Mhuwiex meħtieġ li hu nnifsu jkun fi stat ta' grazzja [Konċilju ta' Trent, sezzjoni 7, "First Decree On the Sacraments," canon 12]). Fi kliem ieħor, jekk qassis ordnat b'mod xieraq joffri l-Quddiesa, is-sagrifiċċju huwa qaddis għall-Mulej ukoll jekk il-qassis li qiegħed joffrih personalment ikun qiegħed jieħu sehem fl-aktar dnubiet vili. Il-Bibbja, minn naħa l-oħra, tgħallem li "*l-Mulej jistkerrah is-sagrifiċċju tal-ħżiena…*" (Proverbji 15:8). Kemm hu differenti t-tagħlim ta' Alla minn dak tal-bniedem! Imma xi nies jippreferixxu li jaċċettaw it-tagħlim falz tal-bnedmin milli dak li tgħid il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa!

## *Imbassar minn Ġesù*

Skulari Kattoliċi Rumani jsostnu li Ġesù qal minn qabel il-miġja tas-Sagrifiċċju tal-Quddiesa waqt li kien qiegħed ikellem lill-mara mis-Samarija:

> *"Qaltlu l-mara: "…Missirijietna kienu jaduraw lil Alla fuq din il-muntanja; [Muntanja Gariżim], imma intom tgħidu li l-post fejn wieħed għandu jadura lil Alla jinsab f'Ġerusalem." Qalilha Ġesù: "Emminni, mara; jiġi żmien meta mhux fuq din il-muntanja taduraw lill-Missier, anqas f'Ġerusalem."*

—Ġwanni 4:19-21

Awtur Kattoliku l-qassis Matthias Premm jikkummenta:

> Għalhekk, mhux biss f'Ġerusalem jew fuq il-Muntanja Geriżim, imma madwar id-dinja kollha ("Mit-tlugħ tax-xemx sa l-inżul tagħha," jgħid Malakija) jkun hemm sagrifiċċju. (Rev. Matthias Premm, *Dogmatic Theology for the Laity* [Rockford, IL: Tan Books and Publishers, 1967], p. 355).

Ġesù, iżda, ma qalx li jkun hemm *sagrifiċċju* madwar id-dinja; Hu qal li jkun hemm *qima* (adurazzjoni) (Ġwanni 4:21). Fil-vers ta' wara Ġesù ddeskriva dik il-qima bħala li *hija "fl-ispirtu u fil-verità*" (Ġwanni 4:23). Hu ma jsemmi **ebda** *sagrifiċċji* bħala tpattija! Li tgħallem tagħlim li mhux imsemmi fil-Kelma ta' alla huwa li tgħallem "evanġelju ieħor" u dan huwa ikkundannat u hemm "saħta" ippronunzjata fuq dawk li jagħmlu dan (ara Galatin 1:6-9).

## *Ordni ta' Melkisedek*

Matul il-Quddiesa l-qassis jitlob lil Alla biex iħares b'favur fuq il-ħobż u l-inbid ikkonsagrati u jaċċettahom saħan-sitra kif Hu għamel "il-ħobż u l-inbid offruti mill-qassis tiegħek Melkisedek" (Liturgy of the Eucharist, Eucharist Prayer I). Il-Knisja tgħallem li f'Ġenesi 14:18 Melkisedek offra ħobż u nbid lil Alla. Din l-offerta, tgħid il-Knisja, kienet figura minn qabel ta' l-offeta tal-ġisem u d-demm ta' Kristu taħt id-dehra ta' ħobż u nbid fl-Aħħar Ikla [1333, 1350, 1544]. Għal din ir-raġuni, tgħid il-Knisja, Kristu huwa msejjaħ fl-*Iskrittura "qassis għal dejjem skond l-ordni ta' Melkisedek*" (Salm 110:4).

L-Iskrittura, iżda, **qatt** ma tgħid li Melkisedek *offra* ħobż u nbid. Is-silta li għaliha l-Knisja Kattolika qed tirriferixxi, Ġenesi 14:13-24, hija rakkont tar-ritorn vittorjuż ta' Abraham u t-truppi tiegħu minn battalja kbira. Kif huma avviċinaw Ġerusalem, Melkisedek ħareġ barra biex jilqa' lil Abraham:

> "*U Melkisedek, sultan ta' Salem, li kien qassis ta' El-għeljon, Alla l-għoli, ħareġ bil-ħobż u l-inbid. U bierku u qallu:*
>
> *'Mbierek Abram minn El-għeljon, li għamel is-sema u l-art; U mbierek El-għeljon, li reħa f'idek l-għedewwa tiegħek*" (Ġenesi 14: 18-20).

L-aktar interpretazzjoni naturali ta' din il-ġrajja hija li Melkisedek ġie biex ifaħħar lil Alla u jbierek lil Abraham għall-vittorja. Il-ħobż u l-inbid kienu sustanza għat-truppi għajjiena ta' Abraham. M'hemm xejn imsemmi dwar xi sagrifiċċju!

Għaliex mela l-Mulej Ġesù Hu *msejjaħ "qassis għal dejjem skond l-ordni ta' Melkisedek*" (Salm 110:4)? Ir-raġuni biblika hija li kemm Kristu u kemm Melkisedek huma ippreżentati fl-Iskrittura bħala li huma immortali.

Minn veduta Lhudija, Melkisedek huwa bħal raġel li qatt ma kien imwieled u qatt ma miet. F'Ġenesi 14 hu jiġi fix-xena mingħajr introduzzjoni xierqa Lhudija. Ma hemm xejn imsemmi dwar il-linja tal-familja tiegħu jew saħansitra l-isem ta' missieru jew l-isem ta' ommu. Jidher bħallikieku hu dejjem għex. Melkisedek ħadem ma' Abraham u mbagħad tbiegħed. Billi aħna qatt ma smajna dwar il-mewt tiegħu, jidher bħallikieku hu qatt ma miet. L-Iskrittura tgħid dwar Melkisedek:

> "*Bla missier, bla omm, bla nisel li u la għandu bidu ta' jiem anqas tmiem ta' ħajja, imma sar jixbaħ lill-Iben ta' Alla, jibqa' qassis għal dejjem*" (Lhud 7:3).

Ħajja immortali hija l-konnessjoni skritturali bejn Ġesù u Melkisedek. It-tnejn huma qassisin li "*m'għandhom la bidu ta' jiem anqas tmiem ta' ħajja*" (Lhud 7:3). Ġesù għalhekk hu msejjaħ "*qassis għal dejjem skond l-ordni ta' Melkisedek*" (Salm 110:4; Lhud 5:6; 7:17). La Ġesù u lanqas Melkisedek ma jintqal li offrew sagrifikament ħobż u nbid.

### *It-Temp Preżenti*

Skulari Kattoliċi Rumani jgħidu li fl-Aħħar Ikla Kristu għamilha ċara bil-kliem ta' l-istituzzjoni li Hu offra sagrifiċċju dak il-lejl stess [1365]. Il-Mulej ma qalx sempliċiment, *"Dan hu ġismi"* (Mattew 26:26) u *"Dan hu demmi"* (Mattew 26:28), imma żied il-kliem *"li hu mogħti għalikom"* (Luqa 22:19) *u "li hu mxerred għalikom"* (Luqa 22:20). Il-qassis A. Tanquerey jispjega kif dawn il-frażijiet jappoġġjaw il-pożizzjoni Kattolika Rumana:

> Imma dan il-kliem fih innfisu jfisser li l-ġisem u d-demm ta' Kristu kienu offruti bħala sagrifiċċju tassew.... *L-istess kliem jissinjifika l-oblazzjoni attwali fl-Ikla* nfisha. Fil-Grieg it-temp preżent huwa applikat: *hu mogħti*, *imnewwel*, *hu mxerred*; id-demm ta' Kristu jintqal li hu mxerred *fil-klaċi*, jiġifieri, kif inhu fil-kalċi, mhux kif ikun fuq is-salib. (A. Tanquerey, *A Manual of Dogmatic Theology* [New York: Desclee Company, 1959] vol. II, pp. 267-268).

Fi kliem ieħor, l-iskulari Kattoliċi qegħdin jargumentaw li billi Ġesù tkellem dwar is-sagrifiċċju Tiegħu fl-Aħħar Ikla fit-temp *preżent*, allura sagrifiċċju kien qiegħed jiġri f'dak il-ħin stess. L-Aħħar Ikla, għalhekk, kienet sagrifiċċju tassew. U billi l-Aħħar Ikla kienet l-ewwel Quddiesa, il-Quddiesa llum hija wkoll sagrifiċċju.

Din l-interpretazzjoni tinjora l-fatt li l-frażijiet *"li hu mogħti"* (Luqa 22:19) u *"li hu mxerred"* (Luqa 22:20) huma traduzzjonijiet ta' parteċipji Griegi. Parteċipju fit-temp preżent ma jirriferixxix neċesarjament għall-ġrajja fiż-żmien preżenti: "Ir-relazzjonijiet taż-żmien tal-parteċipju ma jappartjenux għat-temp tiegħu, imma għas-sens tal-kontenut" (H.E. Dana and Julius R. Mantey, *A Manual Grammar of the Greek New Testament* [Toronto: Macmillan Company, 1955], p. 230).

Fil-kontenut, Ġesù qiegħed jitkellem dwar il-mewta Tie-għu fil-jum ta' wara. Hu juża l-parteċipju preżenti biex jikkomunika b'mod qawwi ċ-ċertezza ta' dik il-ġrajja li *għadha* fil-

futur. Il-Grieg jippermetti għal din it-tifsira futuristika tat-temp preżent (Dana u Mantey jiddeskrivu il-preżent futuristiku kif ġej:

> Dan l-użu tat-temp preżent juri ġrajja li għadha ma ġratx, imma li hija meqjusa tant ċerta li fil-ħsieb din tista' tkun ikkontemplata bħala li diġa se tiġri. (H.E. Dana and Julius R. Mantey, A Manual Grammar of the Greek New Testament [Toronto: Macmillan Company, 1955], p. 185).

Eżempju ta' dan jinsab f'Mattew 26:2. Hemm il-Mulej Ġesù juża t-temp preżent biex jitkellem dwar it-tradiment tiegħu li kien għadu fil-futur, letteralment jgħid, "Tafu li jumejn oħra jkun il-Għid, u Bin il-bniedem *hu mogħti* għall-kurċifissjoni." Il-kontenut jagħmilha ċara li Ġesù qiegħed juża l-preżent *futuristiku* għall-kurċifissjoni" u dan hu kif il-biċċa l-kbira tat-tradutturi tal-Bibbja jġibu dan il-vers: "Tafu li jumejn oħra jkun il-Għid, u Bin il-bniedem *se jingħata* biex isallbuh" (Mattew 26:2, enfasi miżjuda). Kull ma wieħed għandu jagħ-mel jekk ikollu xi dubju dwar dan jaqbad il-Grieg u jara għalih innifsu din il-verità!

Ta' min jinnota, hawn, li wkoll it-tradutturi Maltin kemm dawk tal-Bibbja Saydon kif ukoll dawk ta' l-Għaqda Biblika Maltija wkoll għarfu dan. Naqraw f'Luqa 22:19-20,

> "*Imbagħad ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newwilhulhom u qal: 'Dan hu ġismi li* ***jingħata*** *għalikom: agħmlu dan b'tifkira tiegħi.' Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal: 'Dan il-kalċi huwa l-Patt ġdid b'emmi, id-demm li* ***jixxerred*** *għalikom'.*" (enfasi tiegħi) (ara wkoll Mattew 26:26-28; Mark 14:24; 1 Korintin 11:24).

Hawn nistaqsi jien, "X'kien l-iskop għal din il-bidla, mit-temp preżent għat-temp futur, fil-kliem ta' dawn is-siltiet?" Biċ-ċar dawn is-siltiet juru li Ġesù *ma xerridx* demmu fl-Aħħar

Ikla, imma dan *għamlu* fuq is-salib. Huwa redikolu li tgħid li d-demm ta' Kristu kien "*imxerred fil-kalċi*" (A . Tanquerey, *A Manual of Dogmatic Theology* (New York: Desclee Company, 1959), vol. II, p. 268) għall-maħfra tad-dnubiet! Liema veduta int se taċċetta, dik ta' l-ewwel jew tat-tieni? It-tnejn ċertament mhumiex korretti għaliex waħda tikkontradixxi lil l-oħra. U jekk ta' l-ewwel kienet, skond l-iskulari tal-Knisja Kattolika Rumana, żbaljata u tat-tieni korretta, allura t-tagħlim li l-Quddiesa hija s-sagrifiċċju ta' Kristu huwa tagħlim falz u, għalhekk, mhux Skritturali! Il-*letteraliżmu* tal-ħobż u ta' l-inbid ukoll jiġi ppruvat li hu *falz*, kif fil-fatt kien ippruvat permezz tal-bdil fil-kliem mit-temp preżent għat-temp futuri. Il-ħobż u l-inbid ma setgħux jinbidlu fil-ġisem u fid-demm letterali ta' Kristu **qabel** ma Hu miet fuq is-salib u dan il-Knisja Kattolika Rumana għarfitu u ma qagħdetx fuq it-tagħlim ta' l-iskulari antiki tagħha imma biddlet il-kliem li jinsab fil-Vanġeli ta' Mattew 26:26-28; Mark 14:24; u Luqa 22:19-20, kif ukoll dak ta' l-Eewwel Korintin 11:24.

### *Sagrifiċċju tal-Patt il-Ġdid*

L-Aħħar Ikla kienet miżmuma fil-Festa ta' l-Għid jew tal-Ħaruf. Skond il-liġi ta' Mosè, Kristu u d-dixxipli Tiegħu osservaw l-okkażjoni billi qatlu, sajru, u kielu ħaruf (Eżodu 12). Il-Knisja Kattolika Rumana tgħid li Kristu, billi ċċelebra l-Għid l-antik, imbagħad Hu "…waqqaf għid ġdid, jiġifieri, l-offerta Tiegħu nnifsu bil-knisja permezz tal-qassis tagħha taħt sinjali viżibbli…" (Konċilju ta' Trent, sezzjoni 22, "Teaching and Canons on the Most Holy Sacrifice of the Mass," kapitlu 1) [1339-1340]. Il-Knisja ssostni li dan is-sagrifiċċju l-ġdid ta' l-Għid iġib aktar 'il quddiem il-fidwa tagħna [1068, 1364, 1405]:

> Kull meta s-sagrifiċċju tas-salib li permezz tiegħu "Kristu l-Ħaruf ta' l-Għid tagħna" (1 Korintin 5:7) huwa ċċelebrat fuq l-artal, ix-xogħol tal-fidwa tagħna hu segwit (Second Vatican Council, "*Dogmatic Constitution on the Church*," no. 3).

Għal darb'oħra l-Knisja Kattolika Rumana tmur aktar 'il quddiem minn dak li tgħallem l-Iskrittura. *Imkien* ma tgħid il-Bibbja lis-sagrifiċċju tal-patt il-ġdid huwa l-Aħħar Ikla, l-Ikla tal-Mulej, jew il-Quddiesa! L-uniku sagrifiċċju ta' ħlas bi tpattija tal-patt il-ġdid huwa s-salib, ix-xogħol **lest** tal-fidwa ta' Kristu. Dan hu għaliex meta Pawlu kiteb *li "Kristu il-Ħaruf ta' l-Għid tagħna*" (1 Korintin 5:7), huwa poġġa l-verb f'forma tesprimi l-azzjoni bħala ġrajja fiż-żmien passat (Fl-1 Korintin 5:7 il-verb "hu issagrifikat" hija fil-mod indikattiv u fit-temp tal-verb mhux mitmum għal kollox). Kristu mhux *qiegħed ikun* issagrifikat; Hu *kien* issagrifikat fuq is-salib.

***Sagrifiċċju ta' l-Artal***

Pawlu kiteb lill-Korintin:

> "*Ma tistgħux tixorbu x-xorb tal-Mulej u x-xorb tad-demonji; ma tistgħux taqsmu fil-mejda tal-Mulej u fil-mejda tad-demonji*" (1 Korintin 10:21).

Il-Knisja Kattolika Rumana issostni li dan il-vers juri li Pawlu fehem l-Ikla tal-Mulej li hija sagrifiċċju.

> U l-appostlu Pawlu jindika l-istess ċar biżżejjed f'li jikteb lill-Korintin, meta jgħid li dawk ikkontaminati billi jaqsmu fil-mejda tad-demonji ma jistgħux ikunu li jaqsmu fil-mejda tal-Mulej, "b'mejda" jfisser "artal" fiż-żewġ postijiet (Konċilju ta' Trent, sezzjoni 22, "*Teaching and Canons on the Most Holy Sacrifice of the Mass*," kapitlu 1).

Il-Knisja Kattolika Rumana tixtieq li tissostitwixxi l-kelma "mejda" hawn bil-kelma "artal," għaliex l-artali huma għas-sagrifiċċji, waqt li l-imwejjed huma għal ikliet. Din il-bidla għandha ssaħħaħ it-talba tal-Knisja li l-ewwel Kristjani fehmu li l-Ikla tal-Mulej kienet sagrifiċċju. Bidla bħal din, iżda, ma tistax tkun iġġustifikata.

Barra minn dan, fl-Ewwel Korintin 10:21, l-appostlu Pawlu uża l-kelma "mejda" b'raġuni tajba. *Li "taqsam fil-mejda tad-demonji*" (1 Korintin 10:21) hija riferenza għall-prattika mar-reliġjon Ħelenista li fiha d-devoti kienu jipparteċipaw f'ikliet ta' qima: "Il-parteċipant emmen li hu kien qiegħed ipoġġi…fil-mejda ta' Alla u li permezz ta' l-ikla hu kien jidħol fi sħubija mad-divinità" (Colin Brown, editor, New International Dictionary of New Testament Theology, vol. 2, p. 520). "Il-mejda tad-demonji" hija l-mejda li fiha d-demonji kienu jippresiedu, u li

dawk kollha preżenti huma l-mistednin. L-appostlu Pawlu kien qiegħed iwissi lill-Kristjani Korintin li huma ma kinux jistgħu jipparteċipaw f'dan l-ikel tal-qima pagana u "jaqsmu mal-mejda tal-Mulej" (1 Korintin 10:21). Hu tkellem dwar "il-mejda tal-Mulej" (1 Korintin 10:21) għaliex il-Kristjani tal-bidu fehmu b'mod ċar ħafna li l-Ikla tal-Mulej hija sħubija **b'tifkira** ta' Kristu, mhux sagrifiċċju. Fil-fatt, il-Knisja Kattolika Rumana m'għadiex tqaddes fuq l-artal imma fuq mejda! Għaliex, mela għadha tgħallem dwar **is-sagrifiċċju** meta l-artal li fuqu kellu jsir is-sagrifiċċju spiċċa, tneħħa minnha? Is-sagrifiċċju ma jsirx fuq mejda imma fuq artal! Dan huwa kollu kontra dak li naqraw fl-Ittra lil-Lhud dwar dan is-suġġett (ara kapitli 7 sa 10).

### IX-XOGĦOL TA' KRISTU TAL-FIDWA HU LEST KOMPLETAMENT

Sewwasew qabel ma' l-Mulej Ġesù ta l-ispirtu Tiegħu fuq is-salib, Hu għajjat, "*Kollox hu mitmum!*" (Ġwanni 19:30). Ix-xogħol sagrifkali Tiegħu tal-fidwa kien magħmul.

Il-verb Grieg fi Ġwanni 19:30 huwa fit-*temp perfett*. "Dan jimplika proċess, imma jħares lejn dak il-proċess bħala li laħaq it-tmiem li kien mixtieq u jeżisti fi stat spiċċat, komplut, imwassal fit-tmiem, lest għal kollox." (H.E. Dana and Julius R. Mantey, *A Manual Grammar of the Greek New Testament* [Toronto: Macmillan Company 1955], p. 200). Fi kliem ieħor, ix-xogħol li jsalva ta' Kristu *kien komplut fuq is-salib u jkompli fi stat ta' tlestija*. Il-vers jista' jkun tradott*: "Kien lest u jieqaf komplut*" (Ġwanni 19:30). (Kenneth S. Wuest*, The New Testament, An Expanded Translation* (Grand Rapids: Eerdmans Publishing Company, 1956, p. 262).

Il-Kattoliċiżmu Ruman jinterpreta ħażin ix-xogħol *spiċċat* ta' Kristu fuq is-salib billi jgħid lis-sagrifiċċju tas-salib *ikompli* fil-Quddiesa. Il-Knisja Kattolika Rumana tistqarr li "…Alla Nnifsu jixtieq li jkun hemm kontinwazzjoni tas-sagrifiċċju…." (Pope Pius XII, *Mediator Dei*, no. 79). U għalhekk Kristu "…offra u jkompli joffri Lilu Nnifsu bħala vittma għal

dnubietna….” (Pope Pius XI, *Quas Primas*, Diċembru 11, 1925). Skond it-teoloġija Kattolika Rumana, f'aktar minn 120 miljun Quddiesa kull sena jiġru erba' affarijiet (Din il-figura hija bbażata fuq kull wieħed mill-404,031 qassis tad-dinja li joffru l-Quddiesa għal 300 darba kull sena. It-total annwali jkun 121.2 miljun Quddies. [Numru ta' qassisin ibbażat fuq figuri mill-1994 Almanak Kattoliku [Huntington, IN: Our Sunday Visitor Publishing Division, 1993], p. 367. Il-figura hija mill-31 ta' Diċembru, 1991).

### 1. *Debħa (sagrifiċċju)*

Kif rajna, il-Knisja Kattolika Rumana tgħallem li f'kull Quddiesa, permezz tal-kliem u ta' l-azzjonijiet tal-qassis, Kristu jkun issagrifikat—magħmul preżenti bħala vittma fuq l-artal taħt id-dehra tal-ħobż u l-inbid. Dan, tgħid il-Knisja Kattolika, mhuwiex "sempliċiment kommemorazzjoni vojta tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù Kristu, imma att tassew xieraq ta' sagrifiċċ-ju…." (Pope Pius XII, *Mediator Dei*, no. 68). Din id-dottrina ***terribilment*** tirrappreżenta ħażin l-istat preżenti rxuxtat u gglorifikat tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. L-Iskrittura Mqaddsa tgħallem li:

> "*Kristu, qam mill-imwiet u ma jmutx aktar; il-mewt ma għadhiex taħkem fuqu*" (Rumani 6:9).

Kristu wera Lilu Nnifsu bid-deher bħala

> "*Jiena l-Ħaj; jien kont mejjet, u ara, jien issa ħaj għal dejjem ta' dejjem,…*" (Apokalissi 1:18).

Imbagħad Hu jżid,

> "*…u għandi l-imfietaħ tal-mewt u ta' Post il-Mejtin*" (Apokalissi 1:18).

Hawn jiena nistaqsi: "Għandu Dak li Hu Ħaj li jżomm is-setgħa kollha fuq il-mewt ikun *kontinwament* ippreżentat fil-Mewt Tiegħu? U dan *minn dawk li HU miet għalihom*? Biċ-ċar li le!

Barra minn dan, l-Iskrittura Mqaddsa tgħallem li *"…bla tixrid tad-demm ma hemmx maħfra*" (Lhud 9:22). Jekk ma hemmx demm, ma hemmx espjazzjoni (tħabbib*), "għaliex bid-demm, li hu l-ħajja, ssir l-espjazzjoni*" (Levitku 17:11). Tinsiex, li l-kwotazzjonijiet kollha huma mill-Bibbja Kattolika Rumana!

Hawn, jiena kelli niddeċiedi lil min kont sejjer naċċetta, jew naċċetta t-tagħlim falz ta' l-iskulari u teoloġi tal-Knisja Kattolika Rumana jew naċċetta dak it-tagħlim safi tal-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa!

## 2. *Preżentazzjoni mill-Ġdid*

Il-Knisja Kattolika Rumana tgħallem li f'kull Quddiesa Kristu "…joffri Lilu Nnifsu vittma l-aktar aċċettabbli lill-Missier Etern, kif Hu għamel fuq is-salib" (Pope Pius XII, *Mediator Dei*, no. 68). Fit-*Talba Ewkaristika* l-qassis jitlob lil Alla, "Ħares b'favur fuq l-offerta tal-Knisja tiegħek, u ara l-Vittma li l-mewt tagħha irrikonċiljatna miegħek innifsek" (Third Eucharistic Prayer). Il-Knisja tispjega li l-qassis qiegħed jitlob li "…l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu jkunu sagrifiċċju aċċ-ettabbli li jġib salvazzjoni lid-dinja kollha" (It-Tieni Konċilju Vatikan, "Sacred Liturgy," "General Instruction on the Roman Missal," no. 2).

Din il-preżentazzjoni minn qabel ta' Kristu fl-istat Tiegħu ta' vittma, allegatament issir milljuni ta' drabi kull sena fil-Quddiesa, tirrappreżenta ħażin ix-xogħol *aċċettat* ta' Kristu. Il-Bibbja Mqaddsa tgħallem li Kristu ippreżenta s-sagrifiċċju ta' Ħajtu lill-Missier ***darba*** biss. Fil-mewt Tiegħu l-Mulej Ġesù Kristu għadda "*minn Tinda aqwa u aktar perfetta*" (Lhud 9:11). L-iskop Tiegħu kien "*biex issa jidher għalina quddiem Alla*" (Lhud 9:24). Ġesù daħal fil-kamra tat-tron tas-sema ta' Alla:

> "*mhux bis-saħħa tad-demm tal-mogħoż u tal-għoġiela, imma bis-saħħa ta' demmu stess*" (Lhud 9:12).

L-iskop Tiegħu kien:

> "*biex ipatti għad-dnubiet tal-poplu*" (Lhud 2:17).

Ġesù:

> "*daħal darba għal dejjem fis-Santwarju…u hekk* ***kiseb fidwa għal dejjem***" (Lhud 9:12).

Il-Missier aċċetta s-sagrifiċċju perfett ta' Kristu mingħajr riserva. "*Jistħoqqlu l-Ħaruf li kien maqtul*" (Apokalissi 5:12), Lilu għandu jkun it-tifħir ta' numru bla qies ta' anġli fis-smewwiet għall-eternità kollha.

Fuq l-art il-Missier wera l-aċċettar Tiegħu tax-xogħol ta' Kristu billi b'mod drammatiku neħħa wieħed mis-simboli prinċipali tal-firda lid-dnub ikkawża bejn Alla u l-bniedem. Fit-tempju Lhudi, kif ordnat minn Alla fit-Testment il-Qadim, purtiera ħoxna ffurmat ħajt bejn il-qasam li fih is-saċerdozju ta' Aron kien jista' jamministra u l-Qaddis tal-Qaddisin, fejn kien igħammar Alla. L-Iskrittura tirreġistra li kif Kristu ta l-ispirtu Tiegħu,

> "*Ara, il-purtiera tas-santwarju ċċarrtet fi tnejn minn fuq s'isfel*" (Mattew 27:51).

Din it-tneħħija tal-barriera bejn Alla u l-bniedem uriet li x-xogħol ta' Kristu tal-fidwa kien ġie aċċettat.

L-akbar manifestazzjoni ta' l-aċċettar tal-Missier tas-sagrifiċċju ta' Kristu ġiet tlitt ijiem wara. Il-Bibbja tgħid li Ġesù kien "*…imqajjem għal dnubietna*" (Rumani 4:25). L-offerta ta' Kristu kienet ġiet aċċettata (ara 1 Korintin 15:17, 20).

L-Iskrittura tkompli titkellem dwar Kristu:

> "*…Wara li naddafna minn dnubietna qagħad fuq il-lemin tal-kobor ta' Alla fil-għoli tas-smewwiet*" (Lhud 1:3).

Ġesù Kristu poġġha għaliex ix-xogħol Tiegħu kien tlesta, spiċċat għal kollox. Hemm Hu jibqa' sa dak il-jum fil-futur:

> "*Imma Kristu, wara li offra* ***sagrifiċċju wieħed għad-dnubiet, qagħad għal dejjem*** *fuq in-naħa tal-lemin ta' Alla, fejn qiegħed*

> *jistenna sa ma l-għedewwa tiegħu jitqiegħdu mirfes taħt riġlejh*" (Lhud 10:12, 13, enfasi tiegħi).

Temmnu dan int? Il-Quddiesa tal-Knisja Kattolika Rumana tgħawweġ dawn il-veritajiet billi fl-effett issejjaħ lil Kristu barra mit-tron Tiegħu għexieren ta' eluf ta' drabi kuljum biex jerġa' jidħol fil-Post il-Qaddis u jippreżenta mill-ġdid Lilu Nnifsu fl-istat Tiegħu ta' vittma lill-Missier. Hemm Kristu suppost jieqaf waqt li qassis fuq l-art jitlob lil Alla: "Ħares b'favur fuq dawn l-offerti u aċċettahom*…." (First Eucharistic Prayer, The Memorial Prayer*). Din ir-rappreżentazzjoni mill-*ġdid il-ħin kollu hija ċaħda tax-xogħol spiċċat u aċċettat ta' Kristu.* Wieħed hawn għandu jistaqsi lilu nnifsu x'jemmen hu, jemmen hu li Ġesù Kristu offra "*sagrifiċċju **wieħed** għad-dnubiet*" u dan għamlu **darba**, jew jemmen li dak is-sagrifiċċju l-**wieħed u ta' darba** għandu jkompli jkun offrut fuq l-artali jew l-imwejjed tal-Knisja Kattolika Rumana għal eluf ta' drabi kuljum? L-għażla hija bejn dak li jgħid Alla fil-Kelma tiegħu u dak li jgħidu l-iskulari u t-teoloġi Kattoliċi Rumani. Hija sempliċi daqshekk!

### 3. *Tibrid (li tippaċifika)*

Il-Kattoliċiżmu Ruman igħallem lis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa huwa "sagrifiċċju propizjatorju tassew" (Konċilju ta' Trent, sezzjoni 22, "*Decree and Canons on the Most Holy Sacrifice of the Mass,*" kapitlu 2) ta' "valur infinit" (A Tanquerey, *A Manual of Dogmatic Theology* (New York: Desclee Company, 1595), vol. II, p. 279. Ukoll qabbel Ludwig Ott, *Fundamentals of Catholic Dogma*, [Rockford, IL: Tan Books and Publishers, 1960], p. 414. )

> …huwa xieraq għal kollox offrut skond it-tradizzjoni appostolika mhux biss għad-dnubiet, penalitajiet, santifikazzjonijiet u bżonnijet oħra tal-fidili li qegħdin igħixu, imma wkoll għal dawk li kienu mietu fi Kristu imma għad

> mhumiex imnaddfa għal kollox (Konċilju ta' Trent, sezzjoni 22, "*Teaching and Canons on the Most Holy Sacrifice of the Mass*," kapitlu 2).

Matul kull Quddiesa, tgħid il-Knisja Kattolika Rumana, il-korla ta' Alla kontra d-dnub tkun ippaċifikata [1371, 1414]:

> …dan huwa tassew sagrifiċċju propizjator-ju….Għax il-Mulej ikun ippaċifikat b'din l-offerta, hu jagħti d-don grazzjuż ta' l-indie-ma, hu jaħfer ukoll ħafna offiżi u dnubiet (Konċilju ta' Trent, sezzjoni 22, "*Teaching and Canons on the Most Holy Sacrifice of the Mass*," kapitlu 2).

Għal kuntrarju, il-Mulej ***ikun offendut*** bl-offerta tas-Sagri-fiċċju tal-Quddiesa. Alla diġa qalilna li *Hu sodisfatt għal kollox* bl-offerta waħda offruta darba għal dejjem ta' Kristu fuq is-salib:

> "*Fih aħna għandna l-fidwa bid-demm tiegħu, il-maħfra tad-dnubiet, skond il-għana tal-grazzja tiegħu*" (Efesin 1:7).

Naqraw f'Lhud 10:15, 17, li:

> "*Dan jixhdulna l-Ispirtu s-Santu nnifsu… igħid…**dnubiethom u ħtijiethom ma nifta-karhomx aktar***" (enfasi tiegħi).

Naturalment imbagħad tiġi l-konklużjoni:

> "*Issa, fejn hemm il-maħfra tad-dnubiet, **ma hemmx għalfejn issir aktar l-offerta għad-dnubiet***" (Lhud 10:18, enfasi tiegħi).

Għal din ir-raġuni l-Iskrittura ripetutament issejjaħ is-salib l-offerta ta' "*darba għal dejjem*" ta' Kristu (Lhud 7:27; 9:12, 26, 28; 10:10; Rumani 6:10; 1 Pietru 3:18). Li tkompli tipprova biex tagħmel paċi ma' Alla b'sagrifiċċju li jibqa' jsir huwa att ta' nuqqas ta' twemmin u ta' nuqqas ta' fiduċja f'dak is-

sagrifiċċju ***wieħed*** ta' Sidna Ġesù Kristu! Il-mistoqsija tiegħi hija din: Lil min għandna nemmnu aħna, lil l-Ispirtu s-Santu jew lil l-iskulari u t-teoloġi tal-Knisja Kattolika Rumana?" Tinsiex x'tgħidilna l-Kelma ta' Alla dwar dan li:

> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu*" (Kolossin 2:8).

Ukoll f'Efesin 5:6 għandna din it-twissija:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisimgħux.*"

Mhix xi ħaġa li wieħed jeħodha fuq fuq li tinżel il-korla 'Alla fuq dak li jkun! Għalhekk,

> "*Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'll bnedmin*" (ara Atti 5:29).

### 4. *Applikazzjoni*

Fl-aħħarnett, il-Kattoliċiżmu Ruman jgħallem li f'kull Quddiesa, il-barkiet tal-Kalvarju huma mqassma bil-qies lill-Kattoliċi:

> Is-sagrifiċċju kbir ta' l-artal huwa, kif kien, l-istrument suprem li bih il-merti mirbuħa mill-Feddej divin fuq is-salib huma mqassma lill-fidili…. (Pope Pius XII, *Mediator Dei*, no. 79).

Ladarba l-merti tas-salib huma primarjament disponibbli permezz tal-Quddiesa, il-Knisja tħeġġeġ lill-qassisin biex jiċċelebraw l-Ewkaristija, "is-sagrament tal-fidwa,"[1846] spiss, kuljum jekk possibbli. Il-qassisin għandhom jagħmlu dan b'veduta tas-salvazzjoni tad-dinja:

> Aħna nirrikmandaw li huma jiċċelebraw il-Quddiesa kuljum f'mod denju u devot, biex b'hekk huma nfushom u l-bqija tal-fidili jkunu jistgħu jgawdu l-benefiċċji li joħroġu f'tali abbundanza mis-Sagrifiċċju tas-Salib. F'li jagħmlu dan, huma jkunu wkoll qegħdin jagħmlu kontribuzzjoni kbira lejn is-salvazzjoni ta' l-umanità. (Pope Paul VI, *Mysterium Fidei*, no. 33).

### *Il-Misteru Mistiku tal-Quddiesa*

Jekk inti qiegħed issib il-Quddiesa diffiċli biex tifhimha, kun imfarraġ f'li m'intix waħdek. Skond il-Knisja, din hija "misteru tal-biża'" (Konċilju ta' Trent, sezzjoni 22, "*Decree on Things to Be Observed and Avoided in Celebrating Mass*") Ukoll il-biċċa l-kbira tal-Kattoliċi ma jifhmuhiex.

Dan, naturalment, jagħmilha aktar u aktar diffiċli biex tispjega lill-Kattoliku x'hemm ħażin fil-Quddiesa. Qabel ma tipprova tagħmel dan, inti tkun teħtieġ li tirrivedi mal-ħabib tiegħek Kattoliku dak li l-Knisja Kattolika Rumana attwalment tgħallem. Sempliċiment Katekiżmu li jista' jinkiseb f'kull ħanut Kattoliku tal-kotba, ikun għajnuna tajba.

Billi l-Quddiesa hija misteru, li titkellem ma' Kattoliċi nfurmati jista' jkun saħansitra aktar ta' frustrazzjoni. Jekk, iżda, tevità li tuża ċerti termini, inti tkun tista' li tasal xi mkien. Hawn huma xi ftit pariri.

Meta tkun qiegħed titkellem dwar Kristu bħala l-Ewkaristija, int tista' tgħid li Hu *preżenti tassew, realment, kollu kemm hu, u kontinwament*. Imma jekk inti tgħid li Hu preżenti *fiżikament*, il-ħabib Kattoliku tiegħek jista' jikkonkludi, "Int sempliċiment ma tifhimx." Kattoliku li jaf jinfurmak illi li tgħid li Kristu huwa fiżikament preżenti huwa li timplika li huwa *lokalment preżenti*, li mhuwiex. (L-iskular

Kattoliku, il-qassis A. Tanquerey jipprovdi din l-ispjega tal-pożizzjoni Kattolika:

> Mhuwiex mhux xieraq *li l-ġisem ta' Kristu fl-istess ħin ikun fis-sema u jkun fuq l-artali kollha li fuqhom il-ħobż u l-inbid huma kkonsagrati*. Huwa tabilħaqq inkonsistenti li l-istess ġisem ikun fl-istess ħin f'ħafna posti-jiet skond il-preżenza lokali: għaliex dan ikun lokalment distanti minnu nnifsu u maqsum minnu nnifsu. Imma kull kontradizzjoni tis-parixxi meta l-ġisem ikun *lokalment* f'post wieħed biss, u f'post ieħor skond il-*mod tas-sustanza*; għaliex imbagħad ma jkunx distanti jew maqsum minnu nnifsu. Issa l-ġisem ta' Kristu *huwa lokalment* fis-sema ċertament, imma mhuwiex fl-Ewkaristija lokalment, imma skond il-mod tas-*sustanza (A Manual of Dogmatic Theology* [New York: Desclee Company, 1959], vol. II, p. 262).

Il-Knisja tgħid li Hu *sostanzjalment* preżenti. Dan hu għaliex li għalkemm Kristu huwa preżenti, Hu ma jidhirx li huwa preżenti. Hu qiegħed hemm f'mod *uniku*. Tant uniku, tgħid il-Knisja, li ma hemmx parallel fin-natura. Dan, naturalment, jagħmilha diffiċli għal xi ħadd biex jifhem l-Ewkaristija (jew jikkritikaha, għal dik il-ħaġa).

Ukoll, tgħidx li Kristu huwa *ssagrifikat mill-ġdid* fil-Quddiesa jew li l-Quddiesa hija *ripetizzjoni* tas-salib. Inti tista' tgħid li l-Quddiesa hija *ripetizzjoni* ta' l-Aħħar Ikla, imma mhux tas-salib. Il-Knisja tgħid, li l-Quddiesa *iġġed-ded* u *tippreżenta mill-ġdid* is-salib. Din ma *tirrepetiħx*, għaliex, tgħid il-Knisja, għax il-Quddiesa hija s-salib. Huwa biss il-*mod* li fih hija offruta li hu differenti (u ż-żmien, nistgħu nżidu, b'2000 sena!) Barra minn dan, għalkemm kull offerta individwali tal-Quddiesa jintqal li tikkalma jew tippaċifika lil Alla, il-Knisja enfatikament tinsisti li mhijiex sagrifiċċju *ieħor*. Kull Quddiesa, tgħid il-Knisja, hija l-

offerta ta' darba għal dejjem tas-salib. Il-misteru ta' l-Għid ta' Kristu huwa "l-ġrajja unika ta' storja li ma tgħaddix," imma "iħaddan iż-żminijiet kollha u jagħmilhom kollha "illum."[1085]

Ħaġ'oħra: Qatt tgħid li Kristu *jmut* fil-Quddiesa. Skond il-Knisja, Kristu ma jmutx; Hu jkun *issagrifikat*. Fil-konsagrazzjoni, Kristu jkun preżenti *fil-mewt Tiegħu*, *jew fi stat ta' vittma*, imma Hu ma jmutx biex imur hemm. Kif dan huwa possibbli mhuwiex spjegat, imma b'xi mod Kristu ma jmutx fil-Quddiesa. Kristu ma jbatix jew imut fil-Quddiesa għaliex din hija sagrifiċċju *bla demm*. Għalkemm il-Knisja tgħallem li l-qassis jibdel l-inbid fid-*demm* ta' Kristu u joffrih lill-Missier, il-Quddiesa għadha b'xi mod sagrifiċċju mhux *imdemmi*!

Ħares it-termini tiegħek, u inti tevita milli tkun ikklassifikat bħala wieħed li ma jistax jifhem u li jfittex l-iżbalji. U jekk inti onestament ma tifhimx, sempliċiment ftakar li wkoll l-aħjar fost l-iskulari Kattoliċi Rumani jammettu li l-Quddiesa hija "realtà mistika" (John A. Hardon, S.J., *The Catholic Catechism* Garden City, NY: Doubleday, 1975, p. 467), lit-tifsira tagħha ma hija apparenti la għas-sensi u lanqas għall-intellett.

U wkoll[1405]:

> Fil-misteru tas-sagrifiċċju ta' l-ewkaristija, li fih il-qassisin iwettqu l-funzjoni prinċipali tagħhom, ix-xogħol tal-fidwa tagħna huwa kontinwament magħmul (Second Vatikan Council, "*Life of Priests*," no. 13. Ara wkoll il-Code of Canon Law, canon 904).

Il-Papa Piju XII kiteb li Kristu—

> …kuljum joffri Lilu Nnifsu fuq l-artali tagħna għall-fidwa tagħna, ħalli aħna nkunu meħlusa mill-kundanna eterna u mdaħħla fil-

> kumpanija tal-magħżula (Pope Pius XII, *Mediator Dei*, no. 73).

Din ir-relazzjoni bejn ix-xogħol tal-fidwa u l-Quddiesa hija murija wkoll fil-Liturġija ta' l-Ewkaristija. Il-qassis jitlob fuq ir-rigali:

> Jalla aħna niċċelebraw dawn ir-riti qaddisa b'mod denju, O Mulej, għaliex kull offerta ta' dan is-sagrifiċċju memorjal tkompli x-xogħol tal-fidwa tagħna (Roman Missal, "Prayer Over the Offerings," ninth Sunday after Pentecost. Din it-talba hija ikkwotata mit-Tieni Konċilju Vatikan, "*Life of Priests*," no. 13, footnote 14).

Dan kollu jieqaf f'kontradizzjoni għall-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa! L-Iskrittura tgħallem li Alla bla ebda limitazzjoni u immedjatament isawwab fuq kull emmieni tassew "*kull barka spiritwali fis-smewwiet fi Kristu*" (Efesin 1:3). Dawn Hu jqassam b'id miftuħa fuq uliedu fi Kristu (Efesin 1:7, 8). *Imkien* ma Alla jeħtieġ li Kristjan jipparteċipa f'sagrifiċċju kontinwu biex jikseb il-barkiet tiegħu fi Kristu! It-tagħlim tal-Knisja Kattolika Rumana lis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa huwa "l-istrument suprem li bih il-merti mirbuħa permezz tal-Feddej divin fuq is-salib huma mqassma lill-fidili" (Pope Pius XII, *Mediator Dei*, no 79) hu sempliċiment mod wieħed ieħor li fih il-Knisja tagħmel lin-nies *dipendenti fuqha* għall-barkiet ta' Alla.

## KRISTU GĦAMEL LIL KULL EMMIENI QASSIS

Ladarba l-Kristjani m'għandhom ebda ħtieġa għal tkomplija ta' sagrifiċċju għad-dnubiet, huma m'għandhom ebda ħtieġa għal saċerdozju li jissagrifika bħal dak li jinsab fil-Knisja Kattolika Rumana. Fil-fatt, huma m'għandhom ebda ħtieġa ta' xejn għall-bniedem ieħor biex jiffunzjona bħala l-qassis tagħhom, għax, skond il-Bibbja Mqaddsa kull emmieni huwa qassis għal

Alla. F'Apokalissi 1:5-6, Ġwanni jikteb li Kristu għamel lill-Kristjani **kollha** biex ikunu saltna ta' qassisin:

> "*...Lil Dak li ħabbna, u li ħallna minn dnubietna bis-saħħa ta' demmu, u li għamilna Saltna, Qassisin għal Alla tiegħu Missieru...*" (Ara wkoll Apokalissi 5:10 u 20:6).

L-appostlu Pietru wkoll jikteb li kull emmieni tassew huwa membru ta' *saċerdozju rjali* fejn naqraw fl-1 Pietru 2:9,

> "*Imma intom ġens maħtur, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih, biex ixxandru l-glorja ta' dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb.*"

L-emmiena kollha huma:

> "*...bħal ġebel ħaj, inbnew f'dar spiritwali, saċerdozju qaddis biex toffru sagrifriċċji spiritwali, li jogħġbu 'l Alla permezz ta' Ġesù Kristu*" (1 Pietru 2:5)

Dawn is-sagrifiċċji huma ħajja mogħtija (Rumani 12:1), għajnuna finanzjarja ta' ministeru Kristjan (Filippin 4:18), u "tifħir lil Alla" (Lhud 13:15), imma **mhux** sagrifiċċju kontinwu għad-dnub! Minn dan naraw ċar ħafna li jew it-tagħlim tal-Knisja Kattolika Rumana hu korrett u dak tal-Bibbja Mqaddsa huwa żbaljat jew viċe versa! It-tnejn ma jistgħux ikun korretti għaliex dawn ma jaqblux! U l-Bibbja Mqaddsa tgħidilna:

> "*...Ħa jkun jaf kulħadd li Alla hu sinċier u kull bniedem giddieb....*" (Rumani 3:4).

Il-Knisja Kattolika Rumana tagħraf li l-Bibbja titkellem dwar saċerdozju *ġenerali* jew *komuni* tal-fidili [941, 1141, 1546, 1591]. (Second Vatikan Council, "*Decree on the Ministry and Life of Priests*," no. 2). Il-Knisja Kattolika tgħallem li l-Kattoliċi jidħlu fih permezz tal-magħmudija [784, 1268]. Dan is-saċerdozju komuni jikkwalifika persuna biex tagħmel ħwejjeġ bħal li tipparteċipa fl-Ewkaristija, taqra l-Kelma ta' Alla fil-

laqgħa liturġika, tirċievi s-sagrament, titlob, u twettaq opri tajba [901-903, 1657].

B'żieda għas-saċerdozju ġenerali, il-Knisja Kattolika Rumana tgħallem li hemm is-saċerdozju *ministerjali* jew *ġerarkija* [1142, 1547, 1592] (Second Vatican Council, *"Dogmatic Constitution on the Church,"* no. 10). Dan is-saċerdozju hu miftuħ biss għall-irġiel [1577, 1598]. Normalment fil-Knisja Latina, kandidati m'għandhomx ikunu miżżżewġa u kkommettuti li jgħixu ħajja fiċ-ċelibat [1599]. Wieħed jidħol fis-saċerdozju ministerjali permezz tat-tqegħid ta' l-idejn mill-isqof fis-sagrament ta' l-ordni [1573, 1597]. F'dan il-mod, irġiel, "…huma marbuta b'karattru speċjali u għalhekk mogħtija sura għal Kristu l-qassis f'tali mod li huma jistgħu jaġixxi fil-persuna ta' Kristu r-ras" (Second Vatican Council, *"Decree on the Ministry and Life of Priests,"* no. 2). [1548]. Permezz ta' l-ordinazzjoni huma jirċievu "…l-qawwa biex jikkonsagraw u joffru l-veru ġisem u d-demm tal-Mulej, u li jaħfru jew iżommu d-dnubiet…" (Konċilju ta' Trent, sezzjoni 23, *"Canons on the Sacrament of Order,"* canon 1). [1411, 1461, 1566]. L-appuntament tagħhom għas-saċerdozju ministerjali huwa permanenti: "darba li raġel ikun ordnat qassis, is-saċerdozju tiegħu, bħal dak ta' Kristu, 'fil-linja ta' Melkisedek,' huwa għal dejjem (Lhud 5, 6, 7)" (John A. Hardon, S.J. *Pocket Catholic Dictionary* [New York : Image Books, 1985], p. 256). [1582]. Dan is-saċerdozju, tistqarr il-Knisja Kattolika Rumana, kien imwaqqaf mill-Mulej fl-Aħħar Ikla tal-Mulej meta Hu qal, "Agħmlu dan b'tifkira Tiegħi" (Luqa 22:19) [611, 1337].

Il-Knisja Kattolika Rumana ma tistax tistabbilixxi xi waħda minn dawn l-asserzjonijiet mill-Iskrittura Mqaddsa! It-Testment il-Ġdid ma jagħmel **ebda** distinzjoni bejn saċerdozju *komuni* u dak ta' *ġerarkija*. It-talba li qassisin Kattoliċi Rumani jaqsmu fis-saċerdozju ta' Melkisedek **mhijiex** iġġustifikata! Is-saċerdozju ta' Melkisedek, kif rajna, huwa bbażat fuq "*il-qawwa ta' ħajja li ma tintemmx*" (Lhud 7:16). Imma fis-saċer-dozju Kattoliku Ruman il-qassisin jixjieħu u jmutu (jintemmu) kif nagħmlu aħna lkoll, huma jonqsu milli

jikkwalifikaw! Fl-aħħarnett, it-test primarju ta' prova tal-Knisja Kattolika Ruma-na għas-saċerdozju ordnat, "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (Luqa 22:19), **ma jgħid xejn** dwar ordinazzjoni jew saċerdozju!

Iddeterminati li jsibu appoġġ bibliku, l-iskulari Kattoliċi Rumani jargumentaw li l-ufficċju tat-Testment il-Ġdid ta' *anzjan* u s-*saċerdozju* Kattoliku Ruman huma wieħed u l-istess. Din il-veduta saħansitra sabet triqtha f'xi wħud mit-traduzzjonijiet Kattoliċi Rumani tal-Bibbja. Per eżempju:

> "U meta huma ordnawlhom *qassisin* f'kull knisja…huma ħallewhom f'idejn il-Mulej…."
>
> —Atti 14:22 Douay Rhiems

> "Għal din il-kawża jiena ħallejt Kreta, biex int…tordna *qassisin* f'kull belt, kif jiena wkoll appuntajt lilek:"
>
> —Titu 1:5 Douay Rheims

> "Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli jġib il-*qassisin* tal-Knisja…."
>
> —Ġakbu 5:14 Douay Rhiems

F'kull wieħed minn dawn il-versi, il-kelma tradotta (b'mod żbaljat) "qassisin" hija l-forma plurali tal-klema Griega *presbuteros*, tfisser *raġel ixjeħ* jew *anzjan*. L-Iskrittura Mqaddsa tgħallem li l-appostli "*appuntaw anzjani (presbiteri)…f'kull knisja*" (Atti 14:23), **mhux** qassisin! Titu kellu "*jaħtar anzjani (presbiteri) f'kull belt*" (Titu 1:5), **mhux** qassisin. U Kristjani (qassisin) morda kellhom "*isejħu lill-anzjani (presbiteri) tal-knisja*" (Ġakbu 5: 14), **mhux** lill-qassis lokali! Il-kelma tat-Testment il-Ġdid għall-qassis hija *hiereus*. Din ma tinstab fl-ebda waħda mit-tliet siltiet ikkwotati fuq mill-Bibbja Kattolika Douay Rhiems. (*The Catechism of the Catholic Church* jiċità wkoll Titu 1:5 [1577, 1590] u Ġakbu 5:14 [1510, 1516, 1519, 1526] b'appoġġ tas-saċerdozju ministerjali).

Sfortunatament, u ngħid sfortunatament, għaliex it-traduzzjonijiet kollha Kattoliċi tal-lum dan l-iżball indunaw bih u rranġawh imma l-Knisja Kattolika Rumana qed tippermetti li *qassisin* minn tagħha li jmexxu ċerti gruppi reliġjużi, isejħu lilhom infushom "*presbiteri*." Dawn il-qassisin huma dawk li jmexxu gruppi ta' Kattoliċi Rumani msejħa "Katakumeni" jew "Neo-Katakumeni," eċċ. U hawn jidwi f'widnejja l-kliem tal-Mulej tagħna, Ġesù Kristu meta qal,

> "***Ħelu ħelu ġġibu fix-xejn*** *il-kmandamenti ta' Alla biex tħarsu t-tradizzjonijiet tagħkom*" (Mark 7:9. Enfasi tiegħi).

Tifsira tajba tal-kelma *isqfijiet* insibuha fit-traduzzjoni ta' l-Għaqda Biblika Maltija dwar Filippin 1:1, fejn naqraw hekk:

> "*Pawlu u Timotju, qaddejja ta' Kristu Ġesù, lill-qaddisin kollha fi Kristu Ġesù, flimkien ma' l-****isqfijiet*** *tagħhom u d-djakni, li jinsabu fil-****belt*** *ta' Filippi*" (enfasi tiegħi).

Il-kumment bħala tifsira tal-kelma *isqfijiet*, f'din it-traduzzjoni, huwa dan:

"**ma' l-isqfijiet tagħhom u d-djakni:** l-isqfijiet episiskopoi kienu l-mexxejja tal-knejjes lokali; kienu jsejħulhom ukoll presbiteri, anzjani: ara Tim. 3:1,8…"

Mela, nistaqsi jien, għaliex il-Knisja Kattolika Rumana llum tippermetti li *qassisin* isejħu lilhom infushom *presbiteri*? Mhuwiex dan **ksur** tal-liġi Mqaddsa ta' Alla? U jekk huwa ksur ċar, allura huwa dnub, "*għax id-dnub huwa l-ksur tal-liġi*." (1 Ġwanni 3:4b). Tajjeb hawn li nerġa' nikkwota l-parir divin:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).

Jiddependi minna nfusna jekk aħna nisimgħux jew le. Imma l-appostli meta kienu fl-istess sitwazzjoni li llum aħna ninsabu

fiha, jiġifieri, jekk nisimgħux mill-bnedmin jew minn Alla, huma għażlu li

> "*jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin*" (Atti 5:29).

**VERDETT BIBLIKU**

Ix-xewqa għal tkomplija ta' sagrifiċċju tista' tkun ittraċċjata lura għaż-żminijiet tat-Testment il-Ġdid. Ħafna mill-Kristjani tal-bidu kienu Lhud li kienu mdorrijjin li jkollhom offerta sagrifikali ta' kuljum u dak kollu li kien imur magħha: l-artal, it-tempju, ritwali, u l-qassis il-kbir. Emmiena ġodda sabuha diffiċli ħafna li jħallu l-Ġudaiżmu. Meta huma għamlu dan, il-familji u l-ħbieb tagħhom ikkundannawhom u warrbuhom u ippersegwitawhom bħala apostasi. Qabbel il-Knisja Kattolika Rumana tal-lum ma' dan li għedna u ara kif kollox jaqbel perfettament! Il-Knisja Kattolika Rumana għandha l-offerta sagrifikali ta' l-Ewkaristija. Għandha l-artali, għandha t-tempji, għandha r-ritwali u għandha wkoll il-qassis il-kbir, il-papa. Imma l-knisja ta' Kristu, dik il-knisja li naqraw dwarha fit-Testment il-Ġdid, dawn il-ħwejjeġ m'għandix! Il-Knisja ta' Kristu għandha offerti (ara 1 Pietru 2:5, 9; Rumani 12:1; Filippin 4:18; Lhud 13:15,16). Il-Knisja ta' Kristu għandha artal, lil Ġesù Kristu (ara Lhud 13:10). Il-Knisja ta' Kristu għandha tempji, il-ġisem tal-Kristjani (ara 1 Korintin 3:16-17; 6:19; Efesin 2:19-22). Il-Knisja ta' Kristu wkoll għandha r-ritwali tagħha fl-ewwel jum tal-ġimgħa fejn il-Kristjani jiltaqgħu biex jagħtu qima lill-Mulej fl-ispirtu u fil-verità (ara Ġwanni 4:23; Atti 2:42; 20:7; 1 Korintin 16:1,2). Il-Knisja ta' Kristu għandha l-Qassis il-Kbir uniku tagħha, lil Sidna Ġesù Kristu (ara Lhud 4:14-16; 18:1); eċċ.

Mhux dawk kollha tal-bidu li kkonvertew li ħallew il-Ġudaiżmu u ngħaqdu mal-komunità Kristjana kienu sodi fid-deċiżjoni tagħhom. Xi wħud bdew biex jikkunsidraw li jmorru lura għall-Ġudaiżmu. Lura għal-Liġi. Lura għat-tempju. Lura

għal l-offerti sagrifikali. Lura għar-ritwali l-antiki. Lura għal Qassis il-kbir ta' l-antik (ara Kolossin 2:20-23).

L-ittra tat-Testment il-Ġdid lil-Lhud kienet miktuba biex tgħin lil dawn il-Kristjani dgħajfa u mhux sodi Lhud (Lhud 12:12). Il-ktieb ifakkar lill-qarrejja li Kristjani m'għandhom ebda bżonn ta' ebda tkomplija ta' sagrifiċċju:

> "*Bis-saħħa ta' din ir-rieda aħna konna mqaddsin, permezz ta' l-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu magħmula* ***darba għal dejjem***" (Lhud 10:10) (enfasi tiegħi).

Din tħeġġeġ lill-Kristjani li jiddubitaw biex:

> "*Inżommu sħiħ fl-istqarrija qawwija tattama tagħna, għax ta' kelmtu huwa dak li għamlilna l-wegħda*" (Lhud 10:23).

Din tħeġġiġhom biex ma "*jarmux il-fiduċja tagħhom*" (Lhud 10:35), biex ikollhom "*is-sabar u jissapportu*" (Lhud 10:36), u biex "*jgħixu bil-fidi*" (Lhud 10:38). Il-kittieb jesprimi kunfidenza li dawn il-Kristjani jkollhom "*fidi biex isalvaw ir-ruħ*" (Lhud 10:39). Hu jiddeskrivi dik il-fidi bħala "*l-pedament (l-assigurazzjoni) tal-ħwejjeġ li għandna nittamaw, hija l-prova (konvinzjoni) tal-ħwejjeġ li ma jidhrux*" (Lhud 11:1).

Il-ktieb lil-Lhud jagħti wkoll twissija solenni:

> "*Ħuti, araw li f'ebda wieħed minnkom ma jkun hemm qalb imħassra bin-nuqqas ta' twemmin li jwassal għall-firda minn Alla l-ħaj*" (Lhud 3:12).

Il-kittieb iwissi lill-qarrejja tiegħu biex *ma "jerġgħux lura biex jintilfu*" (Lhud 10:39), għaliex li tmur lura għall-Ġudaiżmu u għas-sagrifiċċji tat-tempju jkun att ta' nuqqas ta' twemmin. Dan ikunu riġettar ta' Kristu u tax-xogħol **komplut u lest** tas-salvazzjoni fuq is-salib (Ġwanni 19:30).

Xi wħdu diġa marru lura (Lhud 6:4-6). Kif rawh huma, u l-istess kif tarah il-Knisja Kattolika Rumana tal-lum, sagrifiċċju **wieħed** għaż-żmien kollu mhuwiex biżżejjed! Li jinġabru flim-

kien madwar sempliċiment ħobż u nbid biex **jiftakru** fi Kristu kien jidher bla sens. Il-Kristjaneżmu deher li ma kien joffrilhom xejn ħlief wegħdi li *ma jidhrux*: sejħa tas-sema (Lhud 3:1), tabernaklu tas-sema (Lhud 9:23, 24), qassis kbir tas-sema (Lhud 8:1, 2), u pajjiż tas-sema (Lhud 11:16). Huma kellhom il-bżonn ta' reliġjon li kienu jistgħu *jarawha*: tempju viżibbli, saċerdozju viżibbli, u sagrifiċċju viżibbli. U għalhekk, marru lura għall-Ġudaiżmu, li huma ħasbu li kellu wisq aktar x'joffrilhom. Dawn l-istess problemi jinsabu llum fost ħafna nies li jippreferu l-Kattoliċiżmu Ruman, għaliex dan joffri l-istess affarijiet viżibbli li semmejt, minflok il-Kristjaneżmu Skritturali!

Il-Kattoliċiżmu Ruman iżomm illum attrazzjoni simili għal dawk li huma b'moħħ reliġjuż, imma ma sabux mistrieħ fix-xogħol **spiċċat** ta' Kristu. Dan joffrilhom reliġjon li huma jistgħu *jaraw*. Il-Knisja Kattolika Rumana tiddeskrivi lilha nfisha bħala "organizzazzjoni viżibbli" (Second Vatican Council, "*Dogmatic Constitution on the Church*," no. 8) u soċjetà viżibbli (Second Vatican Council*, "Dogmatic Constitution on the Church*, no. 8) bi "struttura viżibbli" (First Vatican Council, session 4*, "First Dogmatic Consititution of the Church of Christ*," chapter 1). Kull sagrament huwa "forma viżibbli għall-grazzja inviżibbli" (Konċilju ta' Trent, sezzjoni 13*, "Decree on the Most Holy Sacrament of the eucharist*," kapitlu 3). Dawn huma amministrati minn "saċerdozju viżibbli u estern" (Konċil-ju ta' Trent, sezzjoni 23, "*The True and Catholic Doctrine of the Sacrament of Order*," kapitlu 1), lid-dmirijiet primarji tie-għu huma li jaħfer id-dnubiet u joffri l-Quddiesa, "sagrifiċċju viżibbli (kif in-natura umana teħtieġ)" (Konċilju ta' Trent, sezzjoni 22, "*Teaching and Canons on the Most Holy Sacrifice of the Mass*," kapitlu 1) [1366].

## IL-QUDDIESA: L-IŻBALL KONTRA L-VERITÀ

| Il-Knisja Kattolika Tgħallem | Il-Bibbja Tgħallem |
|---|---|
| 1. L-Aħħar ikla kienet sagrifiċċju reali li fih id-demm ta' Kristu kien imxerred għal dnubietna fil-kalċi [610-611, 621, 1339]. | L-Aħħar Ikla kienet ikla ta' l-Għid. Id-demm ta' Kristu kien imxerred għal dnubietna *fis-salib*. (1 Pietru 2:24). |
| 2. Il-ħobż u l-inbid isiru l-l-ġisem reali ta' Kristu [1373-1377]. | Il-ħobż u l-inbid huma *simboli* tal-ġisem u d-Demm ta' Kristu (1 Korintin 11:23-25). |
| 3. Il-ġisem u d-demm ta' Kristu jeżistu għal kollox u kollha kemm huma f'kull Farka ta' ħobż u nbid ikkonsagrati f'kull Knisja | Kristu jinsab preżenti bil-ġisem *fis-sema* (Lhud 10:12-13). |

| | |
|---|---|
| Kattolika Rumana madwar id-dinja [1374, 1377]. | |
| 4. Il-ħobż u l-inbid ikkonsagrati huma ikel tas-sema li jgħinu lil wieħed jikseb il-ħajja eterna [1392, 1405, 1419]. | Il-ħobż u l-inbid huma simboli li jgħinu wieħed *jiftakar* fi Kristu (Luqa 22:19). |
| 5. Alla jixtieq li l-ħobż u l-inbid ikunu mogħtija qima bħala divini [1378-1381]. | Alla *jipprojbixxi* l-qima ta' kull oġġett, ukoll dawk intenzjonati biex jirrappreżentawh (Eżodu 20:4,5; Isaija 42:8). |
| 6. Kristu ordna ċerti rġiel għal saċerdozju ministerjali biex jipperpetwaw is-sagrifiċċju tas-salib [1142, 1547, 1577]. | Kristu ordna lil *kull min jemmen* għal saċerdozju qaddis u rjali biex joffru Sagrifiċċji spiritwali, it-tifħir ta' xofftejhom, u ħajja mogħtija lil Alla (1 Pietru 2:5-10; Lhud 13:15; Rumani 12:1). |
| 7. Is-sagrifiċċju tal-Quddiesa huwa s-sagrifiċċju tas-salib [1085, 1365-1367]. Huwa biss il-mod li fih hija offruta li hu differenti [1367]. | Is-sagrifiċċju tas-salib kien ġrajja storika. Din *ġrat darba*, bejn wieħed u ieħor 2000 sena ilu, barra Ġersualem (Mark 15:21-41). |
| 8. Is-sagrifiċċju tas-salib hu ipperpetwat fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa [1323, 1382]. | Is-sagrifiċċju tas-salib hu *mitmum* fis-salib (Ġwanni 19:30). |
| 9. Il-Quddiesa tagħmel lil | Kristu m'għandux ikun |

| | |
|---|---|
| Kristu preżenti fil-mewt u fl-istat Tiegħu ta' vittma [1353, 1362, 1364, 1367, 1409]. | ippreżentat fil-mewt u fl-istat Tiegħu ta' vittma, għaliex Hu qam u jinsab "*ħaj għal dejjem*" (Apokalissi 1:17, 18; Rumani 6: 9, 10). |
| 10. F'kull Quddiesa l-qassis jippreżenta mill-ġdid lill-Missier is-sagrifiċċju ta' Kristu [1354, 1357]. | Kristu ppreżenta s-sagrifiċċju Tiegħu Nnifsu lill-Missier "*darba għal dejjem* meta waslet il-milja taż-żminijiet" (Lhud 9:24-28). |
| 11. Il-Quddiesa hija sagrifiċċju bla demm li jpatti għad-dnubiet tal-ħajjin u tal-mejtin [1367, 1371, 1414]. | *Bla tixrid tad-demm* ma hemmx maħfra tad-dnubiet (Levitku 17:11; Lhud 9:22). |
| 12. Kull sagrifiċċju tal-Quddiesa jippaċifika l-korla ta' Alla kontra d-dnub [1371, 1414]. | Is-sagrifiċċju *ta' darba għal dejjem tas-salib* ippaċifika l-korla ta' Alla kontra d-dnub (Lhud 10:12-18). |
| 13. Il-fidili jirċievu l-benefiċċji tas-salib fil-qies l-aktar sħiħ permezz tas-sagrifiċċju tal-Quddiesa [1366, 1407]. | Emmiena jirċievu l-benefiċċji tas-salib fil-qies kollu fi Kristu *permezz tal-Fidi* (Efesin 1:3-14). |
| 14. Ix-xogħol sagrifiku tal-fidwa kontinwament jitkompla permezz tas-sagrifiċċju tal-Quddiesa [1364, 1405, 1846]. | Ix-xogħol sagrifiku tal-fidwa kien *spiċċat* meta Kristu ta ħajtu għalina fuq is-salib (Efesin 1:7; Lhud 1:3). |

| | | |
|---|---|---|
| 15. | Il-Knisja għandha tkompli s-sagrifiċċju ta' Kristu għas-salvazzjoni tad-dinja [1323, 1382, 1405, 1407]. | Il-knisja għandha *tipproklama* l-mewt tal-Mulej għas-salvazzjoni tad-dinja 1 Korintin 11:26). |

## KONKLUŻJONI

F'kamra ta' fuq, aktar minn kważi elfejn sena ilu, l-Ikla tal-Mulej u **mhux** il-Quddiesa kienet imwaqqfa f'mod kwiet ħafna (ara Mattew 26:26-29). L-Ikla tal-Mulej kienet imwaqqfa fil-Għid tal-Lhud (Mattew 26:26-29; Mark 14:22). Il-Mulej tagħna Ġesù Kristu ma awtorizzax monumenti li jiswew il-flus li l-għonja biss jistgħu jaffordjaw li jwaqqfu għall-**memorja** Tiegħu, imma dawk l-elementi sempliċi li jistgħu jkunu meħuda mid-dixxipli kollha madwar id-dinja kollha. Minkejja s-sempliċità tagħha, din qanqlet il-memorja ta' aktar nies minn kull monument ieħor. Il-qlub ta' presidenti u mexxejja kbar u nies komuni kienu milquta bl-osserv-azzjoni tagħha.

Ħaġa oħra ta' importanza, li forsi għal xi wħud tkun ta' sorpriża kbira, hija li l-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, ma titkellimx dwar "is-Sagrament" lanqas dwar "l-Ewkaristija," lanqas dwar "Quddiesa," iżda fiha aħna naqraw dwar "l-Ikla tal-Mulej," "il-mejda tal-Mulej," u "l-għaqda" (1 Korintin 11:20; Luqa 22:29,30; 1 Korintin 10:21; 10:16).

*L-Ikla tal-Mulej hija servizz ta' għaqda* (1 Korintin 10:16). Il-ħobż, meta mbierek ma jsirx il-ġisem letterali lanqas il-frott tad-dielja ma jsir id-demm letterali tal-Mulej għal min jieħu sehem. Iżda, dan isir *għaqda* tal-ġisem u tad-demm tal-Mulej.

> "*Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka mhuwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu mhuwiex għaqda mal-ġisem*" (1 Korintin 10:16).

Dan ma jfissirx li aħna nieklu l-ġisem letterali ta' Kristu, kif wieħed jista' jara mill-kontenut! Dawk li kellhom *għaqda* ma' l-artal ma kielux l-artal. Meta jintqal li huma jaqsmu fil-mejda tal-

Mulej, ifisser dan li huma kielu mejda letterali? Ċertament li le. Huma kielu l-ħobż u xorbu l-kalċi u kellhom *għaqda* ma' Kristu. Li toffri, jew tiekol, sagrifiċċju offrut lid-demonji (1 Korintin 10:20) huwa li jkollok *għaqda* mad-demonji l-istess kif li toffri jew tiekol il-ħobż u tixrob l-inbid huwa li jkollok għaqda ma' Kristu. Jekk l-għaqda ma' Kristu hija **letterali** allura l-għaqda mad-demonji għandha tkun ukoll **letterali**! Imma ċertament li ħadd ma jħaqqaqha illi li tiekol sagrifiċċju offrut lil demonju huwa li tiekol *letteralment* demonju!

*L-Ikla tal-Mulej hija servizz ta' ħajr*. "Wara li radd il-ħajr" eċċ. Min jieħu sehem għandu jrodd ħajr għall-ħobż u għall-frott tad-dielja, imma hu għandu jħares 'il fuq minn dawn l-emblemi u jagħti ħajr għas-sagrifiċċju ta' Kristu.

*L-Ikla tal-Mulej hija servizz ta' tifkira*. Ġesù qal, "*Agħmlu dan* ***b'tifkira*** *tiegħi*." L-għan ta' l-Ikla tal-Mulej huwa biex iżomm ħajja l-memorja prezzjuża ta' Kristu u dak li Hu għamel għalina.

*L-Ikla tal-Mulej hija wkoll proklamazzjoni publika*.

> "*Mela kull meta tieklu dan il-ħobż (mhux ġisem) u tixorbu dan il-kalċi (mhux demm), intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi*" (1 Korintin 11:26).

Fl-osservanza ta' l-Ikla tal-Mulej, id-dixxiplu fis-silenzju jipproklama lid-dinja l-mewt tal-Mulej.

*L-Ikla tal-Mulej hija servizz li jħares 'il quddiem f'antiċipazzjoni "sa ma jiġi*." Il-poplu ta' Alla huwa poplu b'futur—futur fis-smewwiet. Fis-sehem tagħhom ta' l-Ikla tal-Mulej il-Kristjani jżommu tama kbira f'li ġej għal dak il-futur.

*L-Ikla tal-Mulej hija wkoll servizz ta' eżami personali*.

> "*Ħa jgħarbel il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż (mhux il-ġisem letterali) u jixrob il-klaċi (mhux id-demm jew il-kalċi letterali, imma l-frott tad-dielja!*)."

L-Ikla tal-Mulej kienet impoġġija fis-Saltna ta' Ġesù. Ġesù qal,

> "*U bħalma Missieri ħejja saltna għalija, hekk ukoll jiena nħejji għalikom, biex tieklu u*

*tixorbu fuq il-mejda miegħi f'saltnati, u toqogħdu fuq tronijiet biex tagħmlu ħaqq mit-tnax-il tribù ta' Israel*" (Luqa 22:29-30).

Għalhekk, il-Mulej poġġa l-mejda Tiegħu fis-Saltna Tiegħu. Il-mistoqsija, naturalment tqum: Meta l-Ikla tal-Mulej għandha tkun osservata? Għandha din tkun osservata għal bosta drabi kuljum jew is-Sibt flok il-Ħadd kif jagħmlu l-Kattoliċi Rumani? Għandha din tkun osservata darba fix-xahar kif josservawha l-Battisti u oħrajn? Għandha din tkun osservata darba fis-sena kif josservawha x-Xhieda ta' Ġeħova? Il-Kelma ta' Alla tgħidilna ċar meta din għandha tkun osservata. Naqraw f'Atti 20:7,

> "***Fl-ewwel jum*** *tal-ġimgħa nġbarna flimkien biex naqsmu l-ħobż. Pawlu, li kellu jitlaq il-għada, qagħad jitħaddet magħna u dam jitkellem sa nofs-il-lejl*" (enfasi tiegħi).

Dan ma jistax ifisser servizz ta' kull sena jew ta' kull xahar jew ta' kuljum! Aħna qatt ma nirriferu għal xi ġrajja li ssir kull sena jew kuljum bħala li ġejja f'ċertu jum tal-ġimgħa. Għalhekk*, l-ewwel jum tal-ġimgħa* jispeċifika servizz ta' kull ġimgħa.

Il-Kristjani tal-bidu fehmu li l-Ikla tal-Mulej kienet ħaġa ta' qima regolari, u din kienet osservata *fl-ewwel jum* ta' kull ġimgħa fil-laqgħat regolari tagħhom. Ftakar, il-knisja f'Korintu kienet ordnata biex "*kull l-ewwel jum tal-ġimgħa*" twarrab xi ħaġa (1 Korintin 16:1,2). Imma kienet il-prattika tagħhom li jitlaqgħu flimkien biex jieklu (1 Korintin 11:33-34). Dan l-ikel kien l-Ikla tal-Mulej (Mattew 26:26-29; Atti 2:42; 1 Korintin 11:23-29). Mela, il-Kristjani tal-bidu kienu jiltaqgħu flimkien fl-ewwel jum ta' kull ġimgħa għal l-iskop biex jieklu l-Ikla tal-Mulej, kif ukoll għall-ħwejjeġ oħra ta' qima. Dak li jonqos milli jqim lil Alla hekk, b'dan il-mod, jagħmel dan għall-periklu ta' ruħu għaliex il-qima tiegħu ma tkunx "fl-ispirtu u fil-verità" (Ġwanni 4:23), imma tkun, kif igħid il-Mulej:

> "*Fiergħa hija l-qima li jagħtuni; igħallmu dottrina li mhix għajr preċetti tal-bnedmin*" (Mattew 15:8-9).

Iżda, wara li wieħed jistaqsi lilu nnifsu dwar dawn il-bidliet kollha u dwar dak li huwa jkun qiegħed jagħmel jew josserva, xi wħud jibqgħu jippreferu li jkomplu josservaw it-tagħlim tal-bnedmin milli jobdu l-Kelma ta' Alla. Dawn jippruvaw jiġġustifikaw lilhom infushom billi jġibu kull xorta ta' skuża għalkemm il-Kelma ta' Alla hija ċara ħafna dwar dan is-suġġett! Illum naraw li qegħdin jiġu ffurmati ħafna gruppi reliġjużi fi ħdan il-Knisja Kattolika Rumana, bħall-Kariżmatiċi, Neo-Katakumeni, Katakum-eni, u gruppi oħra ta' talb, imma dawn kollha huma ikkundannati fil-Kelma ta' Alla (1 Korintin 1:10-13; 3:2-11). Hemm biss "ġisem wieħed" (Efesin 4:4) u dan il-ġisem wieħed mhuwiex magħmul minn ħafna gruppi differenti imma minn Kristjani biss (Atti 11:26)!

Nagħlaq dan l-istudju bil-kliem tal-Mulej tagħna. Ġesù, waqt li kien qiegħed jikkundanna t-tradizzjonijiet tal-Fariżej, qalilhom hekk:

> "*Għax **Alla qal**,…Imma **intom tgħidu**,…*" (Mattew 15:4, 5. Enfasi tiegħi).

Illum aħna nistgħu napplikaw dan l-eżempju preċiżament għas-suġġett tagħna.

Il-Knisja Kattolika Rumana tgħid ("għax *intom tgħidu*") li fil-Quddiesa Ġesù qiegħed ikun issagrifikat mill-ġdid u mikul **letteralment**. [1357,1362, 1367]

L-Iskrittura Mqaddsa tgħid b'mod l-aktar ċar, ("*Imma Alla qal*") li,

> "*l-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu magħmula **darba għal dejjem**.*" (Lhud 10:10-14. Enfasi tiegħi).

Ġesù jgħid ukoll b'mod l-aktar ċar ("*Imma Alla qal*") li,

> "*Hu l-ispirtu li jagħti l-ħajja**, il-ġisem ma jiswa għal xejn***" (Ġwanni 6:63. Enfasi tiegħi).

Il-Bibbja Mqaddsa tgħid ukoll b'mod l-aktar ċar, ("*Imma Alla qal*"),

> "*Għalhekk aħna ma nagħarfu lil* ***ħadd skond il-ġisem***. ***Jekk għarafna*** *lil Kristu skond il-ġisem,* ***issa*** *ma* ***nagħarfuhx aktar hekk***" (2 Korintin 5:16. Enfasi tiegħi).

Il-**bniedem** jordna l-osservanza tal-Quddiesa. **Alla** jordna l-osservanza ta' Ikla tal-Mulej.

> "***Għidulna intom jekk hux sewwa quddiem Alla li aħna nisimgħu aktar minnkom milli minn Alla***." (Atti 4:19).

It-tweġiba tagħna għandha tkun l-istess tweġiba li taw l-appostli:

> "*Jeħtieġ nodu aktar* ***lil Alla milli 'll-bnedmin***." (Atti 5:29).

Wieħed għandu jżomm f'moħħu dak li jgħid il-Mulej fl-għeluq tal-Priedka Tiegħu tal-Muntanja:

> "M*hux kull min igħidli, 'Mulej, Mulej,' jidħol fis-saltna tas-smewwiet, iżda min* ***jagħmel*** *ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet! F'dak il-jum ikun hemm* ***ħafna*** *li jgħiduli, 'Mulej, Mulej, mhux* ***f'ismek*** *ħabbarna aħna? U mhux* ***f'ismek*** *keċċejna x-xjaten u* ***f'ismek*** *għamilna ħafna mirakli?' Imbagħad jien ngħidilhom, 'Lilkom qatt ma kont nafkom! Warrbu minn quddiemi, intom li tagħmlu l-ħażen!*" "*Għalhekk, kullmin jisma' dan kliemi* ***u jagħmel li qiegħed ngħid jien****, isir jixbaħ lil bniedem għaqli li bena daru fuq il-blat. Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik id-dar, iżda ma ġġarfitx, għax kellha s-sisien tagħha fuq il-blat. Imma kull-min jisma' dan kliemi* ***u ma jagħmilx li qiegħed ngħid jien****, isir jixbaħ*

*lil bniedem iblah li bena daru fuq ir-ramel. Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik id-dar, u ġġarfet;* ***u kbira kienet il-qerda tagħha!*** (Mattew 7:21-27, enfasi tiegħi).

Hija d-dar tiegħek mibnija fuq il-blat, fuq il-Kelma ta' Alla, jew fuq ir-ramel, fuq it-tagħlim tal-bnedmin? Jekk fuq it-tagħlim tal-bnedmin, allura l-Mulej igħidlek li **kbira se tkun il-qerda tiegħek.**